# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 7**

**Rikors kostituzzjonali numru 26/2013**

**Partit Nazzjonalista; Claudette Buttigieg; u Frederick Azzopardi**

***v.***

**Kummissjoni Elettorali; u b'dikriet tat-22 ta' Mejju 2013 issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali; u b'dikriet tal-11 ta' Lulju 2013 issejħu fil-kawża l-Onorevoli Edward Scicluna, Joe Debono Grech u Dr Justyne Caruana, u Edwin Vassallo; u b'dikriet tat-8 ta' Ġunju 2015 issejjaħ fil-kawża l-Partit Laburista**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti Kummissjoni Elettorali, Avukat Ġenerali, Edward Scicluna, Joe Debono Grech u Justyne Caruana, u Partit Laburista, u appell inċidentali tal-atturi Partit Nazzjonalista, Claudette Buttigieg u Frededick Azzopardi, u ta' Edwin Vassallo, imsejjaħ fil-kawża, minn sentenza mogħtija fis-26 ta' Mejju 2016 mill-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["l-Ewwel Protokoll"][1] minħabba irregolaritajiet li l-atturi jgħidu li seħħew waqt l-għadd tal-voti fl-elezzjoni ġenerali tal-2013, u tat rimedju għal dakil-ksur.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: Il-Partit Nazzjonalista kien wieħed mill-partiti politiċi li ressaq kandidati għall-elezzjoni ġenerali tad-9 ta' Marzu 2013, fosthom l-attriċi Claudette Buttigieg u l-attur Frederick Azzopardi [flimkien "id-Deputati Nazzjonalisti"].

3. L-attriċi Claudette Buttigieg, li kienet kandidata tal-Partit Nazzjonalista fuq it-tmien distrett, kienet eliminata fil-ħmistax-il għadd u flokha ġie elett il-konvenut Edward Scicluna, kandidat tal-Partit Laburista fuq l-istess distrett, u għalhekk ma ġietx eletta minn dak id-distrett għalkemm eventwalment ġiet eletta taħt il-mekkaniżmu tal-art. 52 tal-Kostituzzjoni[2]. L-atturi jgħidu illi dan ġara għax waqt l-għadd tal-voti ġie bi żball imwarrab pakkett ta' ħamsin (50) vot fejn l-istess attriċi kienet ingħatat l-ewwel preferenza. Li kieku dak il-pakkett ma

---

1 Artikolu 3. Il-Partijiet Għolja Kontraenti jobbligaw ruħhom li jżommu elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura.

2 **52.** … … … jekk jiġri li … … … l-proporzjon li n-numru ta' kandidati eletti akkreditati lill-partit li jkollu minoranza jkun jirrappreżenta fil-konfront tan-numru totali ta' membri eletti tal-Kamra tad-Deputati jkun inqas mill-proporzjon li n-numru ta' voti akkreditati lill-kandidati kollha tiegħu fl-ewwel għadd tal-voti kollha jkun jirrappreżenta fil-konfront tat-total ta' voti akkreditati fl-istess l-ewwel għadd mill-voti kollha lill-kandidati kollha tal-partiti kollha li jkollhom il-kandidati tagħhom eletti, in-numru tal-kandidati eletti tal-partit li jkollu minoranza għandu jiżdied b'numru ta' kandidati addizzjonali … … …

twarrabx, mit-tmien distrett kienet tiġi eletta l-attriċi Claudette Buttigieg flok il-konvenut Edward Scicluna.

4. L-attur Frederick Azzopardi, kandidat tal-Partit Nazzjonalista fuq it-tlettax-il distrett, ukoll kien eliminat mal-għaxar għadd u floku ġiet eletta l-konvenuta Justyne Caruana kandidata tal-Partit Laburista fuq l-istess distrett b'differenza ta' disa' voti. L-attur Frederick Azzopardi għalhekk ma ġiex elett mid-distrett tiegħu għalkemm eventwalment hu wkoll ġie elett taħt il-mekkaniżmu tal-art. 52 tal-Kostituzzjoni.

5. Fil-każ tal-attur Frederick Azzopardi ġara li fit-tmien għadd tal-voti, meta ġew trasferiti l-voti ta' Paul Buttigieg, kandidat ieħor tal-Partit Nazzjonalista, instab li kien hemm għaxar voti nieqsa. Meta rat hekk il-Kummissjoni Elettorali, flok fittxet li ssib il-voti nieqsa u tikkorreġi l-iżball, qieset dawn il-voti nieqsa bħala voti mhux trasferibbli u baqgħet għaddejja bil-għadd tal-voti. L-atturi jgħidu illi b'hekk il-Kummissjoni Elettorali "injorat ir-rieda tal-votanti f'dawk il-poloz u konsegwentement minflok ġie dikjarat elett [Frederick Azzopardi] ġiet dikjarata eletta kandidata oħra fuq id-distrett, Dr Justyne Caruana, kandidata mal-Partit Laburista.

6. L-atturi jgħidu illi b'dak li ġara ġarrbu preġudizzju mhux biss l-atturi Deputati Nazzjonalisti, għax ma ġewx eletti mid-distrett tagħhom bil-voti li huma kisbu, iżda ġarrab preġudizzju wkoll il-Partit Nazzjonalista għax f'ismu ġew eletti żewġ kandidati anqas milli kellhom jiġu eletti u għalhekk – wara l-elezzjoni ta' kandidati addizzjonali kif irid l-art. 52 tal-Kostituzzjoni – fil-Kamra tad-Deputati l-Partit Nazzjonalista

ġie li għandu disa' siġġijiet anqas mill-Partit Laburista meta d-differenza kellha tkun ta' seba' siġġijiet.

7. Igħidu wkoll l-atturi illi r-riżultat ma jirriflettix ix-xewqa u l-għażla tal-eletturi taż-żewġ distretti fejn kienu kandidati l-atturi Deputati Nazzjonalisti.

8. Dan, fil-fehma tal-atturi, wassal biex "ġie vjolat id-dritt għal elezzjonijiet liberi taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura u dan mhux biss għaliex ġew dikjarati eletti kandidati li ma kinux eletti skont ir-rieda tal-eletturi kif espressa fil-poloz tal-vot tagħhom iżda anke għaliex ma ġietx rispettata r-rieda tal-eletturi fit-tħaddim tal-formula ta' rappreżentazzjoni proporzjonali bejn in-numru ta' deputati u l-voti miġjuba minn partit politiku". Għalhekk l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tmien distrett … … … tmur kontra l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »2. tiddikjara li l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tlettax-il distrett … … … tmur kontra l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »3. tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex ċaħħdu lill-Partit Nazzjonalista milli jkollu wieħed jew żewġ kandidati eletti skont ir-rieda tal-votanti u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »4. tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex taw riżultat skorrett fuq ir-rappreżentanza proporzjonali skont ix-xewqa tal-elettur b'tali mod li effettwaw l-implimentazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u b'hekk id-distakk bejn in-numru tad-deputati mal-partit fil-gvern u dawk mal-partit fl-opposizzjoni huwa żbaljat, u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »5. tordna li jiġu indirizzati l-iżbalji magħmula mill-Kummissjoni Elettorali b'tali mod billi (1) r-riżultat elettorali jiġi korrett bin-numru ta' deputati eletti fil-Parlament li jirrifletti rappreżentanza proporzjonali skont l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u biex id-distakk ta' siġġijiet jinżel

għal seba' siġġijiet kif tipprovdi l-Kostituzzjoni kontra d-distakk ta' disa' siġġijiet kif wassal l-istess żball; (2) li l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura tiġi rispettata u dan ukoll billi (A) Claudette Buttigieg tiġi dikjarata li ġiet eletta skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali; u (B) Frederick Azzopardi jiġi dikjarat li ġie elett skont id-disposizzijonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali.;

»6. tagħti dawk ir-rimedji ulterjuri li jidhrilha xierqa u opportuni.«

9. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tmien distrett hija leżiva tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

»2. tilqa' t-tieni talba fil-konfront tal-Partit Nazzjonalista biss u tid-dikjara li l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tlettax-il distrett hija leżiva tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta Malta;

»3. tilqa' t-tielet talba fis-sens li tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex ċaħħdu lill-Partit Nazzjonalista milli jkollu lil Claudette Buttigieg bħala kandidata eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta Malta;

»4. tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex taw riżultat skorrett fuq ir-rappreżentanza proporzjonali skont ix-xewqa tal-elettur b'tali mod li effettwaw l-implimentazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u b'hekk id-distakk bejn in-numru tad-deputati mal-partit fil-gvern u dawk mal-partit fl-opposizzjoni huwa żbaljat, u kellu jkun ta' 38 deputat għall-Partit Laburista u 31 deputat għall-Partit Nazzjonalista u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

»5. tilqa' l-ħames talba limitatament billi tordna lill-Kummissjoni Elettorali tikkorreġi r-riżultat elettorali fis-sens li d-distakk ta' siġġijiet bejn il-partiti jinżel għal seba' siġġijiet kontra d-distakk ta' disa' siġġijiet kif wassal l-istess żball. Għaldaqstant tordna wkoll lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tiddikjara bħala eletti biex jimlew żewġ postijiet addizzjonali, żewġ kandidati tal-Partit Nazzjonalista li ġew akkreditati mill-Kummissjoni Elettorali bl-ogħla, jew bin-numru ta' voti li jmiss l-aktar għoli mingħajr ma jkunu ġew eletti, irrispettivament mid-distrett minn fejn inkiseb dan l-ogħla numru ta' voti jew ta' voti li jmiss l-aktar għoli, *a tenur* tal-artikolu 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dana kollu fi żmien xahar mil-lum;

»6. tilqa' s-sitt talba fis-sens fuq imfisser u fir-rigward tal-Onorevoli Claudette Buttigieg tiddikjara li l-mankanzi surriferiti fit-tmien distrett wasslu sabiex ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tiġi eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti. *Inoltre* tordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tagħmel dawk ir-regolamenti meħtieġa li eċċezzjonalment jipprevedu li jerġgħu jinfetħu l-għadd ta' voti li ġà ngħalqu.

»*Stante* l-importanza tal-kwistjonijiet legali mqajma f'din il-vertenza, kull parti tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.«

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni, safejn huma relevanti għall-meritu tal-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Illi r-rikorrenti jilmentaw li sofrew leżjoni fid-drittijiet fondamentali tagħhom kif sanċiti fit-termini tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem – Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, 'il quddiem imsejjah "Il-Konvenzjoni". Huma qed jitolbu dikjarazzjoni u rimedji effettivi billi jsostnu li kien hemm mankanza fil-proċess elettorali fl-elezzjonijiet ġenerali tad-9 ta' Marzu 2013, kemm fit-tmien distrett u fit-tlettax-il distrett, u li dawn il-mankanzi wasslu sabiex ċaħħdu lill-Partit Nazzjonalista milli jkollu wieħed jew żewġ kandidati eletti skont ir-rieda tal-votanti. Igħidu wkoll li tali mankanzi taw riżultat skorrett, b'mod li effetwa l-implimentazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Illi l-intimati u l-kjamati in kawża *eccetto* Edwin Vassallo issollevaw eċċezzjonijiet preliminari *oltre* eċċezzjonijiet sostantivi. Il-Kummissjoni Elettorali eċċepiet li:- i) mhix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri filwaqt li l-intimati u l-kjamati in kawża salv Edwin Vassallo eċċipew ukoll:- ii) in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-qorti; iii) ir-rikorrenti kellhom rimedji oħra disponibbli għalihom: iv) li l-azzjoni odjerna hija perenta billi ġiet preżentata *fuori termine*; v) in-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' Claudette Buttigieg u ta' Frederick Azzopardi; filwaqt li b'żjieda ma' dawn l-Avukat Ġenerali eċċepixxa wkoll vi) in kwantu li l-eżitu ta' dawn il-proċeduri jimpinġi direttament fuq id-drittijiet ta' persuni oħra eletti fil-Parlament, il-proċeduri ma jistgħux jipproċedu 'l quddiem mingħajr ma tingħata l-opportunità lil dawk il-membri parlamentari l-oħra li jkunu parti fil-proċeduri odjerni.

»Illi l-kjamat in kawża Edwin Vassallo eċċepixxa imbagħad li l-iżbalji in mertu wasslu sabiex hu qed jistenna li jiġi dikjarat elett f'każ li l-iżball jiġi rettifikat.

»Illi fil-mertu ġie eċċepit li fl-elezzjonijiet ġenerali tad-9 ta' Marzu 2013 l-Istat Malti b'rispett sħiħ lejn il-prinċipju tad-demokrazija osserva rigorożament l-obbligu tiegħu għal finijiet tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għax żamm elezzjoni libera f'intervall xieraq b'votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura. Ġie eċċepit mill-Kummissjoni Elettorali li ma kien hemm l-ebda leżjoni tad-dritt protett mill-artikolu 3 billi huwa importanti li l-komposizzjoni aħħarija tal-Kamra tad-Deputati tirrifletti fis-sustanza l-proporzjonijiet li l-partiti ġabu fuq l-ewwel għadd u dan indipendentement mill-ħdim tal-mekkaniżmi legali kontemplati biex dan il-persentaġġ jiġi rispettat. Għalhekk fis-sustanza ma kien hemm l-ebda leżjoni tad-dritt lamentat.

»Il-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti:

»Irriżulta li waqt il-proċess tal-għadd tal-voti fl-elezzjonijiet ġenerali tad-9 ta' Marzu 2013 saru żbalji konsistenti f'pakkett ta' ħamsin (50)

vot, bl-unijiet tal-kandidata tal-Partit Nazzjonalista Claudette Buttigieg fuq it-tmien distrett li ġie mqiegħed mal-voti tal-kandidat tal-PN Dr Michael Asciak. Irriżulta wkoll li fit-tlettax-il distrett kien hemm numru ta' voti, inqas minn għaxra, li ġew impoġġija f'pakkett skorrett, u ma ġewx konteġġjati. … … …

»Claudette Buttigieg ma ġietx eletta bi tmien voti biss, u l-Kummissjoni Elettorali mal-ħmistax-il għadd iddikjarat li kien elett Edward Scicluna, kandidat tal-Partit Laburista, minflokha. Frederick Azzopardi wkoll kien wieħed mill-kandidati fi ħdan il-Partit Nazzjonalista. Hu kkandida ruħu fuq it-tlettax-il distrett, hu ma ġiex elett b'disa' (9) voti biss u l-Kummissjoni Elettorali mal-għaxar għadd iddikjarat li kien elett kandidat ieħor, Dr Justyne Caruana mill-Partit Laburista, minfloku.

»Irriżulta wkoll li saru oġġezzjonijiet għal dawn l-iżbalji waqt il-proċess tal-għadd tal-voti, u sussegwentement ġew istitwiti proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali f'żewġ kawżi separati, u *cioè* <u>Frederick Azzopardi *v.* Kummissjoni Elettorali</u>, u <u>Claudette Buttigieg *v.* Kummissjoni Elettorali</u>, liema kawżi ġew deċiżi fit-13 ta' Marzu 2013.

»Fil-kawżi msemmija l-Qorti Kostituzzjonali ddeċiediet li l-atturi ma kellhomx interess ġuridiku biex imexxu l-azzjoni, u ħelset lill-Kummissjoni mill-ħarsien tal-ġudizzju.

»Illi l-Partit Nazzjonalista kien wieħed mill-partiti politiċi li ressaq kandidati għall-elezzjoni ġenerali li seħħet fid-9 ta' Marzu 2013 u li skont ir-riżultat maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali huwa ġie immarkat bl-ewwel preferenza fuq mija tnejn u tletin elf, erba' mija sitta u għoxrin (132,426) polza tal-voti mixħuta mill-votanti fuq firxa ta' tlettax-il distrett filwaqt li l-Partit Laburista ġab riżultat ta' 167,533 vot.

»Illi konsegwentement ġiet applikata l-proċedura hekk imsejħa tar-ripeskaġġ tal-voti stabbilita bl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta lill-Partit Nazzjonalista bħala l-partit li għandu minoranza parlamentari. Il-Partit Nazzjonalista ġie assenjat erba' siġġijiet addizzjonali li missew fost oħrajn lir-rikorrenti Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi.

»Ir-rizultat finali huwa distakk ta' disa' siġġijiet fil-Parlament bejn il-PL (39) u l-PN (30).

»… … …

»Ikun utili f'dan l-istadju li l-qorti tislet minn din ix-xiehda l-fatti ta' rilevanza li mhumiex in kontestazzjoni. Minn dak li ikkonstatat jirriżultaw is-segwenti fatti li ma hemmx kontestazzjoni dwarhom:

»• li l-proċess tal-għadd tal-voti fl-elezzjoni ġenerali tad-9 ta' Marzu 2013 tmexxiet [*recte* il-proċess … tmexxa] b'mod trasparenti, fejn il-partiti u l-kandidati kienu preżenti, *tramite* l-aġenti u delegati, f'kull stadju tal-għadd tal-voti u setgħu jirreklamaw id-diskrepanzi li rriżultaw mal-Kummissjoni Elettorali f'kull fażi tal-proċess;

»• lanqas hija in kontestazzjoni l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Kummissjoni Elettorali u li l-elezzjoni ġenerali kienet elezzjoni nadifa, ħielsa minn prattiċi korrotti (u ndħil barrani);

»• li l-unijiet tal-pakkett ta' ħamsin vot u tal-għaxar voti ġew akkreditati lill-Partit Nazzjonalista;

- li għal dak li jirrigwarda l-pakkett ta' ħamsin (50) vot li kienu miġbura fi *sleeve* jew *band* bl-isem ta' Michael Asciak, dawn kienu jappartjenu lil Claudette Buttigieg;
- l-Onor. Claudette Buttigieg kienet għadha ma ġietx eliminata bħala kandidata meta nstabu;
- dan il-pakkett instab meta fl-14-il *count* bdew jitqassmu l-voti ta' Michael Asciak;
- li saret protesta mill-kandidata u r-rappreżentanti tal-Partit Nazzjonalista iżda l-Kummissjoni Elettorali iddeċidiet li ma tistax skont il-liġi tiftaħ mill-ġdid għadd li jkun diġà magħluq u ppubblikat u għalhekk iddeċidiet li tkompli bl-għadd tal-voti;
- dawn il-50 vot ma ġewx magħdudin mal-voti ta' Claudette Buttigieg jew imnaqqsa mill-voti ta' Michael Asciak iżda ġew magħdudin man-*non transferable votes*;
- b'riżultat ta' dan ġie elett l-Onor. Dr Edward Scicluna bi 3,688 vot mentri Claudette Buttigieg spiċċat b'3,680 vot – distakk ta' 8 voti biss;
- sussegwentement Dr Scicluna ċeda s-siġġu tiegħu fid-distrett u ġie elett l-Onor. Joseph Debono Grech bil-*by election*;
- fit-tlettax-il distrett meta kien qiegħed isir it-tmien għadd tal-kandidat Paul Buttigieg sabiex jiġu trasferiti l-voti tiegħu nstab li kien hemm għaxar (10) voti neqsin billi minflok 678 kien hemm 668. Dawn il-voti baqgħu ma nstabux u l-Kummissjoni Elettorali iddeċidiet billi b'mod fittizju żiedet l-ammont ta' *non transferable vote*s għal 45 fejn fil-verità kien hemm biss 35 *non transferable vote*s;
- f'dan id-distrett ġiet eletta l-Onor. Dr Justyne Caruana bi 3,966 vot filwaqt li l-Onor. Frederick Azzopardi spiċċa b'3,957 vot – distakk ta' 9 voti;
- fit-8 distrett il-Partit Nazzjonalista kellu jtella' tliet kandidati u mhux tnejn filwaqt li fit-13-il distrett, jekk il-voti kienu jmissu lill-Onor. Frederick Azzopardi, ukoll kien itella' tliet kandidati eletti;
- ir-riżultat finali kien ta' 39 siġġu għall-Partit Laburista u 26 siġġu għall-Partit Nazzjonalista bbażat fuq *first count votes* u bl-applikazzjoni tas-sistema tas-*single transferable vote*. Bl-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, ir-riżultat finali hu ta' 39 siġġu għall-PL u 30 siġġu għall-PN – distakk ta' disa' siġġijiet;
- ir-rikorrenti l-Onor. Frederick Azzopardi u l-Onor. Claudette Buttigieg irrikorrew għall-Qorti Kostituzzjonali b'żewġ rikorsi separati li ġew deċiżi nhar it-13 ta' Marzu 2013;
- ir-rikorrenti l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Frederick Azzopardi ma ġewx eletti bil-kwota imma bl-operazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ripeskaġġ stipulat fl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 23 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap 354;

»• ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni dwar il-posizzjoni tal-kjamat in kawża Edwin Vassallo billi jirriżulta li f'każ li l-Onor. Claudette Buttigieg tkun ġiet eletta direttament kien jibbenefika Edwin Vassallo mir-raba' siġġu miżjud jekk bit-tħaddim tal-mekkanizmu tal-artikolu 52 ikun xorta jagħti riżultat ta' 4 siġġijiet żejda għall-partit rikorrent;

»Illi issa ser tgħaddi biex tindirizza l-eċċezzjonijet sollevati. Dawn tqajmu mill-intimati u mill-kjamati in kawża kollha *eccetto* Edwin Vassallo għalkemm jistgħu jirraffiguraw f'ordni differenti fir-risposti rispettivi tal-intimati u kjamati in kawża. Jingħad li l-kjamat in kawża Edwin Vassallo essenzjalment qabel mar-rikors promotur u mat-talbiet imressqa u għalhekk ma jqajjem l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet li ser jiġu hawn trattati u deċiżi.

»I <u>Eċċezzjonijiet dwar in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju</u>

»Illi tibda biex tissenjala li diversi mill-intimati eċċipew li l-ġudizzju f'din l-azzjoni ma kienx integru. Dan ġie sanat bil-kjamat in kawża tal-Avukat Ġenerali, u tal-Onor. Edward Scicluna, Joe Debono Grech, Dr Justyne Caruana u Edwin Vassallo, u fl-aħħar nett b'digriet ta' din il-qorti kif attwalment presjeduta bil-kjamat in kawża tal-Partit Laburista kif fuq premess.

»Għalhekk din l-eċċezzjoni hija sorvolata u l-qorti ser tastjeni milli tieħu aktar konjizzjoni tagħha.

»II <u>Eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-qorti</u>

»Ikkonsidrat li jekk din l-eċċezzjoni tintlaqa' tidderimi l-kwistjoni kollha u twassal għal-liberatorja fuq il-mertu. Għalhekk ikun utili li din il-qorti tiddisponi minn din l-eċċezzjoni l-ewwel, u f'każ li ma tintlaqax tin-dirizza l-eċċezzjonijiet preliminari rimanenti.

»Illi l-eċċezzjoni għandha tiġi indirizzata fuq żewġ binarji li huma mnisġin ma' xulxin:

»i. Il-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet kif ifformulati;

»ii. Il-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet fil-mertu in kwantu jirrigwardaw il-validità *o meno* ta' elezzjoni tad-deputati għall-Parlament u biex tagħti r-rimedji mitluba, materja li, skont l-eċċipjenti, hija fdata esklussivament lill-Qorti Kostituzzjonali mill-ogħla liġi tal-pajjiż – il-Kostituzzjoni ta' Malta.

i. <u>Il-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti sabiex tieħu konjizzjoni tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet kif ifformulati</u>

»Illi huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna li huma l-premessi u t-talbiet li jirradikaw il-kompetenza tal-qorti.

»Illi fil-kawża odjerna r-rikorrenti qegħdin jallegaw vjolazzjoni tad-dritt-ijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti fl-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) *stante* mankanzi fil-proċess elettorali fuq it-tmien u t-tlettax-il distrett u talbu wkoll rimedju għal tali allegata leżjoni.

»Illi fil-materja tad-drittijiet konvenzjonali, inkuż dawk invokati, jirriżulta mingħajr ombra ta' dubbju li l-kompetenza ta' din il-qorti hija radikata fermament fid-disposizzjoni tal-artikolu 4(1) u (2) tal-Kap. 319 tal-Liġi-jiet ta' Malta skont liema l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha ġurisdizz-

joni oriġinali sabiex tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn persuna li tallega xi wieħed mid-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fondamentali li jkun ġie, jew ikun x'aktarx ser jiġi, miksur dwarha.

»Jiġi rilevat ġà f'dan l-istadju li l-artikolu 4(1) tal-Kap. 319 ikompli hekk:

> "bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju."

»*Inoltre* l-artikolu 4(2) jiddisponi li din il-qorti, sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet u libertajiet invokati, "tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa" għal din il-finalità.

»Illi fid-dawl tal-premess, din il-qorti ma ssib l-ebda diffikoltà li tasserixxi l-ġurisdizzjoni tagħha biex tieħu konjizzjoni tal-azzjoni odjerna in kwantu hija ippernjata fuq allegat ksur ta' dritt konvenzjonali naxxenti mit-tielet artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (P1-A3) li tinkwadra perfettament fl-ambitu tal-ġurisdizzjoni oriġinali tagħha kif maħsub mil-leġislatur Malti fl-artikoli fuq ċitati, art. 4(1) u (2) tal-Kap. 319.

»Għalhekk l-eċċezzjoni f'dan is-sens hija respinta.

»ii. <u>Il-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet fil-mertu</u>

»Ikkonsidrat li P1-A3 tal-Konvenzjoni jiddisponi hekk:

> "Il-Partijiet Għolja Kontraenti jobbligaw ruħhom li jżommu elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura."

»Illi l-argument tal-intimati hu mibni fuq it-teżi li l-validità u r-regolarità ta' elezzjonijiet ta' membri tal-Parlament Malti hija materja riservata mill-Kostituzzjoni fil-kompetenza esklussiva tal-Qorti Kostituzzjonali u għalhekk il-Prim'Awla ma għandhiex kompetenza f'din il-materja. *Inoltre* jgħidu li r-rimedji mitluba, in kwantu jirrigwardaw il-komposizzjoni tal-Parlament, il-validità tal-elezzjoni, u l-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati, jew it-tħassir ta' elezzjoni jew tal-elezzjoni ta' xi membri tal-Kamra teżorbita kompletament mill-funzjonijiet u mill-poteri tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

»L-intimati, in sostenn tat-teżi tagħhom, jinvokaw is-supremazija tal-Kostituzzjoni u partikolarment l-artikoli 95(2)(*a*), (*b*), art. 56 u art. 63 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 115(1) u 117 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354).

»Ir-rikorrenti u l-kjamat in kawża Edwin Vassallo irribattew li b'din il-kawża qed jintalab li jiġu sindakati nuqqasijiet li seħħew fil-proċess elettorali fit-termini tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u mhux fil-konfront ta' xi regola preskritta f'xi liġi elettorali. It-talbiet tagħhom huma mmirati sabiex jiġi deċiż jekk in-nuqqasijiet humiex tali li jammontaw għall-ksur ta' dak l-artikolu. Jgħidu li l-ilment jindirizza l-kwistjoni jekk il-Kummissjoni Elettorali eżerċitatx id-diskrezzjoni u s-setgħa tagħha b'tali mod li vvjolat l-obbligu tal-istat sabiex iżomm u jmexxi elezzjonijiet b'rispett għar-rieda tal-votant skont il-Konvenzjoni.

»Ikkonsidrat li l-Kostituzzjoni tagħna hija l-liġi suprema tal-pajjiż u l-leġislatur Malti, għal raġunijiet storiċi, iddeċieda li jifformola dan il-prinċipju b'mod espress fl-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni skont liema il-Kostituzzjoni tipprevali fuq kull liġi ohra tant li tali liġi tkun bla effett "safejn tkun inkonsistenti".

»Illi wkoll il-Konvenzjoni Ewropea tokkupa posizzjoni speċjali fil-ġerarkija tal-liġijiet tagħna. Din il-posizzjoni hija kristallizata fl-artikolu 3 tal-Kap 319 li jiddisponi:

> »"**3**. (1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru, u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.
>
> »"(2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."

»Fid-definizzjoni ta' "liġi ordinarja" hija eskluża l-Kostituzzjoni (art. 2 tal-Kap. 319).

»Il-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-materja ta' elezzjonijiet fil-pajjiż temani mill-artikoli segwenti:-

»L-artikolu 56 tal-Kostituzzjoni jirregola l-votazzjoni u elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati li "għandhom jiġu eletti fuq il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali permezz ta' vot singlu trasferibbli …". Din l-elezzjoni għandha "tkun ħielsa minn attijiet illegali jew ta' korruzzjoni u ndħil barrani" (art. 56(1) u 2).

»Huwa d-dmir tal-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa taht l-istess Kostituzzjoni li tissospendi elezzjoni tal-membri tal-Kamra jew fid-distretti kollha jew f'xi wieħed jew aktar minnhom, jekk ikollha "raġuni xierqa li temmen li jkunu saru attijiet illegali jew ta' korruzzjoni jew reati oħra li għandhom x'jaqsmu mal-elezzjonijiet, jew kien hemm indħil barrani, u dawk l-attijiet, reati jew indħil ikunu pprevalew b'mod hekk estensiv jew ikunu ta' dik ix-xorta li raġonevolment ikunu mistennija li jkollhom effett fuq ir-riżultat tal-elezzjoni, fid-distretti elettorali kollha jew f'xi wieħed jew iktar minnhom". F'tali każ il-Kummissjoni għandha tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti Kostituzzjonali.

»Mhux biss imma kull votant li jista' jivvota f'dik l-elezzjoni għandu l-jedd li jirrikorri lejn il-Qorti Kostituzzjonali u jirreferi din il-kwistjoni jekk jeżistu tali ċirkostanzi u l-elezzjonijiet ma ġewx sospiżi, mhux aktar tard minn tlett ijiem wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat uffiċjali tal-elezzjoni (artiklu 56 (3), (4) u (5) tal-Kostituzzjoni).

»L-artikolu 63 tal-Kostituzzjoni jiddisponi li:

> »"**63**. Kull kwistjoni jekk -
>
> > »"(*a*) xi persuna tkunx ġiet eletta validament bħala membru tal-Kamra tad-Deputati;
>
> »"- *omissis* -
>
> »"għandha tiġi mressqa quddiem u deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali skont id-disposizzjonijiet ta' xi liġi li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta."

»Bl-artikolu 95(2)(*a*) tal-Kostituzzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali għandha ġurisdizzjoni originali *inter alia* [dwar]:-

»“(*a*) dawk il-kwistjonijiet li huma msemmija fl-artikolu 63 tal-Kostituzzjoni;

»“(*b*) kull ħaġa riferita lilha skont l-artikolu 56 ta’ din il-Kostituzzjoni u kull ħaġa riferita lilha skont kull liġi dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati;”

»*Inoltre* l-Qorti Kostituzzjonali tisma’ appelli minn deċiżjonijiet tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (art. 95(2)(*ċ*) tal-Kostituzzjoni) u skont l-artikolu 3(4) tal-Kap. 319 “b’żieda mal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni”.

»Il-kwistjoni ta’ kompetenza hija riflessa wkoll fil-Kap. 354 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn, fl-artikolu 115, jinsab dispost li:

»“**115.** (1) Il-kwistjonijiet kollha dwar il-jedd ta’ persuna li tkun jew li tibqa’ Membru tal-Kamra għandhom jinġiebu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u jiġu deċiżi minn din il-qorti....;”

»u fl-artikolu 117 hemm li:

»“**117.** Minkejja kull disposizzjoni oħra ta’ dan l-Att li biha d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tiġi stabbilita bħala waħda finali u/jew li minnha ma jista’ jsir ebda appell, dik id-disposizzjoni ma għand-hiex teskludi applikazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minn persuna li taġixxi biex tħassar elezzjoni, sew f’xi distrett wieħed biss jew fid-distretti kollha."

»Il-kompetenza ta’ din il-qorti f’din l-azzjoni tqajmet fis-sede ta’ appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali edotta mill-appell minn din il-qorti kif diversament presjeduta. Fis-sentenza tagħha tad-29 ta’ Mejju 2015 osservat li:-

»“**16**. Għalkemm ċertament hemm elementi komuni fi kwistjonijiet taħt l-art. 63 tal-Kostituzzjoni u dawk taħt l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll, ma għandhomx l-istess firxa, għax ma tistax teskludi *a priori* illi persuna tista’ tkun validament eletta taħt il-liġijiet elettorali u xorta ma jkunx tħares il-jedd taħt l-art. 3. Dan ikompli jindika illi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali taħt l-art. 63 tal-Kostituzzjoni ma teskludix dik tal-Prim’Awla taħt il-Kap. 319.

»“- *omissis*-

»“**19**. Dan jista’ jkun minnu iżda fl-aħjar ipotezi għall-appellanti jista’ *se mai* jolqot ir-rimedju li jista’ jingħata, fis-sens illi r-rimedju taħt il-Kap. 319 ma jistax ikun dak illi titħassar l-elezzjoni ta’ deputat, sabiex ma tiġix mhedda ċ-ċertezza fi żmien qasir li trid il-Kostituzzjoni. Li jista’ jingħata rimedju bla ma titħassar l-elezzjoni ta’ deputat jixhduh sentenzi mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ara *e.g.* Kovach v. l-Ukrajna[3] u Namat Aliyev v. Azerbaijan[4].

»Minn dan kollu premess din il-qorti tislet is-segwenti kostatazzjonijiet:

»1. Liġi ordinarja (bħal ma hi l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali – Kap. 354) tista’ tiġi dikjarata bħala mhux konformi mal-Konvenzjoni u sussegwentement tkun “bla effett” minkejja li mhix inkonsistenti mal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

[3] Q.E.D.B. 7 ta’ Frar 2008, rik. 39424/2002.

[4] Q.E.D.B. 8 ta’ April 2010, rik. 18705/2006.

»2. Li l-firxa tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll hija differenti mid-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni applikabbli għall-Elezzjonijet Ġenerali.

»3. Hija illogika u ta' kontrasens li wieħed jargumenta li l-applikazzjoni tal-Protokoll hija eskluża *a priori* meta Malta stess irratifikat dan il-Protokoll bħala parti mil-liġi tagħna mingħajr riserva. Tali argument ikun irendi bla sens ir-ratifika tal-Gvern Malti u jinnewtralizza dritt mogħti liċ-ċittadin Malti. Li kieku l-leġislatur Malti ried iżomm il-kompetenza esklussiva fil-materja ta' elezzjonijiet ġenerali (jew distrettwali) fi ħdan il-Qorti Kostituzzjonali bl-applikazzjoni biss tal-artikoli kostituzzjonali ċitati, allura ma kienx jirratifika t-tielet artikolu ta' dan il-Protokoll jew kien jagħmel ir-riservi appożiti. Huwa assodat li l-Konvenzjoni Ewropea toffri liċ-ċittadin rimedji u protezzjoni addizz-jonali għad-drittijiet u libertajiet fondamentali garantiti fil-Kostituzzjoni tagħna. Difatti l-ġurisprudenza tal-qrati tagħna hija mogħnija b'sentenzi fejn gew rikonoxxuti u applikati d-drittijiet konvenzjonali flimkien u addizzjonalment għal dawk kostituzzjonali.

»4. Ir-rikors promotur jirreferi ukoll għall-operat tal-Kummissjoni Elettorali, senjatament għad-deċiżjoni li ma jerġax jiftaħ għadd li ġà ngħalaq, u li jgħodd il-voti tal-kandidat Claudette Buttigieg u l-voti mitlufa mal-voti mhux trasferibbli, u għar-responsabbilità tal-istess Kummissjoni fit-treġija u fis-superviżjoni tal-elezzjonijiet. Dan l-aġir ġab konsegwenzi serji fuq ir-riżultat finali tal-elezzjoni f'Malta – kwistjoni li ser tiġi trattata fil-konsiderazzjonijiet fil-mertu tal-każ. F'ebda mument qed jiġu allegati li saru c*orrupt practices,* illegalitajiet gravi jew indħil barrani li huwa x-xenarju kkontemplat bl-artikolu 56 tal-Kostituzzjoni. Dan kollu jimpinġi fuq l-obbligu (pożittiv) tal-istat *tramite* wkoll l-aġenziji tiegħu biex jiżgura u jiggarantixxi d-drittijiet konvenzjonali taċ-ċittadin Malti.

»5. Lanqas m'hi, din l-azzjoni, l-*actio popolaris* permessa mill-Kostituzzjoni jew l-azzjoni kontemplata mill-Kostituzzjoni li tista' tiġi promossa mill-Kummissjoni Elettorali stess.

»6. Ir-rikors promotur jirreferi wkoll għad-drittijiet soġġettivi tal-kandidati Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi li mhux biss jiġu eletti, imma li jieħdu posthom in forza tal-elezzjoni diretta tagħhom. Dawn id-drittijiet jidħlu fl-ambitu tat-tielet artikolu tal-Ewwel Protokoll imma ma jimplikawx neċessarjament il-c*orrupt practices* jew illegalita-jiet previsti mill-Kostituzzjoni. *Inoltre* joħroġ mir-risposta tal-kjamat in kawża Edwin Vassallo li hemm kwistjoni wkoll dwar id-dritt soġġettiv tiegħu li jiġi elett b'effett tat-tħaddim tal-mekkaniżmu prospettat mill-Kostituzzjoni.

»7. Ir-rikors promotur huwa wkoll ippernjat fuq id-dritt allegat li r-riżultat elettorali għandu jirrispetta finalment ir-rieda tal-elettorat kemm fl-elezzjoni tal-membri li għalihom ivvota, imma wkoll fit-tħaddim tal-mekkaniżmu ta' ripeskaġġ, stabbilit mill-Kostituzzjoni stess. Ġie allegat li dak li seħħ ma rriflettiex fir-riżultat aħħari tiegħu x-xewqat tal-votanti fit-8 u fit-13-il distretti, u l-mekkanizmu tal-artikolu 52 ma pproduċiex ir-riżultat maħsub in kwantu wieħed jew tnejn mir-rikorrenti kandidati kellhom jiġu eletti bil-kwota, u in kwantu d-distakk bejn il-partijiet kien ikun inqas minn 9 siġġijiet.

»8. Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali, il-partiti politiċi m'għandhomx *locus standi* fl-azzjoni kontemplata fl-artikolu 56(5) tal-Kostituzzjoni li

tispetta lil "kull persuna li għandha dritt għall-vot f'dik l-elezzjoni". B'hekk kompliet:-

> »"Bl-interpretazzjoni li jridu l-konvenuti appellanti, partiti politiċi ma jkollhomx rimedju ġudizzjarju f'materja elettorali minkejja l-interess li wara kollox jinsistu li għandhom uħud mill-appellanti stess fl-aggravju – li nqisuh aktar 'il quddiem – dwar in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju għax il-Partit Laburista ma kienx parti fil-kawża quddiem l-ewwel qorti."

»9. Għal dak li jirrigwarda r-rimedji applikabbli, l-art 4(2) tal-Kap. 319 ma jorbotx idejn il-qorti li tista' tagħti kull forma ta' rimedju "li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq, tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna". Anke jekk huma imposti limitazzjonijiet kostituzzjonali, kif jargumentaw l-intimati u l-kjamati in kawża, b'dan ma jfissirx li din il-qorti m'għandhiex poter diskrezzjonali li tagħti rimedji oħra xierqa, inkluż b'dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet in mertu.

»Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti hija tal-fehma konsiderata li din il-qorti, bis-saħħa tal-ġurisdizzjoni oriġinali tagħha fil-materja tad-drittijiet u libertajiet fondamentali, għandha l-ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi din l-azzjoni, kif hekk promossa abbażi tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Għaldaqstant qed tiċħad din l-eċċezzjoni tal-intimati u tal-kjamati in kawża *eccetto* Edwin Vassallo.

»… … …

» V. <u>Ir-rikorrenti kellhom rimedji oħra effettivi disponibbli għalihom</u>

»Hu sottomess li r-rikorrenti jew min minnhom ma utilizzawx ir-rimedji previsti mil-liġijiet elettorali tempestivament, imma aġixxew wara li l-għadd in kwistjoni kien ingħalaq. Isegwi għalhekk li la mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti skont liġi oħra ordinarja, anke jekk huma ma użawhomx, ma jistgħux issa jadixxu quddiem il-qrati fil-vesti straordinarja tagħhom sabiex ifittxu lill-istat jew il-kummissjoni intimata għal xi ksur tad-drittijiet tagħhom.

»Din l-eċċezzjoni qed tigi ssollevata *ai termini* tal-*proviso* għall-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 (li huwa riflessjoni tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni).

»Illi minn eżami akkurat tal-*proviso* premess ma jirriżultax li l-leġislatur ried li jistabbilixxi bħala prinċipju assolut fil-liġi kostituzzjonali tagħna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha għandha dejjem u tassattivament teżawrixxi r-rimedji kollha disponibbli skont il-liġi ordinarja, inklużi dawk ir-rimedji li ma jkunux raġjonevolment mistennija li jkunu effettivi u aċċessibbli.

»… … …

»Illi l-intimati jissottolinejaw li l-liġi elettorali toffri rimedji opportuni lir-rikorrenti purkè dawn jintużaw tempestivament. Il-proċess tal-għadd tal-voti fih innifsu huwa strutturat sabiex jisgura trasparenza f'kull fażi tal-għadd, kif ukoll komunikazzjoni sħiħa bejn il-Kummissjoni Elettorali u l-kandidati, l-aġenti u d-delegati meta jinqala' xi żball. Kull kandidat jew kull persuna li tidher għalih jista' jitlob lill-kummissjoni biex terġa' teżamina u tgħodd il-poloz kollha jew polza li jkunu tlestew f'dak l-għadd. Kull kandidat jista' wkoll jirrikorri lill-Qorti Kostituzzjonali għar-rimedju opportun. L-intimati jsostnu li dawn ir-rimedji huma effettivi u

għalhekk qed jitolbu lil din il-qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita d-diskrezzjoni tagħha taht il-*proviso* msemmi.

»Ikkonsidrat li r-regolamenti 14 u 16 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 354 joffru rimedju effettiv iżda jistgħu jiġu eżerċitati biss f'terminu perentorju kif hemm stabbilit. Għar-rigward tad-dritt li kandidat jitlob *recount*, il-liġi stess ma tippermettix li kandidat jitlob *recount* ta' għadd ta' voti li jkun ġà ngħalaq.

»Illi fil-każ odjern, il-qorti hija soddisfatta li l-kandidati ma ħallewx l-opportunità tgħaddi inutilment u kapriċċożament, imma ma setgħux, fiċ-ċirkostanzi partikolari għal dan il-kaz, jindunaw bid-diskrepanzi li seħħew fl-għadd preċedenti.

»Illi dan jirriżulta mid-diversi testimonjanzi f'din il-kawża. Ir-rikorrenti affermaw li ma setgħux jindunaw bl-iżbalji meta saru sabiex iressqu protesta tempestivament. … … …

»… … …

»Huwa minnu li l-kummissjoni hija obbligata bil-liġi biex tassigura li l-proċess jkun jidher sew mill-kandidati u mill-aġenti u tagħmel kap hawnhekk għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamati in kawża li għamlet rassenja tad-diversi disposizzjonijiet li jirregolaw il-proċess u l-obbligi tal-kummissjoni fit-twettiq tar-responsabbilitajiet tagħha.

»Iżda dan ma jbiddilx dak li seħħ fil-każ odjern u huma dawn il-fatti li għandhom jiġu valutati minn din il-qorti.

»Illi fid-dawl tax-xiehda li ngħatat, din il-qorti tista' biss tikkonkludi li r-rikorrenti ma setgħux jindunaw bl-iżball waqt l-għadd li fih saru, u kien inutili għalihom li jipprotestaw l-iżbalji avverati għaliex l-kummissjoni ma setgħetx tordna li jerġgħu jinfetħu *counts* li ġà ġew magħluqa. Għaldaqstant għal dak li seħħ f'dan il-każ ma kellhomx rimedju effettiv disponibbli għalihom.

»Illi huwa minnu li l-Kostituzzjoni u l-liġi ordinarja jipprovdu għar-rimedju ta' aċċess ġudizzjarju. Iżda kwantu għall-Partit Nazzjonalista, riferibbilment għar-rikors lejn il-Qorti Kostituzzjonali, ġà ġie osservat li partit politiku m'għandux *locus standi* biex iressaq tali rikors. Huwa minnu li l-kandidati Buttigieg u Azzopardi utilizzaw dan ir-rimedju iżda l-Qorti Kostituzzjonali ma indirizzatx il-mertu tal-lanjanza tagħhom.

»Għalhekk il-qorti hi tal-fehma li m'għandhiex tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha *a tenur* tal-artiklu 4(2) tal-Kapitolu 319 u konsegwentement tiċħad din l-eċċezzjoni.

»VI <u>In-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti kollha</u>

»L-eċċezzjoni hija mfissra fis-sens li r-rikorrenti membri parlamentari l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Frederick Azzopardi m'għandhomx interess ġuridiku fil-proċeduri odjerni kif diġà ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2013.

»Intimament konnessa ma' din l-eċċezzjoni hija dik tar-*res judicata* sollevata mill-Partit Laburista fil-konfront tar-rikorrenti membri parlamentari, b'riferenza għall-proċeduri deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2013, li ser tiġi trattata in segwitu.

»Illi r-rikorrenti fir-rikors odjern jikkonsistu f'kandidati għall-elezzjoni kif ukoll f'partit politiku. L-interess ġuridiku tagħhom mhuwiex l-istess.

»L-interess tal-kandidati l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Frederick Azzopardi

»Ġie premess li ż-żewġ kandidati għall-elezzjoni, Claudette Buttigieg u Frederick Azzopard, soffrew preġudizzju billi ma ġewx dikjarati eletti fuq il-voti oriġinali mogħtija lilhom u minflok ġew dikjarati eletti bil-mekkaniżmu stabbilit bl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni.

»Skont l-intimati u l-kjamati in kawża, ladarba ir-rikorrenti membri rreferew il-każ tagħhom lill-Qorti Kostituzzjonali, li tat deċiżjoni, anzi, iżjed minn hekk, iddikjarat li ma kellhomx iżjed interess ġuridiku fir-rikors tagħhom, hija [*sic*] mankanti l-interess tagħhom f'din l-azzjoni.

»… … …

»Illi l-Qorti Kostituzzjonali, fit-13 ta' Marzu 2013, fiż-żewġ rikorsi separati msemmija, iddeċidiet li d-deċiżjoni tagħha ma kienet ser tagħmel l-ebda differenza għall-posizzjoni legali tar-rikorrenti u għalhekk kien karenti l-interess rikjest mil-liġi:-

> »"F'kull każ, iżda, l-attur sejjer jiġi elett bis-saħħa tal-art. 52(1) tal-Kostituzzjoni u għalhekk ma huwa sejjer iġarrab ebda preġudizzju. Tassew illi l-attur jilmenta illi għandu interess illi jiġi elett bħala deputat 'oriġinali' mid-distrett tiegħu u mhux bħala deputat 'addizzjonali'. Dan iżda ma huwiex interess ġuridiku għax taħt il-liġi s-siġġijiet 'addizzjonali' għandhom l-istess siwi u privileġġi bħal dawk 'oriġinali.'

»u lliberat lill-Kummissjoni Elettorali mill-osservanza tal-ġudizzju.

»Ikkonsidrat li r-rikorsi imsemmija gew intavolati quddiem il-Qorti Kostituzzjonali a tenur tal-artikolu 16(1) tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 354 tal-Liġijet ta' Malta fuq kwistjoni ta' trasferiment ta' voti filwaqt li l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq dritt konvenzjonali. Għalhekk l-interess ġuridiku f'din l-azzjoni jissusisti jekk ir-rikorrenti jitqiesu li huma "vittmi" *ai fini* tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea.

»Ikkonsidrat iżda li l-kunċett ta' *vittma* huwa kunċett awtonomu li jingħata interpretazzjoni mill-Qorti Ewropea indipendentement mill-interpretazzjoni mogħtija fil-liġi domestika. … … …

»Illi għal dak li jirrigwarda t-tielet artikolu tal-Ewwel Protokoll, il-Qorti Ewropea, ġà fis-sena 1987 fil-każ Mathieu-Mohin and Clerfayt *v.* Belgium[5] irriteniet li d-drittijiet garantiti b'dak l-artikolu jinkludu wkoll drittijiet soġġettivi ta' parteċipazzjoni fil-proċess elettorali -: "*the 'right to vote' and the 'right to stand for election to the legislature*'". *Inoltre* "*Article 3 of Protocol No. 1 (P1-3) to the Convention guarantees the individual's right to stand for election and, once elected, to sit as a Member of Parliament (No. 10316/83, Dec. 7.3.84, D.R. 37, p. 129,133)*".

»Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-qorti, l-interess ġuridiku tar-rikorrenti kandidati mhix limitata [*sic*] għall-interess li jiġu eletti, imma anke li "kull vot tiegħu jigi magħdud għalih u mhux jintrema" (nota sottom. tar-rikorrenti). Dwar dan jirriżulta mill-provi li l-voti ta' Claudette Buttigieg kif ukoll l-għaxar voti mitlufa fit-13 distrett ġew magħduda mal-voti mhux trasferibbli u effettivament intremew, ġew skartati u ma ġewx imfittxija.

---

[5] Q.E.D.B. 2 ta' Marzu 1987, § 51, rik. 9267/1981.

»Illi *inoltre* l-interess tagħhom huwa fir-rimedju mitlub fir-rikors fejn qed jitolbu li b'rispett lejn il-prinċipju ta' demokrazija effettiva u r-rieda tal-elettorat jigu dikjarati eletti direttament skont is-suffraġju elettorali li vvotalhom u mhux bl-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ripeskaġġ.

»<u>L-interess ġuridiku tal-Partit Nazzjonalista</u>

»Il-Partit Nazzjonalista, bħala partit politiku, ippremetta li sofra preġudizzju għaliex bl-iżball tal-Kummissjoni Elettorali ġew dikjarati eletti kandidati tal-Partit Laburista minnflok kandidati tal-Partit Nazzjonalista fiż-żewġ distretti elettorali. Mhux biss, iżda konsegwentement il-Partit Nazzjonalista minħabba dan l-iżball ġie dikjarat li eleġġa biss sitta u għoxrin (26) deputat fil-Parlament Malti meta fil-verità Claudette Buttigieg u/jew Frederick Azzopardi kellhom jingħaddu mal-membri eletti fit-Tmien u fit-Tlettax-il Distretti f'isem il-Partit Nazzjonalista.

»Illi ġie premess ukoll li l-Partit Nazzjonalista sofra preġudizzju billi, meta ġiet applikata l-proċedura maħsuba f'artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u nħadmet il-formula hemm provduta, ir-rappreżentanza parlamentari tal-Partit Nazzjonalista ddgħajfet għaliex id-differenza bejn in-numru ta' deputati għall-partit fl-opposizzjoni u dak għall-partit fil-gvern safa ta' disgħa (9) u mhux ta' sebgħa (7) kif kellu jkun altrimenti.

»Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti li l-Partit Nazzjonalista indubbjament għandu l-interess ġuridiku li jipproponi din l-azzjoni. Dan ġie rikonoxxut mill-Qorti Kostituzzjonali fl-appell intavolat *inter alia,* mill-Partit Laburista, mis-sentenza ppronunzjata minn din il-qorti … … … tal-5 ta' Frar 2015, u fejn konsegwentement dik is-sentenza ġiet imħassra fuq punt proċedurali *stante* li l-ġudizzju ma kienx integru.

»Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet li :

> »"26. Fil-fatt, kontra dak li jingħad fit-tweġiba tal-atturi, ma jistax jingħad illi s-sentenza appellata ma tolqotx l-interess ġuridiku tal-Partit Laburista. Hekk kif il-leġittimazzjoni attiva tal-Partit Nazzjonalista hija msejsa fuq l-interess illi għandu jkollu aktar siġġijiet biex id-distakk bejnu u l-partit l-ieħor ikun ta' seba' siġġijiet flok disgħa, hekk ukoll il-leġittimazzjoni tal-Partit Laburista hija msejsa fuq l-interess li d-distakk ta' disa' siġġijiet li għandu fuq il-partit l-ieħor ma jonqosx għal sebgħa. L-interessi taż-żewġ partiti huma identiċi għalkemm opposti għal xulxin, u daqskemm għandu interess ġuridiku wieħed daqstant għandu l-ieħor."

»Il-qorti taqbel ma' dak hawn fuq imfisser u hi tal-fehma li l-interess ġuridiku tar-rikorrenti kollha jissussisti għall-fini ta' din l-azzjoni konvenzjonali.

»Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

» VII <u>*Res judicata*</u>

»Illi l-Partit Laburista ssottometta li r-rikors promotur ġie intavolat "biex jirraġġira l-konsegwenzi tal-prinċipju ta' *res judicata stante* li fil-każijiet taż-żewġ kandidati l-Qorti Kostituzzjonali diġà iddeċidiet b'mod li ma kienx favorevoli għalihom".

»… … …

»Ikkonsidrat li ż-żewġ azzjonijiet imsemmija ġew intavolati a bażi tar-regolament 16(1) tat-13-il Skeda tal-Kap 354 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li l-azzjoni odjerna għandha bħala l-bażi ġuridika tagħha d-

drittijiet garantiti fil-Konvenzjoni Ewropea. Il-*causa* ġuridika hija distinta u indipendenti minn dik li kienet il-bażi tal-azzjoni taż-żewġ kandidati fil-proċeduri anteċedenti, u, kif ġie ġà kkostatat, il-firxa tad-dritt invokat f'dawk l-azzjonijiet u f'din attwali hija differenti. *Inoltre* l-Qorti Kostituzzjonali ma ppronunzjatx ruħha fuq d-dritt sostantiv invokat imma għaddiet biex illiberat lill-Kummissjoni Elettorali mill-osservanza tal-ġudizzju billi laqgħet eċċezzjoni proċedurali ta' nuqqas ta' interess ġuridiku. Din l-eċċezzjoni ma ntlaqgħetx f'dawn il-proċeduri u għalhekk ma jistax jingħad li hemm riżoluzzjoni definittiva minn qorti fuq l-istess kawżali bħal dik li tat lok għall-azzjoni odjerna.

»Illi għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

»<u>Konsiderazzjonijiet fil-mertu</u>

»L-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporat fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li:

> »"Il-Partijiet Għolja Kontraenti jobbligaw ruħhom li jżommu elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura."

»… … …

»[Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem] fil-kaz ta' <u>Mathieu-Molin and Clerfayt *v.* Belgium</u>[6]**,** fissret in-natura tad-drittijiet garantiti f'dawn it-termini:

> "51. As to the nature of the rights thus enshrined in Article 3 (P1-3), the view taken by the Commission has evolved. From the idea of an "institutional" right to the holding of free elections (decision of 18 September 1961 on the admissibility of application no. 1028/61, <u>X *v*. Belgium</u>, Yearbook of the Convention, vol. 4, p. 338) the Commission has moved to the concept of "universal suffrage" (see particularly the decision of 6 October 1967 on the admissibility of application no. 2728/66, <u>X *v*. the Federal Republic of Germany</u>, *op. cit*., vol. 10, p. 338) and then, as a consequence, to the concept of subjective rights of participation – the "right to vote" and the "right to stand for election to the legislature" (see in particular the decision of 30 May 1975 on the admissibility of applications nos. 6745-6746/76, <u>W, X, Y and Z *v*. Belgium</u>, *op. cit.*, vol. 18, p. 244). The Court approves this latter concept."

»Din it-tifsira hija *ormai* assodata fil-ġurisprudenza tal-Qorti f'Strasbourg.

»… … … din il-qorti, wara li eżaminat il-provi, tikkonkludi li huwa ppruvat:-

»Fit-Tmien Distrett:

»1. li fit-tmien distrett pakkett sħiħ ta' ħamsin unijiet ġew allokati erronjament lill-Michael Asciak;

»2. li dawn kienu indiskuttibilment voti li ngħataw mill-elettorat lil Claudette Buttigieg;

»3. li nstabu meta nfetħu l-voti ta' Michael Asciak sabiex isir il-proċess ta' trasferiment tal-voti;

6 Q.E.D.B. 2 ta' Marzu 1987, rik. 9267/1981.

»4. li minnkejja li kollox kien ċar, baqgħu ma ġewx assenjati lil Claudette Buttigieg skont ir-rieda tal-elettorat;

»5. li minnkejja dan kollu magħruf, dawn il-voti ntremew billi ġew magħduda mal-voti mhux trasferibbli;

»6. li minħabba dan kollu l-Partit Nazzjonalista ġie mċaħħad milli jkollu tliet kandidati minflok tnejn f'dak id-distrett;

»7. li Claudette Buttigieg ġiet imċaħħda milli tkun eletta bil-kwota;

»8. li wara li nħadmet il-formola, Edwin Vassallo ġie eskluż mill-Parlament inġustament;

»9. li dak li seħħ fil-voti ta' Claudette Buttigieg kien magħruf lill-Kummissjoni Elettorali u fil-kuntest storiku, reali u politiku tal-elezzjonijiet f'dan il-pajjiż numerikament żgħir, l-impatt ta' din is-sitwazzjoni fuq ir-riżultat aħħari ta' numru ta' membri eletti u tas-siġġijiet kien prevedibbli għall-Kummissjoni Elettorali.

»Fit-Tlettax-il Distrett:

»1. li għaxar voti sparixxew malli beda jsir it-trasferiment ta' voti tal-kandidat tal-PN Paul Buttigieg fit-tmien għadd;

»2. li dawn baqgħu ma nstabux;

»3. li ma jirriżultax li saret tfittxija jew indaġni f'dan l-għejbien;

»4. li sakemm beda t-tmien *count*, l-għadd preċedenti kien ġie irri-konċiljat;

»5. li iżda ma hemmx provi sal-grad rikjest mil-liġi li dawn il-voti kienu ser imissu lil Frederick Azzopardi u għalhekk lanqas jirriżulta li l-Partit [Nazzjonalista] seta' jtella' t-tielet kandidat minn dan id-distrett.

»Illi l-fatt li jsiru żbalji ma jassolvix lill-Kummissjoni Elettorali mid-dmir-ijiet tagħha ta' treġija korretta tal-proċess sħiħ elettorali. *Multo magis* f'elezzjoni ġenerali meta r-rieda tal-elettorat tingħata vuċi diretta fl-għażla tal-leġislatura hu [*sic*] li tirrappreżenta l-espressjoni demokratika tas-saħħa tal-poplu biex iżżomm ir-riedni kontra abbuż ta' poter. Il-Kummissjoni Elettorali f'dawn iż-żewġ distretti naqas fid-dmirijiet tiegħu [*sic*] ta' treġija tal-proċess elettorali billi ħalla li jsiru dawn l-iżbalji li fil-kuntest ta' pajjiż numerikament żgħir, fejn l-istorja tgħallimna li numru żgħir ta' voti jagħmel id-differenza, jitqiesu grossolani. Fir-rigward tal-għaxar voti, anke jekk hu minnu li dan in-numru, kif intqal fix-xiehda, hu wieħed insinifikanti komparat mal-voti kollha f'dak id-distrett, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-voti sparixxew. Voti ma jisparixxux waħidhom b'kumbinazzjoni, u f'ammont li jwaqqa' l-elezz-joni ta' kandidat bil-kwota. Dan l-akkadut huwa suspettuż fl-agħar ipotezi, u inaċċettabbli fl-aħjar ipoteżi. Dawn il-voti kellhom jinstabu.

»Illi għalhekk il-qorti ssib li saru mankanzi fiż-żewġ distretti elettorali, iżda, għal dak li jirrigwarda r-rimedji mitluba, l-impatt jirriżulta biss fuq ir-rikorrenti Claudette Buttigieg u mhux fuq Frederick Azzopardi billi ma hemmx provi sal-grad rikjest bil-liġi li l-voti tat-13-il distrett kienu jmissu lilu.

»Fil-każ odjern il-qorti hija soddisfatta li l-kandidati, delegati u aġenti tagħhom ma setgħux jindunaw bl-iżbalji meta saru. In effett lanqas il-Kummissjoni Elettorali ma ndunat bl-iżbalji tempestivament. Iżda l-Kummissjoni, *tramite* l-aġenti tagħha, kellha tinduna b'dawn il-

mankanzi meta hija l-entità vestita bir-responsabilità sħiħa tat-treġija tal-proċess elettorali u għandha s-sistemi kollha biex tassigura li tali żbalji ma jfeġġux.

»Minn apprezzament ta' dak li ġara, din il-qorti tosserva li fiż-żewġ każijiet, fl-aħħar analiżi, voti validi ma ġewx trasferiti skont kif previst mill-istess regolamenti elettorali. Fil-każ ta' Claudette Buttigieg, ma hemm l-ebda dubbju li l-voti kienu *first preference votes* mogħtija lilha. Mhux biss ma ġewx trasferiti lilha bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *single transferable vote* li huwa l-pedament tas-sistema elettorali tagħna, imma saħansitra 'intremew'. Dan il-fatt waħdu, għal din il-qorti, jaqbeż il-limitu tas-sempliċi żball inkonsegwenzjali u uman prospettat mill-intimati. Seta' kien hemm żball fl-allokazzjoni oriġinali ta' dan il-pakkett ta' voti lil Michael Asciak, senjatament meta ġew marbuta b'*sleeve* mitkuba addirittura *a mano* b'ismu minflok bl-isem tal-kandidata Buttigieg. Iżda ma kienx hemm superviżjoni xierqa u responsabbli mill-Kummissjoni Elettorali kif iridu l-Kostituzzjoni, liġi elettorali u l-Konvenzjoni. Sussegwentement kien b'deċiżjoni tal-istess kummissjoni li dawn il-voti 'intremew' billi tpoġġew fil-*limbu* tal-voti mhux trasferibbli. Dan l-aġir imur kontra l-ispirtu stess tal-Kostituzzjoni, tal-liġi elettorali tagħna, u tal-Konvenzjoni, u baqa' ma ġiex rettifikat.

»Huwa minnu li mix-xiehda irriżulta li l-Kummissjoni Elettorali ħadet id-deċiżjoni li l-voti jmorru man-*non transferable votes* b'konsultazzjoni u saħansitra qbil mad-delegati tal-partiti iżda dan ma jbiddilx il-fatt li r-responsabilità aħħarija taqa' fuq spallejn il-Kummissjoni Elettorali, u fuq l-istat, biex jiġi żgurat riżultat li jirrispekkja r-rieda tal-poplu fil-limiti tal-Konvenzjoni. Ir-responsabilità fl-aħħar mill-aħħar hija tal-istat *tramite* l-kummissjoni u d-deċiżjoni aħħarija hi tal-Kummissjoni Elettorali.

»Hawnhekk ġie sottomess li l-Partit Nazzjonalista kien fil-gvern fi żmien l-elezzjoni in mertu. Iżda l-Partit Laburista qed jikkonfondi partit politiku ma' gvern u dan l-argument lanqas jimmerita li jiġi approfondit.

»Illi d-differenza bejn il-voti ta' Edward Scicluna li gie elett (3,688) u dawk ta' Claudette Buttigieg (3,680) kienu ta' tmien (8) voti, u dana minkejja li l-kummissjoni kienet konxja li kien hemm ħamsin vot ta' Buttigieg li ma ġewx ikkalkolati mal-voti tagħha. Il-kummissjoni ma ħadet ebda azzjoni ulterjuri u ddikjarat lil Edward Scicluna elett.

»Illi ġie allegat li l-kandidati ma segwewx il-proċedura ikkontemplata bit-tlettax-il Skeda tal-Kap. 354 u li l-Kummissjoni Elettorali hija bil-liġi impeduta milli tmur lura fl-għadd tal-voti fejn l-għadd ġà ingħalaq. Din il-qorti ma taqbilx mat-teżi tar-rikorrenti li l-kummissjoni setgħet *sua sponte* tiftaħ il-*counts* preċedenti. Dan joħroġ minn qari tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 354, partikolarment ir-regolament numru 14[7] ma jippermettux lill-Kummissjoni li terġa' tiftaħ għadd ta' voti li hu ġà magħluq. … … …

[7] "**14**. Kull kandidat, jew il-persuna li tidher floku, jista', wara kull għadd li jkun sar, jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' teżamina u tgħodd il-poloz kollha jew polza li jkunu tlestew f'dak il-għadd, u l-Kummissjoni għandha minnufih teżamina u tgħodd mill-ġdid dawn il-poloz skont ma jiġi mitlub mingħajr ma tagħmel ebda tibdil fit-taqsim tal-poloz li jkun hemm f'dawk il-mazzi, ħlief meta jkun meħtieġ li jsir dan it-tibdil minħabba xi żball li jinsab fil-għadd li jkun reġa' sar. Il-Kummissjoni tista' wkoll skont il-fehma tagħha terġa' tgħodd il-poloz għal darba jew iżjed, kull meta ma tkunx żgura mill-għadd ta' qabel; għalkemm b'dan kollu il-Kummissjoni ma hijiex fid-dmir li tgħodd mill-ġdid il-poloz għal iktar minn darba."

»Hu eskluż għalhekk li bl-applikazzjoni tar-regolamenti elettorali jista' jintalab lill-Kummissjoni Elettorali li jsir għadd mill-ġdid ta' għadd li jkun ġà ġie magħluq. Huwa minnu li dan seħħ waqt elezzjoni lokali f'Ħaż Żebbuġ fejn il-kummissjoni ordnat li l-għadd tal-voti jerġa' jibda mill-bidu nett. Iżda din il-qorti hi tal-fehma li dan mhuwiex permess mir-regolamenti attwali għalkemm dan ma jillimitax il-poteri tal-Qorti Kostituzzjonali li tista' tħassar elezzjoni u tordna li l-poloz kollha jew parti minnhom jerġgħu jiġu magħdudin sabiex jaraw sewwa r-riżultat tal-elezzjoni (regolament 15 tat-13-il Skeda u l-artikolu 56(3), (4) u (5) tal-Kostituzzjoni). L-istess regolament 15 jipprovdi kif isir dan il-proċess.

»Iżda l-azzjoni odjerna ġiet istitwita b'forza tal-garanziji sanċiti fil-Konvenzjoni Ewropea. Ġà fil-każ ta' <u>Calleja *v.* Kummissjoni</u>[8], il-Qorti Kostituzzjonali asseriet il-kompetenza tagħha fejn "rikors seta' biss isir meta jkun ġà ġie materjalment jirriżulta provat li kien hemm irregolarità fil-għadd jew fit-trasferiment tal-voti li jiġġustifikaw l-intervent ta' din il-qorti bħala l-aħħar rimedju biex jiġi assigurat proċess elettorali nadif, liberu u, sa fejn hu possibbli, ħieles minn kull żball kif rikjest mil-liġi u mir-regolamenti b'mod li sewwa jkun jirrifletti l-volontà popolari". Jiġi notat li din il-kawża kienet tirrigwarda elezzjoni każwali – dawn il-prinċipji japplikaw *multo magis* f'elezzjoni ġenerali.

»*Inoltre*, f'din il-kompetenza, lanqas hu meħtieġ li l-applikant ikun segwa l-proċeduri ta' kontestazzjoni stabbiliti fil-liġi elettorali. Difatti l-Partit Nazzjonalista mhuwiex kandidat u ma setax jinvoka r-regolamenti msemmija.

<u>Konklużjoni tal-qorti – sejba ta' responsabilità</u>

»Fid-dawl tal-premess l-aċċertamenti li qed isiru f'din l-istanza jmorru *ben oltre* sempliċi żball f'għadd partikolari għaliex jindirizzaw id-drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni anke fid-dawl tal-ispirtu tal-Konvenzjoni u tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta. Sar ħafna diskors dwar l-ħtieġa ta' ċertezza f'elezzjonijiet, u n-neċessità tat-terminu qasir għar-reviżjoni tar-riżultati, u li l-kaz odjern jikkonċerna żbalji u mhux *corrupt practices.* Izda hu daqstant fondamentali għad-demokrazija fil-pajjiż, li tispira l-liġi fondamentali tagħna, li r-rieda tal-elettorat tiġi rispettata u li ma jsirux żbalji ta' tali portata li jirrovexxjaw jew li jimminaw ir-rieda espressa tal-votant. Dan mhuwiex eżerċizzju li jitħalla fl-astratt imma jissarraf fi drittijiet reali.

»Illi din il-qorti għandha tassigura li tigi rispettata d-demokrazija effett-iva li hija l-pedament tad-demokrazija mħaddna fil-Kostituzzjoni tagħna u garantita kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea. Fil-kaz odjern kien hemm falliment fis-sistema tal-proċess elettorali li ma jindirizzax l-iżbalji li seħħew u ma joffrix rimedju billi seħħew f'*counts* antecedenti. Difatti l-Kummissjoni Elettorali ma setgħetx tirrimedja l-iżbalji bl-applikazzjoni tan-normi *in vigore* imma kellha tirrikorri għal finzjonijiet billi ddikjarat, bħala voti non trasferibbli, voti li kienu validi u kellhom jiġu rispettati, u, *inoltre*, ipprovat tirrimedja voti mitlufa b'sempliċi *reconciliation exercise* fittizju. Għalkemm kienet qed isegwi "*legitimate aim*" fid-deċiżjoni tagħha, l-effett ta' tali deċiż-jonijiet, u tan-nuqqas ta' sorveljanza f'mumenti kruċjali tal-proċess tal-għadd, kellhom effett sproporzjonat fuq ir-riżultat aħħari tal-elezzjoni

[8] Kost. 20 ta' Ottubru 1998.

kif imfisser fis-sistema elettorali tagħna msejjes ukoll fuq ir-rappreżentanza tal-partiti politiċi fil-Parlament.

»Dawn il-mankanzi, flimkien mal-mankanzi fis-sorveljanza tal-proċess, interferixxa [*sic*] fl-espressjoni ħielsa tar-rieda tal-elettorat fl-elezzjoni ġenerali tal-2013.

»Għal dawn il-motivi kollha l-qorti ser tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet in kwantu li sabet li hemm mankanzi fit-tmien u fit-tlettax-il distretti elettorali li jwasslu għall-vjolazzjoni tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

»Tilqa' t-tielet talba fis-sens li l-mankanzi msemmija wasslu sabiex ċaħħdu lill-Partit Nazzjonalista milli jkollu kandidat elett skont ir-rieda tal-votanti fit-tmien distrett iżda mhux fit-tlettax-il distrett, ukoll bi ksur tal-artikolu Konvenzjonali ċċitat.

»Fir-rigward tal-Onor. Claudette Buttigieg, dawn il-mankanzi wasslu sabiex ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tiġi eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti.

»Tiddikjara li l-intimat Kummissjoni Elettorali flimkien mal-Avukat Ġenerali għall-Istat Malti huma responsabbli għall-ksur tal-imsemmi artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

»<u>Ir-raba' talba</u>

»<u>L-impatt fuq id-distribuzzjoni tas-siġġijiet fil-Kamra tad-Deputati</u>

»Konsegwenza ulterjuri tal-mankanzi misjuba hija li bis-sistema matematika sanċita bl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (ripeskaġġ) id-differenza ta' deputati fil-Parlament bejn il-Gvern u l-Opposizzjoni hija skorretta billi għandha tkun ta' seba' deputati u mhux disgħa kif inhi qiegħda llum. … … …

»… … …

»Il-Partit Laburista saħaq li t-teżi tar-rikorrenti ma tirrispettax dan il-prinċipju billi d-distakk bejn il-voti li ġabu ż-żewġ partiti fl-aħħar elezzjoni diġà mhux rifless proporzjonalment fin-numru attwali ta' allokazzjoni ta' siġġijiet parlamentari.

»Illi dan l-argument mhuwiex korrett għaliex is-sistema tagħna hija intrinsikament marbuta mal-formola ta' allokazzjoni ta' siġġijiet stabbilita bl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni. Din il-formola hija tassattiva. Il-mekkaniżmu ġie introdott fil-Kostituzzjoni għar-ragunijiet politiċi u storiċi li jagħmlu parti mill-mixja ta' dan il-pajjiż lejn demokrazija effettiva u li mhux il-lok li l-qorti tidħol fihom.

»*Inoltre* kif tinħadem din il-formola hija mfissra bl-eżatt fl-artiklu 52 tal-Kostituzzjoni u fir-regolament 23 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 354.

»Il-Professur Anton Buhagiar, *lecturer* l-Università ta' Malta fil-matematika, spjega kif tinħadem il-formula matematika tar-ripeskaġġ skont artikolu 52 tal-Kostituzzjoni b'riferenza għar-riżultat ottjenut fl-aħħar elezzjoni ġenerali. In-numru ta' siġġijiet dikjarati mill-kummissjoni fl-aħħar elezzjoni bl-applikazzjoni tas-*single transferable vote* kien ta' 39 (PL) u 26 (PN). Bir-*ratio votes to seats* skont il-mekkaniżmu formolatiku (li mhix soġġetta għall-interpretazzjoni) ir-riżultat finali (dak attwali) hu ta' 39 siġġu (PL) u 30 siġġu (PN) – distakk ta' disa' siġġijiet.

»Billi din il-Qorti … laqgħet it-teżi li l-Partit Nazzjonalista kellu jtella' tliet (3) kandidati fit-tmien distrett biss, japplika t-tieni xenarju kkalkolat mix-xhud. Il-*first count votes* dejjem baqgħu l-istess iżda l-partiti kellhom jispiċċaw bi 38 siġġu (PL) u 27 siġġu (PN).

»Il-qorti ser tipproduċi l-*workings* tal-Professur Buhagiar bħala parti minn din is-sentenza. Il-formola tinħadem hekk:

| *Party* | *PL* | *PN* |
|---|---|---|
| *First count votes* | *167,533* | *132,426* |
| *Seats* | *38* | *27* |
| *Ratio votes/seats*[9] | *4,408* | *4,904* |
| *Votes PN/*l-inqas *ratio* | *132,426/4,408* | *30.04* |

---

| | | |
|---|---|---|
| *Amended number of seats* | *38* | *30.04* |

*Total number of seats - 68.04*

*Nearest odd number = 69*

---

*Final seats using art. 52:*

*PL 38*

*PN 69 - 38 = 31*

»Għalhekk filwaqt li l-Partit Nazzjonalista xorta għandu jingħata 4 siġġijiet żejda, id-distakk finali bejn il-partiti għandu jkun ta' seba' siġġijiet u mhux disa' siġġijiet.

»Dan xehdu l-istess Prof. Anthony Buhagiar, fejn qal li mill-kalkoli li għamel hu, minħabba l-kwistjoni fil-każ odjern il-Partit Nazzjonalista kellu jingħata żewġ siġġijiet oħra.

»Konsegwenza oħra tirriżulta mix-xiehda tal-Maġġur Vanni Ganado:

> "Kieku telgħet Claudette (Buttigieg) kienet tinqala' mill-erbgħa (4) …, għax kienet tkun eletta, u mat-tlieta l-oħra li huma Frederick (Azzopardi), Carmelo (Mifsud Bonnici) u Paula (Mifsud Bonnici) kien jidħol Edward Vassallo u kienet tiġi *thirty eight* (38) *thirty one* (31)."

»Għaldaqstant għal dawn il-motivi tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-mankanzi li nstabu fil-proċess elettorali taw riżultat skorrett fuq ir-rappreżentanza proporzjonali skont ir-rieda tal-elettorat b'mod li effettwaw l-implimentazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u b'hekk il-Partit Nazzjonalista kellu jtella' 31 kandidati filwaqt li l-Partit Laburista kellu jtella' 28 kandidati – distakk ta' 7 siġġijiet u mhux 9 siġġijiet fil-Kamra tad-Deputati, u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

<u>Il-ħames talba – rimedju</u>

»Illi r-rikorrenti qed jitolbu li din il-qorti tordna li jiġu indirizzati l-iżbalji magħmula mill-Kummissjoni Elettorali b'tali mod billi (1) r-riżultat

---

[9] Dan jinħadem billi in-numru ta' voti miġjuba mill-partit jiġi diviż bin-numru ta' siġġijiet biex joħroġ ir-*ratio*. Imbagħad l-inqas *ratio* jittieħed bħala l-bażi tal-formola.

elettorali jiġi korrett bin-numru ta' deputati eletti fil-Parlament li jirrifletti rappreżentanza proporzjonali skont l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u biex id-distakk ta' siġġijiet jinżel għal seba' siġġijiet kif tipprovdi l-Kostituzzjoni kontra d-distakk ta' disa' siġġijiet kif wassal l-istess żball; (2) li l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura tiġi rispettata u dan ukoll billi (A) Claudette Buttigieg tiġi dikjarata li ġiet eletta skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali; u (B) Frederick Azzopardi jiġi dikjarat li ġie elett skont id-disposizzijonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali. Waqt li hemm qbil li din il-qorti tista' tagħti rimedju limitatament għall-dikjarazzjoni ta' leżjoni, l-intimati u l-kjamati in kawża, *eccetto* Edwin Vassallo, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti tagħhom, irribattew li r-rimedji l-oħra mitluba pależament jeżorbitaw mill-funzjoni u mill-poter ta' din il-qorti.

»<u>Sottomissjonijiet</u>

»Il-Kummissjoni Elettorali ssottomettiet li l-funzjoni elettiva tispetta lill-poplu u la l-qorti u lanqas l-kummissjoni ma jistgħu jippretendu li jissupplixxu xi nuqqas billi jgħaddu għan-nomina huma ta' membri tal-Parlament: "hija suffiċjenti dik il-kostatazzjoni (li hemm ksur) u ma hux leċitu li wiehed jintrometti ruħu fil-funzjoni rappreżentattiva billi jippretendi li għandu poter jaltera l-komposizzjoni tal-Parlament. Din il-komposizzjoni tista' tiġi alterata biss mill-poplu f'elezzjoni ħielsa in rispett tal-artikolu 3". Għaldaqstant jargumentaw li r-rimedji li huma a disposizzjoni ta' din il-qorti huma dawk li jindirizzaw is-sistema elettorali u limitatament għal dik is-sistema.

»Illi l-Avukat Ġenerali ssottometta li l-kompitu ta' din il-qorti huwa li tanalizza l-kompatibilità tal-proċess elettorali li minnu qed jilmentaw ir-rikorrenti mal-Konvenzjoni Ewropea u li l-iskop tal-Konvenzjoni Ewropea huwa sabiex jiġu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-i*standards* huwa rimedju ewlieni. L-allokazzjoni ta' aktar siġġijiet qatt ma jista' ikun rimedju ġust u kostituzzonjali peress li tali tibdil jimpinġi fuq il-Kostituzzjoni li tista' tinbidel biss bil-mod hemm prevvist u "jeżorbita l-mansjonijiet tal-ġudikatura".

»Il-kjamati in kawża (*eccetto* Edwin Scicluna [*recte*, Vassallo) issottomettew li jekk tilqa' t-talba għar-rimedju kif proposta, din il-qorti tkun qed tibdel arbitrarjament il-komposizzjoni tal-Parlament u possibbilment taffettwa l-jeddijiet ta' terzi li mhumiex parti f'din il-kawża f'każ li tassenja xi voti lil xi kandidat u mhux lil ieħor. *Inoltre* dak li jridu r-rikorrenti jista' jwassal għal preċedent perikoluż in kwantu li, kontrarjament għal dak li trid il-Kostituzzjoni, ir-riżultat elettorali jibqa' inċert għal xhur u snin bir-riperkussjonijiet legali u kostituzzjonali serji dwar il-legittimità tal-leġislatura u l-liġijiet kollha li tkun għamlet.

»Il-Partit Laburista ssottometta li l-qrati mhumiex aditi minn liġijiet ordinarji bħal ma huwa l-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta biex jintromettu fil-komposizzjoni tal-Kamra tad-Deputati. Din hija materja li taqa' fil-forum politiku f'sens istituzzjonali u mhux partiġjan għaliex huwa l-poplu li jista' jinċidi fuq tali komposizzjoni. Ikun preċedent perikoluż ħafna li qorti li mhix kostituzzjonali u li hija ta' prim'istanza tintrometti ruħha f'dan il-kamp. Tant huwa minnu dan li anke l-istess deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea, anke fejn sabu li hemm ilment fondat, dejjem taw kumpens u qatt ma intromettew fil-komposizzjoni tal-Parlament.

»Illi l-qorti hija ferm konxja li din il-kawża hija bla preċedent f'pajjiżna. Għalkemm kien hemm diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali adita

fit-termini tal-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni, u tal-artikoli rilevanti tal-Kap. 354, din hija l-ewwel vertenza fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha bħala qorti tal-ewwel istanza, hija adita biex tiddeċiedi, mhux fit-termini tal-Kostituzzjoni jew tal-liġi elettorali, imma fit-termini tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Illi bħala l-ewwel ħsibijiet tagħha, tikkonsidra li huwa minnu li Kap. 319 hija liġi ordinarja *vis-à-vis* il-Kostituzzjoni, imma lanqas hija ġerarkiment fl-istess grad bħal-liġijiet ordinarji oħra billi tipprevali fuq dawk il-liġijiet f'każ ta' inkonsistenza. Isegwi għalhekk li fejn il-liġi elettorali ma tipprovdix rimedji effettivi u adegwati sabiex dak li seħħ f'din il-kawża jiġi indirizzat, dik il-liġi titqies li tikkozza mal-Konvenzjoni u tiġi rimedjata anke bis-saħħa tal-poteri mogħtija lil din il-qorti. Il-qorti tifhem li lanqas għandu jkun hemm il-ħtieġa li tordna reviżjoni tal-liġi elettorali u r-regolamenti relattivi billi temmen li l-Kummissjoni Elettorali tieħu nota ta' din is-sentenza u tgħaddi regolamenti appożiti sabiex każijiet simili ma jerġgħux jirrepetu ruħhom. Fost l-emendi li għandhom jiġu kkonsidrati huma d-dritt tal-partiti politiċi li jingħataw aċċess lill-Qorti Kostituzzjonali, aċċess li sallum huwa riżervat għall-persuni li jistgħu jivvotaw f'dik l-elezzjoni. Lanqas hu l-kompitu ta' din il-qorti biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni Elettorali fl-istudju u tfassil ta' emendi mistħoqqa.

»Ikkonsidrat ukoll li, kontrarjament għal dak allegat mill-intimati, il-Kostituzzjoni ma tillimita s-setgħat tal-organu ġudizzjarju b'ebda mod u għalhekk din il-qorti ma taqbilx mat-teżi, kif impostata, li huwa l-elettorat biss li għandu l-poter li jaltera l-komposizzjoni fil-Parlament. Anzi l-Kostituzzjoni u l-liġi elettorali jipprovdu għal rimedji ġudizzjarji f'każijiet ta' offiżi fil-proċess elettorali (*electoral offences*). Dawn ir-rimedji huma espressament vestiti fil-Qorti Kostituzzjonali iżda dan ma jalterax il-fatt li huma rimedji ġudizzjarji, fejn il-qorti għandha poteri l-aktar ampji. Skont l-artikolu 56(5) tal-Kostituzzjoni l-Qorti Kostituzzjonali jkollha s-setgħa li tannulla l-elezzjoni, fid-distretti elettorali kollha jew f'wieħed jew aktar minnhom, għal kull waħda mir-raġunijiet imsemmija f'dawk is-subartikoli, u li tagħti dawk id-direttivi u ordnijiet u li tagħti dawk ir-rimedji jew provvedimenti oħra li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi u b'mod partikolari biex tiżgura li elezzjoni ħielsa, minflok dik li tkun ġiet annullata, issir mill-aktar fis possibbli. Dawn is-setgħat huma "bla ħsara għal kull setgħat oħra" li għandha l-qorti.

»Għalhekk meta, bħal ma ġara fil-każ odjern, l-elettorat tkellem, u l-voti tal-elettorat ma ssarfux skont is-sistema elettorali viġenti tagħna f'rappreżentanza kif trid il-Kostituzzjoni, r-rimedju mitlub mir-rikorrenti mhuwiex ser ifisser xi użurpazzjoni u straripament tar-rieda tal-poplu imma jservi biex iwettaq u jirrispetta dik ir-rieda b'mod effettiv.

»*Inoltre* din il-qorti ma taqbilx mat-teżi li d-dritt garantit mill-artikolu 3 jindirizza biss is-sistemi elettorali. Huwa paċifiku *ormai* li tali dritt jinkorpora drittijiet soġġettivi li huma d-dritt għall-vot u d-dritt "*to stand for election*". Din il-qorti temmen li hija diffiċli għall-Qorti Ewropea li tintrometti direttament fl-elezzjonijiet nazzjonali u jista' ikun għal din ir-raguni li r-rimedji offruti huma ta' natura ta' kumpens pekunjarju anke għal *non pecuniary damages.* Imma din il-limitazzjoni ma tapplikax għal din il-qorti li taġixxi fl-ambitu nazzjonali bħala waħda mill-organi tal-istat u għandha funzjonijiet derivattivi mill-Kostituzzjoni stess biex tagħti effett lid-disposizzjonijiet u lill-prinċipji fondamentali li jispiraw il-Konvenzjoni. Fost dawn il-prinċipji hemm dik tad-demokrazija effettiva.

»Ikkonsidrat ukoll li din il-qorti hija adita fit-termini tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta li tapplika l-Konvenzjoni Ewropea bħala parti mil-liġijiet tagħna. Il-qorti terġa' tagħmel riferenza għall-artikolu 63 flimkien mal-artikolu 95(2)(*a*) tal-Kostituzzjoni fejn hija l-Qorti Kostituzzjonali li għandha ġurisdizzjoni originali f'kull kwistjoni jekk persuna tkunx ġiet eletta validament bħala membru tal-Kamra tad-Deputati u f'kull ħaġa riferita lilha skont l-artikolu 56 tal-istess Kostituzzjoni u skont kull liġi dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati. Dawn l-artikoli, flimkien mal-artikolu 117 tal-Kap. 354, jirreferu għall-kompetenza oriġinali tal-Qorti Kostituzzjonali.

»Illi din il-qorti ġà stabbiliet il-kompetenza tagħha f'din l-azzjoni u għaldaqstant għandha l-obbligu bħala organu tal-istat li tagħti rimedju effettiv fejn tinsab leżjoni tad-drittijiet u libertajiet fondamentali. Għandha s-setgħat li tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna (art 4(2) tal-Kap. 319).

»<u>Konklużjonijiet dwar ir-rimedju applikabbli</u>

»Il-qorti tagħmel żewġ konsiderazzjonijiet ewlenija:

»1. Ir-rimedju ġudizzjarju għar-reviżjoni mill-Kummissjoni Elettorali ma setax jiġi utilizzat mir-rikorrenti skont l-liġi ordinarja (artikolu 16(1) tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 354) billi ma kienx permess mir-regolament 14 li jerga' jsir *recount* fil-fatti konkreti ta' dan il-każ. F'dan ir-rigward, għalhekk, l-istess liġi elettorali u l-proċess elettorali falla l-ispirtu u t-*test* tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll billi wassal għal riżultati li preveddibilment kienu jew seta' kienu anomali u kontrarji għar-rieda espressa tal-elettorat.

»2. Fil-każ ta' partiti politiċi lanqas għandhom *locus standi* quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Ir-riferenza għall-partiti politiċi ddaħħlet fil-Kostituzzjoni bl-emendi introdotti għall-artikolu 52 bl-Att IV tal-1987 mingħajr, iżda, xi riflessjoni fl-artikolu 56 jew fit-Tlettax-il Skeda li jirregolaw id-dritt għall-aċċess ġudizzjarju. Fil-fehma tal-qorti din hija *lacuna* li għandha tiġi indirizzata.

»Ikkonsidrat li huwa minnu li l-qrati tagħna, u anke l-Qorti Ewropea, ġieli ippronunzjaw ruħhom fis-sens li dikjarazzjoni ta' leżjoni hija biż-żejjed bħala *just satisfaction.* Iżda l-qorti mhix tal-fehma li għandha tieqaf hawn. Sa fejn hu possibbli għandha tiżgura li d-drittijiet leżi jissarrfu f'rimedji prattiċi u effettivi, kif trid id-demokrazija reali u ħajja mfissra fil-Kostituzzjoni u fil-liġi.

»Illi din il-qorti hija ben konxja li l-apprezzament tagħha mhuwiex wieħed illimitat imma huwa arġinat bil-konsiderazzjoni taċ-ċertezza u stabbilità li huma prinċipji gwida fil-materja elettorali. Dan gie aċċennat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Mejju 2015 fejn irrimarkat li "fl-aħjar ipoteżi għall-appellanti jista' *se mai* jolqot ir-rimedju li jista' jingħata, fis-sens illi r-rimedju taħt il-Kap. 319 ma jistax ikun dak illi titħassar l-elezzjoni ta' deputat, sabiex ma tiġix mhedda ċ-ċertezza fi żmien qasir li trid il-Kostituzzjoni. Li jista' jingħata rimedju bla ma titħassar l-elezzjoni ta' deputat jixhduh sentenzi mogħtija mill-

Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ara *e.g.* Kovach *v.* l-Ukrajna[10] u Namat Aliyev *v.* Azerbaijan[11].

»Madanakollu l-qorti hi tal-fehma li s-sanar tal-mankanzi mhuwiex ser ihedded iċ-ċertezza tal-elezzjoni. Kollox jiġi valutat fil-kuntest tiegħu, u rimedju effettiv u prattiku mhuwiex ser jirrovexxja l-maġġoranza bejn il-partiti fil-Kamra tad-Deputati, jew joħloq inċertezza f'dak li jirrigwarda l-validità tal-liġijiet promulgati mil-leġislatura attwali.

»*Inoltre* l-argument li jista' jinħoloq preċedent perikoluż għandu l-valur tiegħu iżda l-qorti tifhem li l-Kummissjoni Elettorali u l-Parlament għandhom jieħdu miżuri effettivi sabiex il-preċedent fattwali maħluq b'din il-kawġa jigu indirizzati [*recte,* il-preċedent … jiġi indirizzat] mill-aktar fis. B'hekk il-perikolu aċċennat, jekk hu reali, jiġi imwarrab mil-legislatur.

»Dikjarazzjoni ta' leżjoni fil-każ tal-Onor. Claudette Buttigieg

»Madanakollu din il-qorti hi tal-fehma li fil-każ tal-Onor. Claudette Buttigieg dikjarazzjoni li kellha tiġi eletta bil-kwota u mhux bis-sistema ta' ripeskaġġ għandha tkun soddisfaċjenti biżżejjed. Kwalsiasi rimedju li ser jingħata mhu ser ibiddel xejn mill-istat attwali tagħha ta' membru tal-Kamra tad-Deputati u hi tgawdi l-istess privileġġi u drittijiet bħal kull membru ieħor.

»Rimedji oħra

»*Inoltre* din il-qorti taqbel li rimedju li jolqot membri ġà eletti jesorbita mill-kompetenza tagħha u saħansitra jista' jimmina l-legalità tal-operat tal-Parlament sallum kif ukoll joħloq proprju dak l-istat ta' inċertezza li l-leġislatur tagħna, ġustament, jrid jevita. Kien ikun ben altru li kieku l-Kostituzzjoni tagħna ma tipprovdix għall-aċċess għall-ogħla organu ġudizzjarju tal-pajjiż. Madanakollu ma hemm xejn li jiċċirkoskrivi l-awtorità ta' din il-qorti sabiex tagħti rimedji u ordnijiet oħra prattiċi u ġusti biex id-distakk jiġi indirizzat u dan billi tordna li tiġi applikata l-formola studjata tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni.

»Hi tal-fehma li dan ir-rimedju huwa l-aktar prattikabbli, u ma jirrap-preżentax theddida għaċ-ċertezza fil-governanza attwali tal-pajjiż billi l-membri li ġew eletti jibqgħu jokkupaw posthom fil-Parlament.«

11. Il-qorti mbagħad għaddiet biex tagħti r-rimedji msemmija fuq[12].

12. Minn din is-sentenza appellaw: l-Avukat Ġenerali b'rikors tad-9 ta' Ġunju 2016; l-imsejħa fil-kawża Justyne Caruana, Joe Debono Grech u Edward Scicluna [flimkien "id-Deputati Laburisti"] b'rikors tal-14 ta' Ġunju 2016; il-Kummissjoni Elettorali b'rikors ukoll tal-14 ta'

---

10 Q.E.D.B. 7 ta' Frar 2008, rik. 39424/2002.

11 Q.E.D.B. 8 ta' April 2010, rik. 18705/2006.

12 Para. 9, *supra*.

Ġunju 2016; u l-Partit Laburista b'rikors tal-15 ta' Ġunju 2016. Il-Partit Nazzjonalista wieġeb għal kull appell, u ressaq ukoll appell inċidentali, b'erba' tweġibiet ippreżentati fit-22 ta' Ġunju 2016. Għall-appell inċidentali tal-Partit Nazzjonalista wieġbu l-Kummissjoni Elettorali fit-23 ta' Ġunju 2016, il-Partit Laburista fit-30 ta' Ġunju 2016 u fil-31 t'Awissu 2016, l-Avukat Ġenerali fl-4 ta' Lulju 2016 u d-Deputati Laburisti fis-7 ta' Lulju 2016.

13. Nibdew bl-appelli ewlenin. Fil-qosor, l-aggravji tal-appellanti ewlenin huma dawn:

14. L-aggravji tal-Avukat Ġenerali huma illi:

    i. mhux kull żball fil-għadd tal-voti jwassal għal ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll;

    ii. l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] ma kellux jiġi interpretat li jipprevali fuq il-Kostituzzjoni;

    iii. fis-sentenza appellata "r-rimedju li tagħti l-Kostituzzjoni lanqas tqies li jikkostitwixxi rimedju ordinarju effettiv għall-fini tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 3";

    iv. ukoll jekk kien hemm nuqqasijiet fil-proċess elettorali fit-tlittax-il distrett, il-Partit Nazzjonalista ma ġarrab ebda preġudizzju għax xorta ngħata siġġijiet żejda bis-saħħa tal-art. 52 tal-Kostituzzjoni;

v. Iadarba ngħata siġġijiet żejda, il-Partit Nazzjonalista ma fadallu ebda interess ġuridiku li jilmenta dwar in-nuqqasijiet fil-proċess elettorali;

vi. hija żbaljata l-interpretazzjoni illi l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll "jagħti xi dritt lill-partiti jeleġġu lill-kandidati tagħhom li kellhom aktar voti minn kandidati oħra";

vii. "il-partiti rappreżentati fil-Kamra xorta ngħataw numru ta' siġġijiet illi huwa fil-konfront ta' xulxin fi proporzjon eżatt mal-ammont ta' voti miksuba minnhom";

viii. meta laqgħet il-ħames talba ("billi tordna lill-Kummissjoni Elettorali tikkorreġi r-riżultat elettorali fis-sens li d-distakk ta' siġġijiet bejn il-partiti jinżel għal seba' siġġijiet kontra d-distakk ta' disa' siġġijiet") l-ewwel qorti kisret il-Kostituzzjoni għax tat rimedju li hu "*ultra vires* il-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tal-qorti";

ix. l-ewwel qorti żbaljat ukoll meta laqgħet is-sitt talba (li "fir-rigward tal-Onorevoli Claudette Buttigieg tiddikjara li l-man-kanzi surriferiti fit-tmien distrett wasslu sabiex ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tiġi eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti") għax "l-artikolu 3 ma jagħti dritt lil ebda kandidat li jiġi elett".

15. L-aggravji tad-Deputati Laburisti huma illi:

i. dawk li l-ewwel qorti sejħitilhom "fatti mhux kontestati" ma humiex kollha korretti;

ii. il-ġudizzju ma huwiex integru minħabba n-nuqqas ta' taħrik tal-kandidati kollha li ikkontestaw fuq it-tmien distrett;

iii. l-ewwel qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni;

iv. l-atturi kellhom "disponibbli għalihom rimedji ordinarji u kostituzzjonali effettivi" u għalhekk l-ewwel qorti kellha tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kap. 319;

v. l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku fl-azzjoni;

vi. is-sentenzi ta' din il-qorti tat-13 ta' Marzu 2013 fl-ismijiet Frederick Azzopardi *v.* Kummissjoni Elettorali, u Claudette Buttigieg *v.* Kummissjoni Elettorali huma ġudikat li jorbot lill-partijiet;

vii. ma kienx hemm ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll;

viii. ir-riżultat tal-elezzjoni kien "proporzjonalment ġust";

ix. il-konklużjoni tal-ewwel qorti dwar x'ġara fil-għadd tal-voti tat-tmien distrett ma kinitx korretta; u

x. ir-rimedju li tat l-ewwel qorti ma kienx wieħed xieraq.

16. L-aggravji tal-Kummissjoni Elettorali huma illi:

i. l-ewwel qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni;

ii. l-ewwel qorti kellha f'kull każ tagħżel li ma teżerċitax din il-ġurisdizzjoni;

iii. l-ewwel qorti ma interpretatx sew l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll; u

iv. hija s-sentenza appellata li tikser l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll.

17. L-aggravji tal-Partit Laburista huma illi:

i. l-ewwel qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni għax ġurisdizzjoni fuq il-materja meritu tal-kawża tallum tmiss biss lill-Qorti Kostituzz-jonali;

ii. l-atturi kellhom rimedji xierqa oħra u għalhekk l-ewwel qorti kellha tagħżel li ma tinqediex bis-setgħa tagħha taħt il-Kap. 319;

iii. l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku;

iv. ma kienx hemm ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll; u

v. ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti ma kienx wieħed li setgħet tagħti.

18. L-aggravji ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, disponibilità ta' rimedji oħra, nuqqas ta' interess ġuridiku, nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju u *res iudicata* huma aggravji li jolqtu l-proċeduri b'mod perentorju u għal-hekk il-qorti sejra tqis dawn l-aggravji qabel ma tqis l-aggravji fil-meritu.

<u>Ġurisdizzjoni</u>

19. L-aggravju ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ressquh l-appellanti ewlenin kollha ħlief l-Avukat Ġenerali.

20. L-appellanti Deputati Laburisti jgħidu illi l-Kap. 319 ma jegħlibx il-Kostitiuzzjoni u għalhekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ukoll fil-kompet-enza kostituzzjonali tagħha, ma tistax ikollha ġurisdizzjoni fuq materja, bħal ma hija dik ta' validità ta' elezzjonijiet, li l-Kostituzzjoni tħalli fil-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali biss. Ikomplu jgħidu illi:

»… … … il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili setgħet tiddeċiedi dwar il-ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, iżda ma setgħetx tiddeċiedi dwar il-validità tal-elezzjoni ta' membri tal-Parlament, jew b'xi mod tikkwalifika pożittivament jew negattivament l-elezzjoni ta' xi membru tal-Parlament. Lanqas ma setgħet tordna lill-Kummissjoni Elettorali tiddikjara kandidati oħra eletti bħala membri tal-Parlament. L-artikolu 63 tal-Kostituzzjoni jipprovdi b'mod mill-aktar ċar li kwistjonijiet dwar il-validità tal-elezzjoni ta' persuna bħala membru tal-Parlament, jew jekk għandux jispiċċa minn membru tal-Parlament, għandhom jiġu deċiżi biss mill-Qorti Kostituzzjonali.

»… … …

»L-ewwel qorti għalhekk ma kellhiex ġurisdizzjoni biex tittratta t-talba biex tiddikjara li r-riżultat tal-elezzjoni tat-9 ta' Marzu 2013 kien skorrett skond il-Kostituzzjoni u skond il-liġijiet elettorali, u biex tordna li dan ir-riżultat elettorali jiġi korrett bin-numru ta' deputati eletti fil-Parlament, jew li b'xi mod ieħor tesprimi ruħha fuq il-validità tal-elezzjoni u l-jedd ta' deputati li jkunu jew li jibqgħu membri tal-Parlament. Din hija materja ta' kompetenza esklussiva ta' din il-Qorti Kostituzzjonali, li filfatt diġà kellha opportunità tikkunsidra u tiddetermina b'mod finali l-ilmenti tar-rikorrenti, billi caħdet l-istess u kkonfermat ir-riżultat tal-elezzjoni kif pubblikat mill-Kummissioni Elettorali.«

21. Il-Kummissjoni Elettorali, wara li osservat illi l-Kap. 319 huwa "liġi ordinarja [u] ma jistax jivvinkola u huwa soġġett għall-Kostituzzjoni" kompliet fissret l-aggravju hekk:

»Issa ma hemm l-ebda dubbju li l-kwistjoni in diskussjoni hija l-komposizzjoni tal-Parlament malti, u dik hija kwistjoni riservata lill-Qorti Kostituzzjonali u mhux lill-Prim'Awla. U hemm anke sens u loġika f'dan; għaliex il-Kostituzzjoni ma riditx li qorti presjeduta minn imħallef wieħed biss tkun tista' tindaħal f'materja tant vitali u essenzjali għal ħajja demokratika tal-pajjiż – il-komposizzjoni tal-Parlament tiġi determinata mill-poplu f'elezzjonijiet ħielsa u mhux mill-qrati.«

22. Il-Partit Laburista jtenni l-argumenti mressqa mill-appellanti l-oħra u jinsisti wkoll fuq l-argument imsejjes fuq l-art. 56 tal-Kostituzzjoni. Ifisser dan l-argument hekk:

»Illi fil-proċeduri odjerni, r-rikorrenti qiegħdin jakkampaw l-ilment tagħhom mal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-istess nifs li r-rikorrenti jsejsu u jakkampaw l-azzjoni tagħhom ma' dan l-artikolu, li indubbjament hu mahsub biex jassikura elezzjonijiet li huma *free and fair*, huma b'mod kontradittorju jaqblu li l-elezzjoni dibattuta kienet ħielsa minn prattiċi illegali. Illi jirriżulta wkoll li dak li talbu r-rikorrenti hu li l-ewwel onorabbli qorti tbierek u tapprova straripament ta' poteri li ma jappartjenulhiex. L-esponenti jirrilevaw f'dan ir-rigward li mingħajr

ebda dubju, in kwantu l-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta huwa liġi ordinarja, il-provvedimenti tiegħu u l-ġurisdizzjoni mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) permezz tiegħu ma jistgħux jieħdu preċedenza fuq il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni, li hija l-ogħla liġi tal-pajjiż. B'enfasi tal-esponenti, dan ifisser li la l-Kostituzzjoni u *cioè* l-liġi suprema tal-pajjiż akkordat ġurisdizzjoni speċifika u speċjali lill-Qorti Kostituzzjonali, li taħt l-artikolu 56 (3) u (5) tal-Kostituzzjoni għandha s-setgħa hi li tindaga u tagħti rimedji (ara l-art. 56 (5) tal-Kostituzzjoni) fl-istess parametri hekk kif maħsub mill-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll, legalment mhux korrett li qorti oħra, li fil-każ odjern hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali), ikollha l-ġurisdizzjoni dwar l-istess materja.

»… … …

»Illi l-artikolu 56(2), (3) u (5) tal-Kostituzzjoni jaħseb għall-istess xenarju li jemerġi mill-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. U jagħti ġurisdizzjoni speċifika u speċjali, u għalhekk ukoll esklussiva lill-Qorti Kostituzzjonali biex tieħu konjizzjoni ta' leżjoni arġinata f'dawn il-parametri. Illi għalhekk jekk ir-rikorrenti riedu jippromwovu lment li l-jeddijiet akkordati lilhom bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ġew leżi, huma kellhom, skont kif previst bis-saħħa tal-liġi suprema *ossia* l-Kostituzzjoni ta' Malta, jirrikorru quddiem il-Qorti Kostituzzjonali skont l-artikolu 56(5) tal-Kostituzzjoni.«

23. L-azzjoni tallum tressqet taħt l-art. 4 tal-Kap. 319:

»**4.** (1) Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha ... ... ... tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.

»(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) … … …«

24. Il-kawża saret biex tintalab dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll u biex jingħata rimedju għal dak il-ksur. L-art. 4 tal-Kap. 319 jagħti dritt ta' azzjoni lil min jagħmel talba għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' dak l-artikolu u għar-rimedju relativ, u jgħid ukoll illi kawża bħal dik għandha ssir, fl-ewwel grad, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bi dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Li kieku l-leġislatur ma riedx li jingħata dak id-dritt ta' azzjoni dwar l-art. 3 tal-Ewwel Protokolll ma kienx jinkorpora dak l-artikolu fost l-artikoli tal-

Konvenzjoni Ewropea li saru parti mil-liġi domestika u li dwarhom ingħata dritt ta' azzjoni bis-saħħa tal-Kap. 319. Dan wara kollox jammettuh l-appellanti stess meta jistqarru illi "il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili setgħet tiddeċiedi dwar il-ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea".

25. Dan ma huwiex f'konflitt mad-disposizzjonijiet tal-art. 63 tal-Kostituzzjoni li jiddefinixxi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali f'materja elettorali:

> »Kull kwistjoni jekk –
>
> »(*a*) xi persuna tkunx ġiet eletta validament bħala membru tal-Kamra tad-Deputati;
>
> »(*b*) xi membru tal-Kamra jkunx ivvaka l-post tiegħu fiha jew ikunx meħtieġ, skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 55 ta' din il-Kostituzzjoni, li jtemm milli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bħala membru; jew
>
> »(*ċ*) xi persuna tkunx ġiet eletta validament bħala *Speaker* minn fost persuni li ma jkunux membri tal-Kamra u, wara li tkun ġiet hekk eletta, tkunx ivvakat il-kariga ta' *Speaker*,
>
> »għandha tiġi mressqa quddiem u deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali skond id-disposizzjonijiet ta' xi liġi li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta.«

26. Kif osservat din il-qorti fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Mejju 2015 f'din il-kawża, għalkemm ċertament hemm elementi komuni fi kwistjonijiet taħt l-art. 63 tal-Kostituzzjoni u dawk taħt l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll, ma għandhomx l-istess firxa, għax ma tistax teskludi *a priori* illi membru jista' jkun validament elett taħt il-liġijiet elettorali u xorta ma jkunx tħares il-jedd taħt l-art. 3. Dan ikompli jindika illi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali taħt l-art. 63 tal-Kostituzzjoni ma teskludix dik tal-Prim'Awla taħt il-Kap. 319.

27. L-istess jingħad dwar l-art. 56 tal-Kostituzzjoni, li fil-partijiet relevanti jgħid hekk:

> »**56.** (3) Ikun id-dmir tal-Kummissjoni Elettorali li tissospendi l-elezzjoni, jew fid-distretti elettorali kollha jew f'xi wieħed jew iktar minn dawk id-distretti, jekk ikollha raġuni xierqa li temmen li jkunu saru attijiet illegali jew ta' korruzzjoni jew reati oħra li għandhom x'jaqsmu mal-elezzjonijiet jew kien hemm indħil barrani u dawk l-attijiet, reati jew indħil ikunu pprevalew b'mod hekk estensiv jew ikunu ta' dik ix-xorta li raġonevolment ikunu mistennija li jkollhom effett fuq ir-riżultat tal-elezzjoni, fid-distretti elettorali kollha jew f'xi wieħed jew iktar minnhom.
>
> »(4) F'kull każ meta elezzjoni tiġi sospiża taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali għandu minnufih jirriferi l-kwistjoni lill-Qorti Kostituzzjonali għad-deċiżjoni tagħha.
>
> »(5) Meta tkun teżisti xi waħda mir-raġunijiet li fuqha tista' tiġi sospiża elezzjoni taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu u l-elezzjoni ma tkunx ġiet sospiża, jew jekk attijiet illegali jew ta' korruzzjoni jew reati oħra jew indħil barrani kif imsemmija f'dak is-subartikolu jistgħu raġonevolment jitqiesu li kellhom effett fuq ir-riżultat ta' elezzjoni, fid-distretti elettorali kollha jew f'wieħed jew aktar minnhom, kull persuna li għandha l-jedd għall-vot f'dik l-elezzjoni tista', mhux aktar tard minn tlett ijiem wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat uffiċjali tal-elezzjoni, tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti Kostituzzjonali għad-deċiżjoni tagħha.
>
> »(6) Kull riferenza lill-Qorti Kostituzzjonali taħt jew is-subartikolu (4) jew is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu għandha ssir u għandha tiġi deċiża minn dik il-Qorti skont kull liġi li f'dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta. Fuq kull riferenza bħal dik il-Qorti jkollha, bla ħsara għal kull setgħat oħra, is-setgħa li tannulla l-elezzjoni, fid-distretti elettorali kollha jew f'wieħed jew aktar minnhom, għal kull waħda mir-raġunijiet imsemmija f'dawk is-subartikoli, u li tagħti dawk id-direttivi u ordnijiet u li tagħti dawk ir-rimedji jew provvedimenti oħra li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi u b'mod partikolari biex tiżgura li elezzjoni ħielsa, minflok dik li tkun ġiet annullata, issir mill-aktar fis possibbli.«

28. F'dan il-każ ukoll, ma tistax teskludi *a priori* illi għalkemm ma jkunux seħħew "attijiet illegali jew ta' korruzzjoni jew reati oħra li għandhom x'jaqsmu mal-elezzjonijiet jew … indħil barrani" xorta ma jkunx tħares il-jedd taħt l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll. Ma hux qed jingħad f'dan l-istadju li hekk seħħ fil-każ tallum, *i.e.* li seħħ ksur tal-art. 3; li qiegħed jingħad hu illi ma tistax tiġi eskluża *a priori* l-ġurisdizzjoni tal-qorti biex tistħarreġ dwar jekk seħħx dak il-ksur jew le.

29. L-argumenti l-oħra tal-appellanti dwar ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti Kostituzzjonali f'materja ta' validità ta' elezzjonijiet jolqtu x'aktarx ir-rimedju li jista' jingħata milli l-ġurisdizzjoni tal-qorti biex tisma' l-kawża, u l-qorti sejra tqis dawk l-argumenti meta tasal biex tqis l-aggravji dwar ir-rimedju[13].

30. L-aggravju ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni huwa għalhekk miċħud.

<u>Rimedji taħt il-liġi ordinarja</u>

31. L-appellanti jgħidu wkoll illi l-ewwel qorti kellha, kif igħid il-*proviso* għall-art. 4(2) tal-Kap. 319, "tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha" taħt dik il-liġi għax l-atturi kellhom rimedji oħra taħt il-liġi ordinarja. Jelenkaw id-disposizzjonijiet tal-liġi li fil-fehma tagħhom jagħtu dak ir-rimedju, fosthom il-Kostituzzjoni (li jqisuha "liġi ordinarja" għall-għanijiet tal-aggravju) u l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali [Kap. 354].

32. Waqt illi taħt il-Konvenzjoni l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma għandhiex is-setgħa illi tqis allegazzjoni dwar ksur ta' drittijiet fondamentali qabel ma min iressaq l-ilment ikun inqeda bir-rimedji kollha li tagħtih il-liġi domestika[14], taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili "*tista'*, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha … f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli … skont xi liġi oħra". Huwa għalhekk imħolli fid-dis-

---

[13] Para. 98 *et seqq. infra.*

[14] L-art. 35.1 tal-Konvenzjoni jgħid hekk:
"Il-Qorti tista' tittratta kwistjoni biss wara li r-rimedji nazzjonali kollha jkunu ġew eżawriti, skont ir-regoli generalment rikonoxxuti tal-liġi internazzjonali … … … "

krezzjoni tal-Prim'Awla – dejjem fil-parametri stabiliti fil-ġuris-prudenża – li tagħżel "li teżerċita s-setgħat tagħha" wkoll meta min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju, u meta l-Prim'Awla tagħżel li tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha l-Qorti Kostituzzjonali bħala regola ma tiddisturbax dik l-għażla ħlief meta tkun manifestament ħażina jew meta hekk ikun meħtieġ biex il-proċeduri kostituzzjonali ma jiġux trivjalizzati[15].

33. Din il-qorti tapprezza illi jkun ta' ostakolu għall-effiċjenza tal-ġustizzja, u jwassal ukoll għal trivjalizzazzjoni tad-drittijiet fondamentali, jekk il-Prim'Awla wisq faċilment tagħżel li tinqeda bis-setgħat tagħha taħt il-Kap. 319 meta manifestament min iressaq il-kawża taħt dik il-liġi jkollu rimedji tajba u xierqa taħt il-liġi ordinarja. Madankollu, fil-każ tallum l-ilment tal-atturi huwa wieħed gravi li serjament jolqot il-ħajja demokratika tal-pajjiż u ma kienx xieraq li jitwarrab b'setgħa dis-krezzjonali tal-qorti biex hekk iħalli f'dubju jekk dak l-ilment huwiex ġustifikat jew le.

34. Barra minn hekk, il-qorti tifhem ukoll illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ikun aktar xieraq illi l-aggravju dwar rimedju ordinarju ma jintlaqax, u illi l-appell jinstema' wkoll fil-meritu, partikolarment għax ma jkunx għaqli illi meta hemm sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzz-jonali li tgħid illi seħħ ksur ta' drittijiet fondamentali f'materja importanti u delikata bħal ma hija dik tallum, dik is-sentenza titħassar mhux għal raġunijiet ta' meritu iżda minħabba punt proċedurali

---

15 Ara *e.g.* Mario Vella *v.* Joseph Bannister *nomine*, Kost. 7 ta' Marzu 1994.

diskrezzjonali, b'mod illi d-deċiżjoni li sabet ksur ta' drittijiet tibqa' mdendla, biex ngħidu hekk, fuq il-kwistjoni. Ladarba ġà hemm deċiżjoni ġudizzjarja li toħloq għallinqas dubju *prima facie* li seħħ ksur ta' dritt fondamentali, ikun aktar għaqli li dak id-dubju jew jiġi konfermat jew jitneħħa.

35. L-aggravju dwar rimedji ordinarji huwa għalhekk miċħud.

<u>Nuqqas ta' interess ġuridiku</u>

36. L-aggravju ta' nuqqas ta' interess ġuridiku jolqot kemm l-interess tal-Partit Nazzjonalista u kemm l-interess tad-Deputati Nazzjonalisti.

37. Dwar l-interess tal-atturi Deputati Nazzjonalisti, id-Deputati Laburisti msejħa fil-kawża fissru l-aggravju hekk:

> »Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi diġà ressqu l-ilment tagħhom quddiem il-Qorti [Kostituzzjonali], għaliex dehrilhom li "rċevew riżultat li ma jirriflettix l-għażla fil-konfront tagħhom espressa mill-votanti". Huma jippretendu li ma ġewx eletti bil-voti li ngħatawlhom u li "ma ġewx dikjarati eletti għab-bażi tal-voti mogħtija lilhom mill-votanti huwa preġudizzju fih innifsu u huwa preġudizzju reali".
>
> »Dan huwa l-istess ilment li ressqu u ġie deċiż finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawżi li l-istess Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi għamlu immedjatament kif ingħalaq l-għadd tal-voti tal-elezzjoni ġenerali.
>
> »… … …
>
> »L-istess raġunijiet li ġabet il-Qorti Kostituzzjonali japplikaw ukoll fil-kawża preżenti. Illum iż-żewġ rikorrenti huma membri tal-Parlament u ma għandhom ebda interess ġuridiku biex jipproponu din il-kawża li l-finalità tagħha fir-rigward tagħhom hija l-istess bħal dik li diġà għamlu u li ġiet deċiża kontra tagħhom mill-Qorti Kostituzzjonali.«

38. Ressaq l-istess aggravju l-Partit Laburista li fisser l-aggravju hekk:

> »It-tielet aggravju jikkonsisti filli r-rikorrenti m'għandhomx interess ġuridiku fit-talbiet u ilmenti kif promossi bir-rikors promotur. La ma kellhomx interess ġuridiku fiż-żewġ proċeduri (525 u 526 tal-2013) ġà ttentati minnhom, għaliex ma sofrew ebda preġudizzju, qajla jista' jingħad li għall-fini ta' din il-proċedura rradikaw xi interess ġuridiku

ġdid, għaliex il-lanjanza ta' ksur ta' jedd fundamentali bilfors trid tkun allaċċjata mal-preġudizzju li l-vittma ta' dik il-lanjanza tallega li sofriet. U hawn diġà kellna l-Qorti Kostituzzjonali li ddeċidiet li Buttigieg u Azzopardi ma sofrew ebda preġudizzju, ħlief possibiliment għall-orgolju tagħhom li jiġu eletti bħala deputati "oriġinali" u mhux "addizzjonali".«

39. Il-Partit Nazzjonalista wieġeb hekk:

»L-esponenti jaqblu mal-ewwel qorti u jżidu li … … … d-deċiżjoni tal-ewwel qorti kienet ser tagħmel differenza għall-posizzjoni ta' Claudette Buttigeg u Frederick Azzopardi u dan għaliex l-ewwel qorti kieku riedet, wara li tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti, setgħet iddikjarat lil Claudette Buttigieg u lil Frederick Azzopardi eletti *da sua sponte* u l-konsegwenza ta' dan imbagħad kien ikun li l-mekkaniżmu korrettiv li jinsab fil-Kostituzzjoni jrid jiġi fis-seħħ biex jagħmel tajjeb għas-siġġijiet nieqsa li jirriżulta li jkollu l-Partit Nazzjonalista wara tali dikjarazzjoni. B'hekk jekk Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi ħassu li l-volontà tal-elettorat ma ġiex rifless [*recte,* il-volontà … ma ġietx riflessa] minħabba l-fatt li huma ma ġewx iddikjarati eletti *da sua sponte*, allura kellhom kull jedd u interess li jipproċedu taħt l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea.«

40. Il-qorti taqbel mal-appellanti illi l-atturi Buttigieg u Azzopardi ma ġarrbu ebda preġudizzju bil-fatt li ġew eletti bil-proċedura taħt l-art. 52 tal-Kostituzzjoni flok ġew eletti direttament mid-distretti fejn ikkontestaw, għax dan il-fatt ma jolqotx id-dmirjiet, setgħat u privileġġi tagħhom bħala membri tal-Parlament. Fil-fatt il-preġudizzju ġarrbu mhux il-kandidati iżda l-Partit Nazzjonalista għax, kif sejrin naraw aktar 'il quddiem[16], għall-Partit Nazzjonalista jagħmel differenza jekk, qabel jingħata s-siġġijiet "addizzjonali" taħt l-art. 52 tal-Kostituzzjoni, kisibx sitta u għoxrin (26) jew sebgħa u għoxrin (27) siġġu.

41. Safejn jolqot l-interess tal-atturi Deputati Nazzjonalisti, għalhekk, l-aggravju għandu jintlaqa' u din il-konklużjoni tolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti fejn "fir-rigward tal-Onorevoli Claudette Buttigieg tid-

16 Para. 73 *et seqq. infra.*

dikjara li l-mankanzi surriferiti fit-tmien distrett wasslu sabiex ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tiġi eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti".

42. Għalhekk l-atturi Deputati Nazzjonalisti għandhom jinħarġu mill-kawża minħabba nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva u l-konvenuti jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju dwar dawk iż-żewġ atturi.

43. Dwar l-interess ġuridiku tal-Partit Nazzjonalista, l-Avukat Ġenerali fisser l-aggravju hekk:

> »… … …ladarba l-Partit Nazzjonalista ġie kompensat b'siġġijiet add-izzjonali biex tiġi riflessa r-rieda tal-elettorat l-istess partit ma għandu ebda interess ġuridiku illi jkompli jillanja dwar l-iżball in kwistjoni u ċertament ma għandux bażi ġuridika biex jippretendi siġġijiet aktar mis-saħħa elettorali tiegħu, kif fil-fatt ikun jirriżulta kieku s-sentenza appellata kellha tiġi esegwita.«

44. Dwar l-istess aggravju d-Deputati Laburisti imsejħa fil-kawża jgħidu hekk:

> »Lanqas il-Partit Nazzjonalista ma għandu l-interess ġuridiku meħtieġ biex jipprosegwi b'din l-azzjoni. Ladarba l-kwistjoni tal-kandidati eletti mit-tmien distrett u mit-tlettax-il distrett fir-rigward tal-persuni diretta-ment involuti ġiet finalment deċiża skond il-Kostituzzjoni u l-liġijiet elettorali, il-kwistjoni ma tistax terġa' tinfetaħ anke jekk il-Partit Nazzjonalista qed jargumenta li għandu interess li jagħmel dan biex tiġi rispettata l-proporzjonalità stretta bejn il-partiti rappreżentati fil-Parlament.
>
> »F'dan ir-rigward però, il-Partit Nazzjonalista ma bata ebda pre-ġudizzju. Wara li żdiedu b'erbgħa l-membri parlamentari minn fost il-kandidati tal-Partit Nazzjonalista, is-sitwazzjoni preżenti hija waħda ta' proporzjonalità preċiża skond l-ewwel preferenza tal-voti. Ir-riżultat attwali huwa fis-sustanza, fl-ispirtu u fl-iskop tal-liġijiet applikabbli u għalhekk il-Partit Nazzjonalista ma jistax ikollu interess ġuridiku, dirett u attwali li jibdel dak li diġà huwa proporzjonali.
>
> »… … …
>
> »F'kull każ ukoll, kif anke jammetti l-Partit Nazzjonalista fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-interess allegat minnu huwa biss wieħed ipotetiku għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, iridu jinfetħu l-voti kollha fid-distretti partikolari sabiex jiġi aċċertat mingħajr dubju raġonevoli li ma sarux żbalji oħra li jaffettwaw ir-riżultat.«

45. Il-qorti tosserva li hemm differenza bejn li parti tallega ksur ta' dritt soġġettiv tagħha u li parti tagħmel il-prova tal-ksur ta' dak id-dritt. Għall-għanijiet tal-interess ġuridiku huwa biżżejjed li parti turi li tippretendi dritt vestit fiha li tgħid li nkisrilha; jekk imbagħad tagħmilx il-prova meħtieġa tal-eżistenza tad-dritt u tal-ksur tiegħu hija kwistjoni ta' meritu mhux ta' interess ġuridiku u leġittimazzjoni attiva.

46. Fil-każ tallum il-Partit Nazzjonalista qiegħed jivvanta dritt soġġettiv taħt l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll li jgħid illi nkiser għax l-inċidenti msemmija fuq fl-għadd tal-voti ċaħħduh minn numru akbar ta' deputati. Jekk tassew hu hekk il-Partit Nazzjonalista ġarrab pre-ġudizzju li jagħtih leġittimazzjoni attiva biex imexxi bl-azzjoni tallum.

47. L-argument tal-Avukat Ġenerali li "l-Partit Nazzjonalista ġie kompensat b'siġġijiet addizzjonali biex tiġi riflessa r-rieda tal-elettorat" ma jxejjinx l-interess tal-Partit Nazzjonalista, li qiegħed igħid illi kellu jingħata aktar siġġijiet mill-erba' "addizzjonali" li ġà ngħata. L-istess jingħad għall-argument tad-Deputati Laburisti illi "is-sitwazzjoni preżenti hija waħda ta' proporzjonalità preċiża skond l-ewwel preferenza tal-voti": dik hija kwistjoni ta' meritu mhux ta' interess ġuridiku u leġittimazzjoni attiva.

48. Lanqas ma huwa konklużiv l-argument tal-istess appellanti illi "Ladarba l-kwistjoni tal-kandidati eletti mit-tmien distrett u mit-tlettax-il distrett fir-rigward tal-persuni direttament involuti ġiet finalment deċiża skond il-Kostituzzjoni u l-liġijiet elettorali il-kwistjoni ma tistax

terġa' tinfetaħ"; dik tkun kwistjoni ta' *res iudicata* u rimedju xieraq, mhux ta' interess ġuridiku u leġittimazzjoni attiva.

49. Daqstant ieħor skorrett l-argument illi għax jista' jkun hemm żbalji oħra li ma nafux bihom l-interess "huwa biss wieħed ipotetiku". Barra l-fatt illi f'dan il-każ ma jidhirx kontestat li tassew seħħew żbalji, ma hemm xejn xi jżomm lil min jidhirlu li kien hemm żbalji oħra li laqtu ħażin id-dritt tiegħu taħt l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll milli jiftaħ hu ukoll kawża bħal din tallum. Il-fatt li jista' jkun hemm ħaddieħor li jallega li seħħew żbalji oħra li ma nafux bihom ma jfissirx illi l-atturi tallum ma għandhomx interess fil-kawża li fetħu.

50. L-aggravju ta' nuqqas ta' interess huwa għalhekk miċħud.

Integrità tal-ġudizzju

51. Aggravju ieħor huwa dak ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju billi hemm persuni oħra interessati li ma humiex parti fil-kawża. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk mid-Deputati Laburisti:

> »Fis-sentenza tagħha l-ewwel qorti tgħid li n-nuqqas tal-integrità tal-ġudizzju ġie sanat bil-kjamata fil-kawża tad-diversi intimati, bl-aħħar kjamat fil-kawża jkun il-Partit Laburista wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali. B'danakollu, bid-deċiżjoni tagħha dwar ir-riżultat fuq it-tmien distrett u anke dwar il-komposizzjoni tad-deputati fil-Parlament, huwa ċar li ġew [milquta] mhux biss id-drittijiet tal-Partit Laburista, illum kjamat fil-kawża, iżda ġew affettwati wkoll id-drittijiet tal-kandidati kollha li kkontestaw l-elezzjoni fuq it-tmien distrett. B'hekk is-sentenza tal-ewwel qorti affettwat id-drittijiet u l-interessi tagħhom bla ma involviethom fil-proċeduri. Konsiderazzjoni differenti ta' voti fl-ewwel għadd titlob bilfors li jerġa' jinfetaħ dak l-għadd biex jiġi aċċertat li ma hemmx voti oħra magħduda ħażin, u tiġi eliminata l-possibiltà li pakkett ta' 50 vot ta' Michael Axiaq ingħaddu bi żball ma' ta' Claudette Buttigieg. L-għadd mill-ġdid mill-ewwel għadd 'l isfel bilfors jaffettwa l-kandidati kollha f'dak id-distrett.«

52. Persuna jkollha interess li tkun parti f'kawża – u għalhekk in-nuqqas tagħha jwassal għal nuqqas ta' integrità – jekk id-deċiżjoni tolqot ħażin id-drittijiet tagħha. Is-sentenza appellata ma laqtet ħażin id-dritt ta' ħadd li ma huwiex parti f'din il-kawża, għax ma tgħidx li ġew eletti persuni li ma kellhomx jiġu eletti u li ma humiex ġà parti fil-kawża. Barra minn hekk, jekk deputati jew kandidati oħra għandhom interess għax igħidu li hemm "voti oħra magħduda ħażin" u ntlaqtu ħażin minħabba f'hekk, ma hemm xejn li jżommhom milli jiftħu kawża huma, iżda l-interess tagħhom ikun differenti mill-interess fil-kawża tallum għax ikun dwar żbalji oħra mhux dwar l-iżbalji li minħabba fihom infetħet il-kawża tallum. L-interess tagħhom għalhekk iħarsuh f'kawża oħra mhux f'din tallum.

*53.* L-aggravju ta' nuqqas ta' integrità huwa għalhekk miċħud.

<u>*Res iudicata*</u>

54. Aggravju preliminari ieħor huwa dak ta' *res iudicata*, li ġie mfisser hekk mid-Deputati Laburisti:

> » L-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-ġudikat għaliex dehrilha li l-firxa ta' dritt invokat fiż-żewġ azzjonijiet hija differenti. Dan l-argument għamlitu minkejja li hija stess ikkonċediet li "il-ġudikat ma jiġix nieqes minħabba d-diversità ta' motivi tal-*causa petendi*".
>
> »L-esponenti jidhrilhom li s-sentenzi fl-ismijiet <u>Claudette Buttigieg *v.* Kummissjoni Elettorali</u> u <u>Frederick Azzopardi *et v.* Kummissjoni Elettorali</u> jikkostitwixxu ġudikat fil-konfront tar-rikorrenti Buttigieg u Azzopardi. L-azzjoni preżenti saret bl-istess ilmenti u bl-istess finalità, anke jekk ipprovaw jagħtuha bixra differenti. U l-Qorti Kostituzzjonali diġà spjegat li, in kwantu kandidati, Buttigieg u Azzopardi ma seta' jkollhom ebda interess ġuridiku iehor għajr l-elezzjoni tagħhom bħala membri tal-Parlament, u dan l-iskop illum laħquh.
>
> »Ir-rikorrenti Buttigieg u Azzopardi ma jistgħux jerġgħu jitolbu li din il-qorti tordna li jiġi aġġustat ir-riżultat tal-elezzjoni ġenerali biex jiġu dikjarati eletti skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet

Ġenerali. Din il-kwistjoni diġà ġiet deċiża finalment mill-Qorti Kostituzz-jonali.«

55. Il-qorti tosserva qabel xejn illi l-aggravju jolqot biss lid-Deputati Nazzjonalisti u mhux ukoll lill-Partit Nazzjonalista billi l-partit ma kienx parti fil-kawżi fuq imsemmija. Tosserva wkoll illi safejn l-aggravju jolqot dik il-parti tal-ħames talba tal-atturi illi d-Deputati Nazzjonalisti jiġu dikjarati li ġew eletti "skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali", ġà ngħad, fuq[17], illi l-istess Deputati Nazzjonalisti ma għandhomx interess ġuridiku f'dik il-parti tat-talba u għalhekk ma jibqax meħtieġ li naraw jekk dik il-parti tat-talba għandhiex taqa' wkoll minħabba r-*res iudicata*.

56. Safejn l-aggravju tal-appellanti huwa msejjes fuq l-argument illi "r-rikorrenti Buttigieg u Azzopardi ma jistgħux jerġgħu jitolbu li din il-qorti tordna li jiġi aġġustat ir-riżultat tal-elezzjoni ġenerali biex jiġu dikjarati eletti skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali", dak l-aggravju relativament għat-talbiet l-oħra huwa msejjes fuq premessa ħażina, għax dawk it-talbiet jolqtu r-riżultat finali tal-elezzjoni u jekk dan huwiex bi ksur ta' dak li jrid l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll, u mhux jekk id-Deputati Nazzjonalisti għandhomx jitqiesu eletti mid-distretti rispettivi tagħhom. Il-fatt illi d-Deputati Nazzjonalisti xorta ġew eletti bis-saħħa tal-art. 52 tal-Kostituzzjoni mhux bilfors ifisser illi r-riżultat finali huwa konformi ma' dak li jrid l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll.

57. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

[17] Para. 40 *et seq. supra*.

Proporzjonalità ta' voti ma' siġġijiet

58. Billi wħud mill-aggravji tal-appellanti ewlenin huma msejsa fuq il-premessa illi, minkejja l-iżbalji fil-għadd tal-voti, xorta l-proporzjon bejn in-numru ta' siġġijiet li għandu kull partit jirrifletti l-proporzjon bejn in-numru ta' voti li kiseb kull partit fl-ewwl għadd, il-qorti sejra, qabel tqis dawk l-aggravji, tara jekk din il-premessa ta' fatt hijiex korretta.

59. Kif sejjer jidher aktar 'il quddiem[18], l-argument matematiku dwar il-proporzjonalità jiddependi fuq jekk, qabel ma jingħata s-siġġijiet "addizzjonali" bis-saħħa tal-art. 52 tal-Kostituzzjoni, il-Partit Nazzjon-alista kisibx sitta u għoxrin (26) jew sebgħa u għoxrin (27) siġġu.

60. L-ewwel qorti qalet illi l-Partit Nazzjonalista kellu jtella' sebgħa u għoxrin (27) siġġu għax l-attriċi Claudette Buttigieg kellha tiġi eletta mit-tmien distrett, u mhux il-kandidat tal-Partit Laburista li ġie elett flokha. L-appellanti ma jaqblux ma' din il-konklużjoni, u d-Deputati Laburisti jfissru r-raġuni hekk:

> »Mhux minnu dak li ddikjarat l-ewwel qorti li kieku ġabet ħamsin vot ieħor Claudette Buttigieg kienet tiġi eletta bil-kwota. Bil-voti li ġabet Claudette Buttigieg, anke b'dawk li wirtet, ma setgħetx tilħaq il-kwota distrettwali. Dan l-argument, abbraċċjat ukoll mill-ewwel qorti, la huwa korrett legalment, u lanqas fattwalment, u huwa intiż biss bħala argu-ment emottiv u b'għanijiet politiċi.«

61. Filwaqt li huwa minnu li l-ewwel Qorti qalet ħażin li Claudette Buttigieg kienet tiġi eletta bil-kwota għax li kellha tgħid kien li tiġi eletta mid-distrett u mhux bis-saħħa tal-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni,

[18] Para. 70 *et seqq. infra.*

madankollu dan l-iżball ma għandu ebda effett prattiku għax li hu relevanti hu li xorta, bil-kwota jew mingħajrha, kienet titla' mid-distrett.

62. Fil-fatt kandidat jista' jiġi elett mid-distrett għalkemm ma jilħaqx il-kwota distrettwali. Billi jonqsu l-voti mhux trasferibbli, jista' jiġri – kif fil-fatt ġara fit-tmien distrett – illi wara li jkunu eletti l-ewwel erba' kandidati fid-distrett, il-proċess jasal sal-għadd fejn ikunu eliminati l-kandidati l-oħrajn kollha ħlief tnejn li, fost il-kandidati mhux eletti, ikunu ġabu jew wirtu l-akbar għadd ta' voti mingħajr ma iżda jilħqu l-kwota. F'dak il-każ jiġi eliminat il-kandidat bl-inqas voti u jiġi elett il-kandidat li jkun fadal, għalkemm ma jkunx wiret biżżejjed biex jilħaq il-kwota għax ikun hemm voti mhux trasferibbli.

63. Sewwa qalet għalhekk l-ewwel qorti illi mingħajr l-iżball fit-tmien distrett il-Partit Nazzjonalista kien ikollu sebgħa u għoxrin (27) siġġu, u mhux sitta u għoxrin (26), qabel ma jiżdidulu s-siġġijiet addizzjonali kif irid l-art. 52 tal-Kostituzzjoni. Naturalment, dan qiegħed jingħad, f'dan l-istadju, mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni jekk dan il-fatt iwassalx għal ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll.

64. Inċidentalment, ir-raġuni għala l-ħamsin (50) vot, meta nstabu, ma tqisux fost il-voti ta' Claudette Buttigieg kienet illi ma jistax jinfetaħ għadd magħluq, u ma jistax jinfetaħ għadd magħluq għax dan jista' jwassal għal riżultat differenti minħabba l-element ta' każwalità fit-trasferiment ta' voti. Dan l-argument iżda huwa ħażin fil-kuntest ta' dawn il-ħamsin (50) vot. L-element ta' każwalità jqum fit-trasferiment

tal-voti "żejda" ta' kandidati li jaqbżu l-kwota. Il-voti "żejda" jittieħdu mingħand il-kandidat biex jibqa' elett b'voti daqs il-kwota, u ż-żejda jitqassmu skond il-preferenza li jkun imiss. Billi iżda dawn il-voti żejda jittieħdu kif jinzerta, u mhux bi proporzjon mal-preferenzi li jkun imiss, jista' jiġri jekk it-tqassim isir mill-ġdid illi jittieħdu skedi oħra bi preferenzi oħra u r-riżultat ikun differenti. Għalhekk ma huwiex permess illi għadd jinfetaħ mill-ġdid.

65. Fil-każ tal-ħamsin (50) vot ta' Claudette Buttigieg, iżda, ma sar ebda tqassim ta' voti minn tagħha għax ma qabżitx il-kwota u, meta nstab l-iżball, ma kinitx għadha ġiet eliminata u ebda vot tagħha ma kien intiret. Għalhekk ma kien jibdel xejn mir-riżultat ta' kull għadd preċedenti li kieku dawk il-ħamsin (50) vot, flok tqiesu mhux trasferibbli, ingħataw lura lilha; kien jinbidel biss ir-riżultat tal-ħmistax-il għadd – li sa dak il-waqt kien għadu ma ngħalaqx – billi tiġi eletta hi flok il-kandidat li ġie elett minn dak id-distrett.

66. Għalhekk ma kien hemm ebda raġuni loġikament valida għala l-iżball ma ssewwiex meta nstab.

67. Ngħaddu issa għall-argument tal-proporzjonalità.

68. L-Avukat Ġenerali fisser dan l-argument hekk:

> »Huwa ċar illi kieku ż-żewġ deputati konċernati telgħu l-Partit Nazzjonalista kien jirċievi inqas kumpens ta' siġġijiet bil-mekkaniżmu tal-artikolu 52 milli irċieva għax il-proporzjon ta' voti għal-siġġijiet paragonat ma' dak tal-Partit Laburista kien ikun differenti minn dak li jirriżulta mis-sitwazzjoni li fiha attwalment intervjena l-mekkaniżmu tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni.«

69. L-istess argument iressquh l-appellanti l-oħra, li jgħidu illi hemm proporzjonalità bejn it-tqassim tas-siġġijiet li hemm illum u l-voti li kisbu ż-żewġ partiti li huma parti f'din il-kawża. Effettivament l-appellanti qegħdin igħidu illi, li kieku l-Partit Nazzjonalista tella' sebgħa u għoxrin (27) siġġu u l-Partit Laburista tmienja u tletin (38), il-Partit Nazzjonalista kien jingħata biss żewġ (2) siġġijiet żejda, mhux erbgħa (4), u d-distakk bejn il-partiti xorta jibqa' ta' disa' (9) siġġijiet.

70. Il-Partit Laburista kiseb mija u sebgħa u sittin elf, ħames mija u tlieta u tletin (167,533) vot fl-ewwel għadd u tella' disgħa u tletin (39) siġġu waqt illi l-Partit Nazzjonalista kiseb mija u tnejn u tletin elf, erba' mija u sitta u għoxrin (132,426) vot u tella' sitta u għoxrin (26) siġġu. Dan ifisser illi kull wieħed mid-disgħa u tletin (39) siġġu tal-Partit Laburista "jiswa" erbat elef, mitejn u sitta u disgħin (4,296) vot, sal-eqreb vot sħiħ[19], waqt li kull siġġu tal-Partit Nazzjonalista "jiswa" ħamest elef u tlieta u disgħin (5,093) vot, sal-eqreb vot sħiħ[20].

71. Biex kull siġġu tal-Partit Nazzjonalista jiġi jiswa erbat elef, mitejn u sitta u disgħin (4,296) vot, daqs kull siġġu tal-Partit Laburista, il-Partit Nazzjonalista kellu jtella' wieħed u tletin (31) siġġu, sal-eqreb siġġu sħiħ[21], *i.e.* ħames (5) siġġijiet aktar mis-sitta u għoxrin (26) li tella' qabel ma tqis il-mekkaniżmu tal-art. 52 tal-Kostituzzjoni.

72. Iżda jekk il-Partit Nazzjonalista jkollu wieħed u tletin (31) siġġu u l-Partit Laburista disgħa u tletin (39), in-numru ta' siġġijiet fil-Parlament

---

19 167,533 ÷ 39 = 4,295.72.

20 132,426 ÷ 26 = 5,093.31.

21 132,426 ÷ 4,296 = 30.83.

jiġi biż-żewġ, bi ksur tal-Kostituzzjoni. Għalhekk kellu jingħata jew erba' (4) jew sitt (6) siġġijiet, mhux ħamsa (5). Billi l-kalkolu matematiku jagħti lill-Partit Nazzjonalista tletin punt deċimali tmienja tlieta (30.83) siġġu, *i.e.* erba' punt tmienja tlieta (4.83) siġġijiet addizzjonali fuq is-sitta u għoxrin (26) siġġu li ġà kellu, u erbgħa punt tmienja tlieta (4.83) huwa eqreb ta' erbgħa (4) milli ta' sitta (6), il-Kummissjoni Elettorali korrettement żiedet erba' (4) siġġijiet biex żammet l-eqreb proporzjonalità bil-mekkaniżmu li trid il-Kostituzzjoni.

73. Dan kollu iżda fl-ipotesi li r-riżultat qabel is-siġġijiet addizzjonali jagħti disgħa u tletin (39) siġġu lill-Partit Laburista u sitta u għoxrin (26) siġġu lill-Partit Nazzjonalista. Is-sentenza appellata iżda tgħid – u rajna illi qalet sew[22] – illi r-riżultat korrett kellu jkun tmienja u tletin (38) siġġu lill-Partit Laburista u sebgħa u għoxrin (27) lill-Partit Nazzjonalista. Il-kalkoli għalhekk għandhom jiġu hekk:

74. Kull siġġu tal-Partit Laburista jkun jiswa erbat elef, erba' mija u disa' (4,409) voti, sal-eqreb vot sħiħ[23], waqt li kull siġġu tal-Partit Nazzjonalista jiswa erbat elef, disa' mija u ħames (4,905) voti sal-eqreb vot sħiħ[24].

75. Biex kull siġġu tal-Partit Nazzjonalista jiġi jiswa erbat elef, erba' mija u disa' (4,409) voti, daqs kull siġġu tal-Partit Laburista, il-Partit

22 Para. 61 *et seqq. supra.*

23 167,533 ÷ 38 = 4,408.76.

24 132,426 ÷ 27 = 4,904.67.

Nazzjonalista kellu jtella' tletin (30) siġġu, sal-eqreb siġġu sħiħ[25], *i.e.* tliet (3) siġġijiet aktar mis-sebgħa u għoxrin (27) li jkun tella'.

76. Iżda jekk il-Partit Nazzjonalista jkollu tletin (30) siġġu u l-Partit Laburista tmienja u tletin (38), in-numru ta' siġġijiet fil-Parlament jiġi biż-żewġ, bi ksur tal-Kostituzzjoni. Għalhekk il-Partit Nazzjonalista jkollu jingħata jew żewġ (2) jew erba' (4) siġġijiet, mhux tlieta (3). Billi l-kalkolu matematiku jagħti lill-Partit Nazzjonalista tletin punt deċimali żero erbgħa (30.04) siġġu[26], *i.e.* tlieta punt żero erbgħa (3.04) siġġijiet addizzjonali mas-sebgħa u għoxrin (27) li ġà jkollu f'din l-ipotesi, u tlieta punt żero erbgħa (3.04) huwa eqreb ta' erbgħa (4) milli ta' tnejn (2), il-Partit Nazzjonalista xorta jkollu jingħata erba' (4) siġġijiet b'żjieda mas-sebgħa u għoxrin (27) biex tinżamm l-eqreb proporzjonalità bil-mekkaniżmu li trid il-Kostituzzjoni.

77. Fi kliem ieħor, biex tinżamm proporzjonalità korretta bil-mekkaniżmu li trid il-Kostituzzjoni fl-ipotesi li l-Partit Nazzjonalista kiseb sebgħa u għoxrin (27) siġġu, il-Partit Nazzjonalista jrid ikollu wieħed u tletin (31) siġġu u l-Partit Laburista tmienja u tletin (38) – differenza ta' seba' (7) siġġijiet. Dan ifisser illi, billi n-numru ta' siġġijiet li għandu llum il-Partit Laburista huwa ta' disgħa u tletin (39) u mhux tmienja u tletin (38) u ma hemmx kontestazzjoni li dawn għandhom jonqsu, il-

---

25 132,426 ÷ 4,409 = 30.04.

26 Fil-fatt billi fir-realtà l-Partit Laburista għandu 39 siġġu mhux 38 kemm suppost ikollu f'din l-ipotesi, kull siġġu tal-Partit Laburista jiswa 167,533 ÷ 39 = 4,295.72. Dan jfisser illi biex tinżamm proporzjonalità l-Partit Nazzjonalista għandu jkollu 132,426 ÷ 4,296 = 30.83 siġġu u jkollu jingħata 3.83 siġġu addizzjonali, mhux 3.04. Dan ma jagħmilx differenza għan-numru ta' siġġijiet addizzjonali, li jkunu xorta 4 (għax kemm 3.83 u kemm 3.04 huma eqreb ta' 4 milli ta' 2), iżda n-nuqqas ta' proporzjonalità jekk ma jsirx l-aġġustament ikun akbar.

Partit Nazzjonalista jrid ikollu tnejn u tletin (32) siġġu u jkollu jingħata żewġ (2) siġġijiet oħra mat-tletin (30) li għandu llum biex tinżamm il-proporzjonalità u biex fil-Parlament ikun hemm numru bil-fard ta' siġġijiet kif trid il-Kostituzzjoni. Ifisser ukoll illi kull argument imsejjes fuq il-premessa illi r-riżultat li hemm illum iżomm proporzjonalità bejn il-voti u s-siġġijiet li kisbu ż-żewġ partiti huwa żbaljat. Dan kollu, naturalment, bla preġudizzju għall-kwistjoni jekk, bir-riżultat li hemm illum, hemmx ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll, ħaġa li ngħaddu issa biex inqisuha.

<u>L-art. 3 tal-Ewwel Protokoll</u>

78. Ngħaddu għalhekk għall-meritu ewlieni ta' din il-kawża, *viz.* jekk kienx hemm ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll:

> »Il-Partijiet Għolja Kontraenti jobbligaw ruħhom li jżommu elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġis-latura«

79. Il-konvenuti appellanti kollha jgħidu illi ma kienx hemm ksur ta' dan l-artikolu. L-Avukat Ġenerali jgħid hekk:

> »In kwantu laqgħet l-ewwel talba fir-rikors promotur tar-rikorrenti u ddikjarat illi "l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tmien distrett hija leżiva tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea" l-ewwel onorabbli qorti ma tatx l-importanza u l-konsiderazzjoni li jixirqilhom id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdu s-salvagwardji neċessarji sabiex kif jipprovdi l-artikolu 55(2) tal-Kostituzzjoni "L-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati għandha tkun ħielsa minn attijiet illegali jew ta' korruzzjoni u ndħil barrani".
>
> »L-inċident li ta lok għall-"mankanza" mertu ta' din il-kawza kien jikkonsisti fl-ispustjar ta' pakkett ta' ħamsin vot illi għad li ngħaddu mal-voti tal-ewwet għadd li kiseb il-Partit Nazzjonalista tqiegħdu ħażin mal-pakkett ta' voti ta' kandidat żbaljat tal-istess partit b'mod illi l-kandidata li ġew attribwiti lilha dawk il-voti mill-votanti fl-ewwel għadd tilfithom. Inzerta wkoll illi kieku dik it-kandidata żammet dawk il-voti kienet tkun hi li kienet tiġi eletta għall-ħames siġġu fit-tmien distrett minflok il-

kandidat tal-Partit Laburista li fil-fatt ġie elett għal dak is-siġġu. Dik il-kandidata hija r-rikorrenti Claudette Buttigieg li madankollu ġiet eletta fil-Parlament xorta.

»L-ewwel onorabbli qorti tidher illi applikat interpretazzjoni stretta ħafna, u fis-sottomissjoni tal-esponent bir-rispett kollu żbaljata, tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll (l-artikolu 3) b'mod illi tidher li bbażat ruħha fuq il-konklużjoni minnha mistqarra … … … fis-sens li "l-prinċipju ta' demokrazija effettiva jfisser ukoll li l-proċess elettorali jrid jitwettaq skont il-liġi, u irregolarità fil-proċess jista' wkoll iwassal għall-ksur ta' dan l-artikolu". L-esponent jissottometti illi fis-sentenza appellata l-applikazzjoni ta' din l-istqarrija pjuttost ġenerika saret b'mod allargat wisq u allura skorrett.

»… … … [L]i wieħed irid jara huwa l-assjem kollu tal-libertà u tal-ġustizzja tal-elezzjoni u wieħed ma jistax jiġġudika elezzjoni sħiħa biss abbażi ta' żewġ żbalji fl-għadd.

»Dan huwa dak li naqset li tagħmel is-sentenza appellata li minflok ma eżaminat l-elezzjoni globalment iffokat fuq żewġ inċidenti partikolari, qisha assumiet li kien hemm xi *mala fede* jew non kuranza esaġerata, u għaddiet biex tiċċensura lill-Kummissjoni Elettorali talli naqset fid-dmirijiet tagħha "ta' treġġija tal-proċess elettorali billi ħalla li jsiru dawn l-iżbalji".

»L-iżball ġie ammess iżda dan ma jfissirx illi l-elezzjoni ma baqgħetx *free and fair* bi ksur tal-artikolu 3 u dan b'mod partikolari għax ir-riżultat aħħari tal-elezzjoni huwa, in konformità mal-artikolu 52 tal-Kostituzz-joni, perfettament proporzjonat għall-ammont ta' voti li ġabu ż-żewġ partiti. … … … [L]-għan aħħari tad-dritt elettorali Malti huwa illi l-ammont ta' siġġijiet fil-Parlament ikun jirrifletti l-perċentwali ta' voti li jkunu ġabu l-partiti li eleġġew deputati fil-Kamra. Fl-elezzjoni ta' Marzu 2013 dak l-għan intleħaq perfettament.

»Illi l-proporzjon ta' voti tal-partiti li jeleġġu deputati jiġi kalkolat abbażi tal-ewwel għadd tal-voti illi huwa meqjus bħala dak l-għadd illi jirrifletti l-ewwel għażla tal-elettorat u li fil-fatt jiddetermina l-elezzjoni. B'dan it-tibdil kostituzzjonali favur il-proporzjonalità s-sistema tal-elezzjonijiet f'Malta evolva minn wieħed strett ta' vot uniku trasferibbli bażat fuq distretti għal wieħed imħallat fejn kemm is-sitwazzjoni fid-distretti kif ukoll is-sitwazzjoni fil-pajjiż kollu f'daqqa jittieħdu in konsiderazzjoni b'mod però li jipprevalu l-maġġoranza u l-proporzjon tal-perċentaġġ tal-voti fuq bazi nazzjonali.

»Għalhekk l-impatt tal-komposizzjoni tad-distretti u anke ta' żbalji bħal dawk in kwistjoni li jistgħu jittieħdu fl-għadd tat-voti ta' distretti parti-kolari naqas drastikament għax l-elezzjoni li tirriftetti r-rieda tal-elettorat hija determinata b'għadd wieħed mal-pajjiż kollu u l-vot uniku trasferibbli baqa' rilevanti biss in kwantu għall-għażla tal-kandidati eletti li ma jiġux eletti mal-ewwel għadd.

»L-artikolu 3 ma jsemmix distretti, ma jsemmix sistemi elettorali … … …

»Għalhekk l-artikolu 3 ma jikkonċernahx il-"*micro-management*" tal-elezzjoni iżda li jirrikjedi huwa li jsiru elezzjonijiet liberi fejn il-poplu jkun jista' jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar l-għażla tal-leġislatura fil-libertà. Dak l-artikolu huwa dirett lejn l-eliminazzjoni tal-orkestrar tal-proċessi elettorali normalment assoċjat ma pajjiżi fejn ma jkunx hemm rispett

għall-istat tad-dritt, u postu fil-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jsaħħaħ il-ħtieġa illi kull Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa jrid iħaddan u jħaddem sistema demokratika.

»L-artikolu 3 mkien ma jsemmi xi dritt illi min iġib maġġoranza ta' voti jiggverna, kif jistipula l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jew id-dritt ta' xi kandidat illi jekk iġib voti aktar minn kandidat kompetitur jiġi elett hu. L-artikolu 3 ma jidħolx f'dawn il-kwistjonijiet u fl-inċidenti tal-ġestjoni tal-elezzjonijiet diment illi l-elezzjonijiet kienu elezzjonijiet liberi taħt kundizzjonijiet li jizguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla ta l-leġislatura.

»Il-ħtieġa tal-espressjoni libera timplika illi l-proċess elettorali ma jkunx kontaminat iżda ċertament ma timplikax l-assenza totali ta' żbalji jew ta' avvenimenti inċidentali li jwasslu lil min ikollu iżjed voti biex ma jiġix elett. Dan għax l-artikolu 3 huwa dwar il-metodu tal-elezzjoni mhux dwar ir-riżultat.

»Issa jekk wieħed jara l-liġijiet elettorali Maltin, inkluża l-Kostituzzjoni, wieħed mill-ewwel jinduna illi dawn huma miżgħuda b'mekkaniżmi ta' bilanċ intiżi biex jiżguraw illi l-elezzjoni tkun libera u illi l-poplu jesprimi l-għażla tiegħu fl-elezzjoni tal-leġislatura b'mod ħieles.

»Dawn il-mekkaniżmi ta' bilanċ jikkulminaw fir-rikors għall-Qorti Kostituzzjonali provdut bl-artikolu 55(5) tal-Kostituzzjoni li jagħti lil kull persuna li għandha dritt għall-vot id-dritt li tadixxi lil dik il-qorti biex anke tannulla elezzjoni *in toto* jew *in parte*. Iżda anke hawn il-leġislatur kostituzzjonali applika l-prinċipju tal-proporzjonalità u tar-raġonevolezza billi pprovda illi biex atti ta' korruzzjoni jew reati oħra jew indħil barrani jkunu jistgħu jagħtu lok għal rimedju taħt dak l-artikolu dawn iridu jkunu tali illi "jistgħu raġonevolment jitqiesu li kellhom effett fuq ir-riżuttat ta' elezzjoni".

»F'dan il-każ iż-żewġ żbalji ċitati ma kellhom l-ebda effett fuq "ir-rizultat ta' elezzjoni" għax il-partit elett biex jifforma gvern kien fil-fatt il-partit maġġoritarju b'numru ta' siġġijiet fil-Parlament illi jirrispekkja preċiż il-proporzjonalità tal-perċentaġġ tal-voti tiegħu *vis-à-vis* l-voti miksuba mill-partit fl-opposizzjoni u anke l-kandidati li ppretendew illi kellhom jiġu eletti kieku ma seħħewx dawk l-iżbalji ġew eletti xorta *tramite* s-sistema rimedjali tal-allokazzjoni ta' siġġijiet addizzjonali wkoll lill-partit ta' minoranza kif provdut fl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni.

»Għalhekk ċertu diskors illi nsibu fis-sentenza appellata bħal per eżempju dak fis-sens illi "Fil-każ odjern kien hemm falliment fis-sistema tal-proċess etettorali li ma jindirizzax u ma joffrix rimedju" huwa diskors illi fil-fatt qed jaqbad ma' inċidenti żgħar u jkabbarhom sal-punt tal-konvinċiment (mhux ġustifikat) illi l-elezzjoni ta' Marzu 2013 ma kinitx waħda libera. Abbażi ta' dan ir-raġunament esaġerat jinqabeż il-foss u jiġi konkluż illi seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 3.«

80. Id-Deputati Laburisti fissru l-istess aggravju hekk:

»L-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea jimponi obbligu fuq l-Istat li jassigura li (i) jinżammu elezzjonijiet ħielsa; (ii) f'intervalli xierqa; (iii) b'votazzjoni sigrieta; (iv) li twassal għal għażla ħielsa tal-legislatura.

»Ħadd mir-rikorrenti ma allega li l-elezzjoni tad-9 ta' Marzu 2013 ma kinitx elezzjoni ħielsa, jew li l-vot ma kienx sigriet jew li l-leġislatura li ġiet eletta biex tmexxi l-pajjiż ma tirriflettix l-għażla tal-poplu. Ħadd ma allega li s-sistema elettorali Malti mhuwiex demokratiku. Anke ż-żmien tal-elezzjoni, waqt li huwa maqbul bil-Kostituzzjoni, ingħażel ukoll mill-gvern immexxi mill-Partit Nazzjonalista. Huwa veru li l-partit fil-gvern u l-gvern in kwantu l-eżekuttiv tal-pajjiż huma legalment distinti, iżda ma nistgħux nagħalqu għajnejna għall-fatt li l-istess nies li kienu jmexxu l-Partit Nazzjonalista kienu l-istess nies li jmexxu l-gvern fi żmien l-elezzjoni. Kienu huma li ħatru l-Kumissjoni Elettorali u kellhom ukoll kontroll fuq l-i*staff* u l-makkinarju kollu tal-istat. Żgur li jekk kien hemm xi nuqqas tekniku, ir-rikorrenti ma jistgħux jattribwuh ħlief lilhom infushom. F'kull każ kwalunkwe nuqqas li seta' kien hemm ma affettwax il-prinċipji għal elezzjoni ħielsa enunċjati bl-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll.

»Dawn l-istess prinċipji huma integrati wkoll fil-Kostituzzjoni ta' Malta u regolati bl-Att dwar l-Elezzjonjiet Ġenerali.

»L-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll jitkellem fuq il-prinċipji f'sistemi demokratiċi u la jimponi sistema ta' gvern partikolari u wisq inqas ma huwa intiż biex jidħol fl-implimentazzjoni ta' dik is-sisterna sakemm tkun bażata fuq il-prinċipji ġenerali msemmija. Żgur li ma huwiex intiż biex jintalab għadd mill-ġdid tal-voti jew biex jintalab li l-qorti teleġġi hi d-deputati tal-Parlament.

»Dawn il-prinċipji l-ewwel qorti qablet dwarhom. L-istess qorti ċċitat ġurisprudenza fis-sens li mhemmx regoli assoluti kif jintlaħqu l-għan-ijiet ta' dan l-artikolu … … …

81. Id-Deputati Laburisti hawn jiċċitaw sentenzi tal-Qorti Ewropea li jgħidu illi l-istat għandu diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla tas-sistema elettorali u illi l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll ma jimponix regoli assoluti għax is-sistema elettorali ta' kull pajjiż għandu jitqies fil-kuntest tal-evoluzzjoni storika tal-pajjiż li jkun. Ikomplu hekk:

»Fil-każ ta' Malta, m'hemmx dubju li r-regoli li nsibu fil-Kostituzzjoni u fil-liġijiet elettorali huma riżultat ta' evoluzzjoni storika u politika twila. Dawn ir-regoli sabu l-kunsens tal-forzi politiċi kollha fil-pajjiż. Tant hu hekk, kif diġà ngħad aktar 'il fuq, li l-Partit Nazzjonalista li f'din il-kawża qiegħed jilmenta li ġie preġudikat bil-mod kif tħaddmet is-sistema, kien l-istess partit li mexxa u ħaddem l-elezzjoni li llum qed jilmenta mir-riżultat tagħha. Kien ukoll Prim'Ministru Nazzjonalista li rrakkomanda lill-President tar-Repubblika, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppos-izzjoni, il-ħatra tal-Kummissjoni Elettorali li mexxiet l-elezzjoni.

»Anqas ma huwa l-każ li kien hemm xi arbitrarjetà fl-applikazzjoni tar-regolamenti. Dawn ir-regoli japplikaw għal kulħadd l-istess u ma kinux intiżi biex jiffavorixxu naħa jew oħra; anzi huma maħsuba biex iwasslu għal riżultat ċert u bla dewmien bla bżonn.

»Il-Kummissjoni Elettorali applikat il-liġijiet u r-regolamenti għal kulħadd l-istess. Il-kandidati kollha, flimkien mal-aġenti tagħhom, kellhom possibiltà jikkontrollaw il-proċess elettorali. Il-partiti kollha kienu rappreżentati, u kellhom il-mezzi u l-opportunità jikkontrollaw pass pass il-proċess elettorali kollu. U hekk sar. Xejn ma kien arbitrarju. Ħadd mhu jallega li kien hemm xi qerq, iżda sfortunatament żbalji jsiru dejjem. Żgur li kieku wieħed kellu jiftaħ il-poloz kollha mill-ġdid ser isib żbalji oħra kemm favur naħa kemm favur l-oħra. Tant hu hekk li meta jintalab *recount* kemm-il darba l-għadd mill-ġdid iġib riżultat differenti.

»Il-leġislatur fl-għaqal tiegħu ried li ladarba għadd jiġi dikjarat magħluq ma jkunx aktar possibbli li jerġa' jinfetaħ. Dan fl-interess taċ-ċertezza u tal-ispeditezza. Anke biex jiġi kontestat ir-riżultat, il-Kostituzzjoni trid li dan isir biss sa tlett ijiem mir-riżultat. L-iskop taċ-ċertezza u tal-ispeditezza huwa għan leġittimu fit-termini tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Huwa wkoll mezz meqjus u proporzjonali għall-għan li jrid jintlaħaq meta wieħed iqis il-possibiltà ta' kontroll u kontestazzjoni maħsuba fl-istess liġijiet elettorali, u fl-interess tat-tħaddim tas-sistema demokratiku.

»Is-sistema Maltija u r-regoli elettorali għalhekk jissodisfaw għal kollox il-kriterji stabbiliti taħt l-artikolu 3 għall-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.«

82. L-istess aggravju ressqitu wkoll il-Kummissjoni Elettorali, li fissritu hekk:

»… … … [I]l-ħsieb tal-artikolu [3 tal-Ewwel Protokoll] qatt ma kien li jissalvagwardja minn dak li ġara fl-aħħar elezzjoni, jew li jagħti rimedju minn żbalji fl-għadd tal-voti. Dak li jaħseb biex jipproteġi l-artikolu huwa li jkun hemm elezzjoni ħielsa u verament rappresentativa; mhux li xi sistema taħdem matematikament korrett jew li ma jsirux żbalji fl-għadd tal-voti. Issa ma hemm l-ebda dubbju, lanqas avanzat mir-rikorrenti, li l-elezzjoni li għaddiet kienet waħda ħielsa u li tat riżultat rappresentativ *in larga misura* tar-rieda tal-poplu. Il-qorti għalhekk kellha tieqaf hemm u mhux tidħol fil-kwistjoni jekk xi voti ġew involontarjament ommessi mill-għadd bi żball tipprova tirradrizza s-sitwazzjoni billi teleġġi persuni oħra għall-Parlament. Dan mhux dak li trid tissalvagwardja il-liġi.

»Naturalment biex l-esponent jagħmel is-sottomissjoni tiegħu ċara, l-artikolu in kwistjoni jista' jkun rilevanti fil-każ fejn li l-iżbalji fl-għadd jidhru li kienu intenzjonati u maħsuba u mhux biss żbalji umani (bħal ma ħafna drabi jiġri). F'dak il-każ wieħed jista' jitkellem dwar perversjoni tar-rieda tal-poplu: l-esponent jiddistingwi bejn żball fil-kors tal-għadd, biex ngħid hekk, involontarju, li ma jaqax fl-ambitu tal-artikolu in kwistjoni, u l-għadd ħażin tal-voti b'mod pervers biex tiġi stultifikata l-intenzjoni tal-elettur li jaqa' fil-ambitu tal-artikolu; imma dwar dan ma hemm l-ebda prova assoluta anzi jidher li l-persuni kollha involuti jaqblu li l-iżball kien wieħed ġenwin u mhux magħmul b'ebda intenzjoni, ħażina jew tajba; għalhekk dak li donnha implikat l-ewwel onorabbli qorti mhux korrett u lanqas ma huwa provat. Bir-rispett kollu l-kawżi ma jiġux deċiżi fuq suspett imma fuq il-provi.

»Biex wieħed ikun perfettament onest il-qorti lanqas ikkonkludiet li kien hemm żball li sar intenzjonalment imma biss addombrat dubbju; huwa fl-interess evidenti tal-kummissjoni appellanti li dak id-dubbju jiġi epurat u mneħħi u fil-fatt fil-proċess kollu ma hemm l-ebda prova tiegħu; anzi l-kummissjoni meta ġiet mgħarrfa bl-iżball għamlet dak li setgħet fl-ambitu tal-liġi biex telimina l-effetti tiegħu jew timminimizzahom. Dwar dan anke l-ewwel onorabbli qorti taqbel billi ikkonkludiet li skond il-liġi maltija jekk għadd ikun ingħalaq ma jistax jiġi miftuħ mill-ġdid ħlief mill-qorti fuq rikors appositu. Kull ma sar wara li l-iżball ġie għall-konjizzjoni tagħha jirriżulta li sar kemm jista' jkun bil-kooperazzjoni tal-kummissjoni kollha u tad-delegati tal-partiti; dan jixduh il-mod miftuħ b'liema ġew kondotti l-affarijiet kollha. Għalhekk l-esponent jissottometti bir-rispett li l-artikolu in kwistjoni mhux maħsub biex jagħti protezzjoni minn żball ta' dan it-tip.

»In partikolari l-esponent iżid li jekk tislet il-prinċipji li jemerġu għall-interpretazzjoni tal-artikolu in kwistjoni mid-diversi sentenzi ċitati mill-ewwel onorabbli qorti joħroġ ċar li l-ħsieb wara l-artikolu huwa li jissalvagwardja elezzjoni verament ħielsa u demokratika u mhux li jidħol fil-kwisjtoni ta' kif għandhom jiġu radrizzati żbalji bħal dak li ġara f'dan l-għadd.«

83. Il-Partit Laburista wkoll ressaq dan l-aggravju u fissru hekk:

»… … … [G]ħall-fini tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, ir-riżultat jirrifletti kjarament u mingħajr ebda ombra ta' dubju r-rieda tal-poplu għal din il-leġislatura; bħal ma hu konfermat ukoll li l-partit rikorrent ħa ħsieb, fiż-żmien li kien fil-gvern, li jkun konformi mal-obbligu li *jorganizza elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura*.

»Illi l-esponenti jirrelevaw ukoll li fil-każ tal-għadd tat-voti saru żbalji konsistenti f'pakkett ta' ħamsin vot fuq it-tmien distrett li ma ġiex korretternent allokat lill-Onorevoli Claudette Buttigieg, kif ukoll li fl-għadd tal-voti fit-tlettax-il distrett kien hemm numru ta' voti, inqas minn għaxra, li setgħu ġew distribwiti f'pakkett skorrett u għalhekk ma ġewx konteġġjati sewwa. *Dato ma non concesso* li dan seta' effettwa r-riżultat elettorali in kwantu jirrigwarda l-kandidati *ut singulis* l-effett li tali żbalji seta' kellhom fuq ir-riżultat finali jibqa' wieħed mhux biss kimeriku iżda, *ai fini* ta' dak li jrid jevita l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, ma għandhom ebda valur jew rilevanza.

»Illi f'dan l-istadju l-ewwel onorabbli qorti injorat argument importantissimu fuq l-allokazzjoni ta' siġġijiet. L-eżerċizziu tal-allokazzjoni ta' żewġ siġġijiet wara eżami matematiku tal-akkadut huwa wieħed totoloġiku meta jiġi kkunsidrat li r-riflessjoni ta' siġġijiet propozjonali fuq l-ammont ta' voti akkwiżiti minn partit politiku għandhom ikunu kalkolati fuq l-ewwel preferenzi u mhux fuq is-sistema tal-wirt u ripeskaġġ ta' voti, u dan kif tassattivament tirrekjedi l-Kostituzzjoni. F'dan ir-rigward il-Professur Anthony Buhagiar f'passaġġ minnhom kjarament qal li meta tieħu in konsiderazzjoni l-ammont tal-ewwel preferenzi miksubin mill-Partit Laburista, dan il-partit dejjem jibqagħlu d-dritt ta' disa' (9) siġġijiet distakk. Dan ifisser li jekk kif qalet l-ewwel sentenza għandhom ikunu allokati żewġ siġġijiet lill-Partit Nazzjon-

alista biex id-distakk bejn dak il-partit u l-partit appellant jinżel għal seba' (7) siġġijiet, ser jiġi leż, b'effett tas-sentenza tal-qorti, il-jedd li l-Partit Laburista għandu naxxenti mill-provvedimenti Kostituzzjonali li l-ammont ta' voti miksuba jrid isib riflessjoni fl-ammonti ta' siġġiiiet fil-Parlament. U ikun seħħ spropożitu legali li sentenza tal-Prim'Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha tkun illediet il-jeddijiet kostituzzjon-ali ta' partit politiku, apparti li tkun ikkozzat mal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni.

»Illi *inoltre* hemm ukoll argument matematiku ieħor li ma tteħidx in konsiderazzjoni. Fl-aħħar elezzjoni, il-Partit Laburtista rebaħ bi tlettax-il (13) siġġu (39-26) imma l-Kummissjoni Elettorali (KE) kellha talloka lill-Partit Nazzjonalista erba' (4) siġġijiet oħra bit-tħaddim tal-mekkan-iżmu kontemplat fil-Kostituzzjoni, bir-riżultat finali jkun ta' 39-30 siġġu. Dan ifisser li kieku fl-2013, kif suppost, Justyne Caruana u Joe Debono Grech ma telgħux, kieku d-distakk tas-siġġijiet kien ikun ta' disgħa (9) – 37-28, u kwindi ma kienx ikun hemm ilment mill-Partit Nazzjonalista għaliex kien ikun sodisfatt bir-riżultat. Dan ifisser li s-sitwazzjoni diġà ġiet indirizzata mill-Kummissjoni Elettorali u kwindi jekk il-Partit Nazzjonalista jingħata żewġ (2) siġġijiet oħra tkun qiegħda tinħoloq sitwazzjoni li tmur kontra riżultat ġust u reali għax ikun hemm b'maġġoranza ta' seba' (7) siġġijiet, li żgur ma tirriflettix ir-riżultat elettorali. U tkun hawn li tqum il-vera leżjoni.

»Illi l-esponenti jsostnu li *… … …* l-eżerċizzju kellu jieqaf mal-kon-siderazzjoni li l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tat-Konvenzjoni Ewropea inkorporata fil-Kapitotu 319 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex applikabbli għas-sitwazzjoni li kellha quddiemha l-ewwel qorti. Li kieku l-ewwel onorabbli qorti għamlet eżami profond ta' dan l-argument, ma kienx ikollha għalfejn tidħol dwar persentaġġi, matematika u sistema ta' ripeskaġġ ta' voti. Ir-raġuni hija waħda sempliċi u ċara, anke mill-istat ta' sentenzi ċitati mill-istess qorti fis-sentenza tagħha, fost oħrajn dik ta' Grosaru *v.* Rumanija[27] li tittratta l-element ta' arbitrarjetà fl-elimin-azzjoni ta' kandidat, meta f'dan il-każ ma kelna ebda element ta' arbitrarjetà iżda żball involut u uman, li bħalhom jitwettqu f'kull elezzjoni u anke ammess li kien hekk mill-Onor. Chris Said fix-xiehda tiegħu. Fuq kollox, żball *de minimis* li umilment jiġi sottomess li r-rikorrenti appellati qed jippruvaw jikkapitalizzaw kemm jifilħu minnu.

»Illi f'dan ir-rigward, l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tat-Konvenzjoni Ewropea ma jorbotx ruħu ma' sistema ta' votazzjoni partikolari jew mal-produzzjoni ta' riżultat li bilfors irid ikun mikroskopikament pro-porzjonali, jew jipproduċi riżultat bla ebda żball uman. L-artikolu jipproteġi ż-żamma u l-organizazzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u liberi, *free and fair*, minn prattiċi korrotti jew illegali. F'dan il-każ ma kien hemm xejn minn dan kollu. Saħansitra l-metodu użat fil-konteġġ tal-voti u l-"kundizzjonijiet" li taħthom isir il-proċess kien wieħed li mhux biss ilu jintuża għal snin twal, imma li jissodisfa pjenament l-obbligi li l-istat għandu taħt l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll. Di fatti tajjeb li jiġi osservat li fix-xiehda tiegħu l-Onor. Chris Said jikkonferma li dak li seħħ u li jifforma l-bażi tal-lamentela tar-rikorrenti kien biss żball uman. Jirrikonoxxi univokament li dawn l-iżbalji ma sarux intenzjonalment, riflessjoni li għandha wkoll valur ġuridiku importanti fuq jekk l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea hux applikabbli jew le.

27 Q.E.D.B. 2 ta' Marzu 2010; rik. 78039/01.

Difatti wieħed mill-elementi li jridu jiġu ppruvati biex dan l-artikolu u l-artikolu 56 tal-Kostituzzjoni jiġu applikabbli huwa dak tal-prattiċi korrotti u illegali. Dan l-element huwa *sine qua non*.

»Illi hija wkoll abberrazzjoni istituzzjonali, jekk mhux ironija wkoll, kif l-istess partit politiku li kien fil-gvern qabel, u li allura taħt il-ħarsien tiegħu ġiet miżmuma u organizzata l-elezzjoni mertu tal-kawża odjerna u numru ta' elezzjonijiet preċedenti li ġew kondotti bl-istess sistema, issa qed jilmenta li lleda huwa stess il-jeddijiet li għandu naxxenti mill-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u konsegwenzjalment irid li jkun allokat aktar siġġijiet abbażi tal-fatt li dawn l-istess elezzjonijiet la kienu ħielsa u lanqas liberi.

»Illi b'konsegwenza ta' dan u b'mod għal kollox legalment inkongruwu, skont ir-rikorrenti l-"aggressur" u wkoll il-"vittma" fil-proċeduri odjerni huma l-istess persuna li intavolaw il-kawża odjerna. Tajjeb jew ħażin, il-Kummissjoni Elettorali *ai termini* tal-artikolu 60(3) tal-Kostituzzjoni taqa' taħt id-dekasteru tal-Prim'Ministru tant li tiġi maħtura mill-President fuq parir tal-Prim'Ministru, li fir-realtà l-President ma jistax jirrifuta. Il-Prim'Ministru fi żmien l-elezzjoni meritu ta' din il-kawża kien il-Kap tal-Partit Nazzjonalista, u kien ukoll rikorrent fil-kawża odjerna in rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista.

»Illi huwa ta' importanza li jiġi rilevat li, *ai fini* tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, il-komposizzjoni aħħarija tal-Kamra tad-Deputati tirrifletti l-ammont ta' voti li l-partiti ġabu fuq l-ewwel għadd. Dan indipendentement mit-tħaddim tal-mekkaniżmi legali kontemplati għall-aħjar organizazzjoni tal-elezzjonijiet ġenerali, ikkunsidrati wkoll l-imperfezzjonijiet umani li jinsabu f'kull sistema elettorali demokratika, u dan sabiex ikun aċċertat li, f'sens politiku aktar milli legali, ir-rieda tal-poplu tkun tassew ġiet rispettata fl-għażla tal-leġislatura. Għalhekk, ma kien hemm ebda leżjoni tad-dritt lamentat, u n-nuqqas ta' korrettezza assoluta riskontrata f'dan il-każ ma kellha assolutament l-ebda effett fuq il-komposizzjoni aħħarija tal-Kamra tad-Deputati, u kif din tirrifletti l-ammont ta' voti li l-partiti ġabu fuq l-ewwel għadd.

»Illi biex jingħata eżempju ta' x'ġara fl-elezzjonijiet tal-1996, dakinhar minkejja li l-Partit Laburista kellu daqstant voti biex ikollu tliet (3) siġġijiet vantaġġ, fil-fatt spiċċa b'siġġu wieħed vantaġġ biss, però hu inkontestat li dik l-elezzjoni kienet fil-fatt tissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, għaliex kienet elezzjoni ħielsa minn prattiċi korrotti u illegali, u, *di più*, ir-rieda tal-elettorat irriflettiet ruħha fl-għażla tal-leġislatura. U jekk kien hemm eżempju konkret ta' "preġudizzju" li partit seta' sofra bit-tħaddim tas-sistema etettorali, kien b'konsegwenza ta' dak ir-riżultat. Imma dan assolutament ma kienx jissarraf filli l-partit esponent sofra leżjoni tal-jeddijiet naxxenti mill-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll, hawn dibattut

»Illi jekk is-sentenza tal-ewwel onorabbli qorti tiġi konfermata, l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza tissarraf f'riżultat li l-komposizzjoni aħħarija tal-Kamra tad-Deputati ma tibqax tirrifletti l-ammont ta' voti li l-partiti ġabu fuq l-ewwel għadd. U din tkun konsegwenza serja, anke għaliex xprunata jew maħluqa minn qorti li proprju għandha tħares milli jseħħ hekk.

»Illi għalhekk l-esponenti jenfasizzaw li huwa ben ċar li l-parametri legali tal-protezzjoni akkordata taħt l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-

Konvenzjoni Ewropea jikkontemplaw sitwazzjoni fejn ikollok xi politiku li jrid jibqa' ggranfat mal-poter, billi ma jirrispettax il-prinċipji bażiċi tad-demokrazija li jiggarantixxu elezzjonijiet ħielsa u liberi, u mhux għaċ-ċirkostanza dibattuta f'din il-kawża. Illi din kellha tkun il-prova li kellhom iressqu l-appellati għas-sodisfazzjon tal-qorti, fis-sens li l-elezzjoni ġenerali tat-8 ta' Marzu 2013 ma kinitx waħda ħielsa jew li ma wasslitx sabiex f'Malta jiġi elett gvern li jirrappreżenta r-rieda tal-poplu kif espress fl-ewwel għadd tal-voti għaliex l-elezzjoni kienet waħda manipulata u aprijoristikament imfassla biex iċċaħħad lill-elettorat milli jara u jkollu l-leġislatura tal-għażla tiegħu. Prova li qatt ma nġabet u qatt ma tista' tinġieb għaliex ma kienx il-każ, anzi li r-rikorrenti stess jeskluduha.

»Illi għaldaqstant, hekk kif joħroġ ben ċar mill-provi prodotti, is-sistema elettorali Maltija kif ġiet organizzata, regolata u mħaddma fl-elezzjoni tal-2013 u dawk preċedenti għaliha kienet pjenament konformi mal-prinċipji emerġenti mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Sabiex japplikaw dawk il-provvedimenti tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kien ikun meħtieġ xenarju u eżitu kompletament differenti u *cioè* xenarju li jimplika li l-elezzjoni ma kinitx verament ħielsa u/jew li ma kinitx ser twassal biex ikun hemm eżitu rappreżentattiv fid-distribuzzjoni tal-voti, liema xenarju ma kellu xejn x'jaqsam mal-każ odjern, u wisq anqas mat-talbiet tar-rikorrenti, anzi hu eskluż.

»Illi dak li talbu r-rikorrenti issa appellati fir-rikors promotur kien rimedju għall-iżbalji umani li, tenut kont tal-ammont kbir ta' voti involuti, huma kważi inevitabbti fiċ-ċirkostanzi. Żbalji umani li ma wasslux sabiex jiġi pervers ir-riżultat elettorali komplessiv, kif lanqas wasslu sabiex ir-rieda ħielsa tal-espressjoni u x-xewqa tal-poplu hekk kif riflessa fil-vot tiegħu, ma tiġix rispettata.«

84. Ġà rajna[28] illi huwa żbaljat li tgħid illi "r-riżultat aħħari tal-elezzjoni huwa, in konformità mal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, perfettament proporzjonat għall-ammont ta' voti li ġabu ż-żewġ partiti" u għalhekk safejn imsejjes fuq dak l-argument l-aggravju huwa ħażin. Il-kalkoli maħduma fuq juru wkoll illi l-"argument matematiku ieħor" imsemmi mill-Partit Laburista fir-rikors tiegħu huwa żbaljat.

85. Lanqas ma huwa r-relevanti l-fatt, imsemmi mid-Deputati Laburisti u mill-Partit Laburista, illi meta saret l-elezzjoni l-gvern kien immexxi mill-Partit Nazzjonalista, għax l-elezzjoni titmexxa mhux mill-gvern

---

28 Para. 58 *et seqq. supra.*

jew mill-partit fil-gvern iżda mill-Kummissjoni Elettorali li hija awtorità mwaqqfa mill-Kostituzzjoni u hija awtorità indipendenti.

86. Il-qorti tgħid ukoll illi taqbel mal-appellanti illi l-iżbalji li saru kienu żbalji ġenwini għax ma hemm ebda prova li kienu intenzjonati, u għalhekk huwa forsi xi ftit iebes aktar milli meħtieġ il-kumment tal-ewwel qorti fis-sentenza appellata illi dak li ġara "huwa suspettuż fl-agħar ipotezi" u "jaqbeż il-limitu tas-sempliċi żball inkonsegwenzjali u uman", għalkemm, kif rajna, kellha raġun tgħid illi l-iżball ma kienx "inkonsegwenzjali" għax ħalla konsegwenzi serji u apprezzabbli fil-għadd tas-siġġijiet. Madankollu, dan ma jfissirx illi awtomatikament ma setax kien hemm ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll għax ma huwiex neċessarjament u f'kull każ meħtieġ illi jkun hemm għemil doluż biex ikun hemm ksur ta' dak l-artikolu.

87. L-appellanti effettivament jistrieħu fuq interpretazzjoni x'aktarx "mini-malista" tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll. Dan iżda ma huwiex l-atteġġ-jament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-interpretazzjoni ta' dan u ta' bosta artikoli oħra tal-Konvenzjoni. Kif sewwa osservat l-ewwel qorti, il-Qorti Ewropea, ġà fl-1987, fil-każ ta' <u>Mathieu-Molin and Clerfayt *v.* il-Belġju</u>[29] – wieħed mill-ewwel każijiet fejn kien invokat l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll – qalet hekk:

> »46. Since the Court is being asked to determine complaints under Article 3 of Protocol No. 1 for the first time, it deems it necessary to indicate the meaning it ascribes to that Article in the context of the instant case.
>
> »47. According to the Preamble to the Convention, fundamental human rights and freedoms are best maintained by "an effective

---

[29] Q.E.D.B. 2 ta' Marzu 1987, rik. 9267/1981.

political democracy". Since it enshrines a characteristic principle of democracy, Article 3 of Protocol No. 1 is accordingly of prime importance in the Convention system.

»48. Where nearly all the other substantive clauses in the Convention and in Protocols Nos. 1, 4, 6 and 7 use the words "Everyone has the right" or "No one shall", Article 3 uses the phrase "The High Contracting Parties undertake". It has sometimes been inferred from this that the Article does not give rise to individual rights and freedoms "directly secured to anyone" within the jurisdiction of these Parties (see the Ireland *v.* the United Kingdom judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 91, § 239), but solely to obligations between States.

»If that were so, Mrs Mathieu-Mohin and Mr Clerfayt's application to the Commission would not have been admissible, since – under Article 25 of the Convention – only a person claiming to be the victim of a violation of one of his own rights and freedoms has standing to petition the Commission.

»49. Such a restrictive interpretation does not stand up to scrutiny. According to its Preamble, Protocol No. 1 ensures "the collective enforcement of certain rights and freedoms other than those already included in Section I of the Convention"; furthermore, Article 5 of the Protocol provides: "as between the High Contracting Parties the provisions of Articles 1, 2, 3 and 4 ... shall be regarded as additional Articles to the Convention", all of whose provisions – including Article 25 – "shall apply accordingly". Moreover, the Preamble to Protocol No. 4 refers, *inter alia*, to the "rights and freedoms" protected in "Articles 1 to 3" of Protocol No. 1.

»Nor do the *travaux préparatoires* of Protocol No. 1 disclose any intention of excluding the operation of the right of individual petition as regards Article 3, whereas for a long time the idea was canvassed – only to be finally abandoned – of withholding the subject from the Court's jurisdiction. The *travaux préparatoires* also frequently refer to "political freedom", "political rights", "the political rights and liberties of the individual", "the right to free elections" and "the right of election".

»50. Accordingly … … … the inter-State colouring of the wording of Article 3 does not reflect any difference of substance from the other substantive clauses in the Convention and Protocols. The reason for it would seem to lie rather in the desire to give greater solemnity to the commitment undertaken and in the fact that the primary obligation in the field concerned is not one of abstention or non-interference, as with the majority of the civil and political rights, but one of adoption by the State of positive measures to "hold" democratic elections

»51. As to the nature of the rights thus enshrined in Article 3, the view taken by the Commission has evolved. From the idea of an "institutional" right to the holding of free elections (decision of 18 September 1961 on the admissibility of application no. 1028/61, X v. Belgium, Yearbook of the Convention, vol. 4, p. 338) the Commission has moved to the concept of "universal suffrage" (see particularly the decision of 6 October 1967 on the admissibility of application no. 2728/66, X v. the Federal Republic of Germany, *op. cit*., vol. 10, p. 338) and then, as a consequence, to the concept of subjective rights of participation – the "right to vote" and the "right to stand for election to the legislature" (see in particular the decision of 30 May 1975 on the admissibility of applications nos. 6745-6746/76, W,

> X, Y and Z v. Belgium, *op. cit.*, vol. 18, p. 244). The Court approves this latter concept.«

88. Jidher ċar illi l-Qorti Ewropea tiffavorixxi interpretazzjoni li twessa' mhux tirrestrinġi d-dritt. Ma huwiex xieraq u lanqas kompatibbli mal-ġurisprudenza ewropea illi artikolu "*of prime importance in the Convention system*" jitnaqqsulu l-effetti u l-portata tiegħu b'interpretazzjoni minimalista.

89. Il-Qorti Ewropea tagħti importanza wkoll lill-kuntest "storiku u politiku" tal-pajjiż li jkun, b'mod illi fatturi "anomali" jew *prima facie* irregolari jistgħu jkunu aċċettabbli fil-kuntest ta' ċerti sistemi iżda mhux ta' oħrajn. Fil-każ ta' Saccomanno u oħrajn *v.* l-Italja[30], il-qorti osservat illi:

> »49. … … … la Cour souligne la nécessité d'apprécier toute législation électorale à la lumière de l'évolution politique du pays concerné, ce qui implique que des caractéristiques inacceptables dans le cadre d'un système peuvent se justifier dans le contexte d'un autre.
>
> »… … …
>
> »52. En effet, les règles dans ce domaine varient en fonction des facteurs historiques et politiques propres à chaque Etat; la multitude de situations prévues dans les législations électorales de nombreux Etats membres du Conseil de l'Europe démontre la diversité des choix possibles en la matière. Aux fins de l'application de l'article 3, toute loi électorale doit toujours s'apprécier à la lumière de l'évolution politique du pays, de sorte que des détails inacceptables dans le cadre d'un système déterminé peuvent se justifier dans celui d'un autre (Py c. France, no 66289/01, § 46, CEDH 2005-I) … … …«

90. L-istess ingħad fil-każ ta' Podkolzina *v.* il-Latvja[31]:

> »33. … … … States have broad latitude to establish constitutional rules on the status of members of parliament, including criteria for declaring them ineligible. Although they have a common origin in the need to ensure both the independence of elected representatives and

---

30 Q.E.D.B. 13 ta' Marzu 2012, rik. 11583/2008 u oħrajn.

31 Q.E.D.B. 9 ta' April 2002, rik. 46729/1999.

> the freedom of electors, these criteria vary in accordance with the historical and political factors specific to each State; the multiplicity of situations provided for in the constitutions and electoral legislation of numerous member States of the Council of Europe shows the diversity of possible approaches in this area. For the purposes of applying Article 3, any electoral legislation must be assessed in the light of the political evolution of the country concerned, so that features that would be unacceptable in the context of one system may be justified in the context of another.«

91. Eżempju ta' dan huwa s-sistema elettorali ta' *first past the post* fir-Renju Unit, li faċilment iwassal għal ħafna voti moħlija u nuqqas gravi ta' proporzjonalità, iżda fil-kuntest tal-evoluzzjoni politika tar-Renju Unit dan il-fatt ma nstabx li kien bi ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll:

> »Article 3 requires that elections are being held under conditions which will ensure the free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature. The applicants seem to suggest that the disadvantage existing for the Liberal Party, as for any smaller party, does not really assure the free expression of the opinion of the people. Although the Commission agrees that this disadvantage exists and may be of considerable political impact it cannot find a violation of Article 3 of the First Protocol alone or in conjunction with Article 14 of the Convention on that basis. The simple majority system is one of the two basic electoral systems. It is or has been used in many democratic countries. It has always been accepted as allowing for the "free expression of the opinion of the people" even if it operates to the detriment of small parties.
>
> »This reasoning is supported by the fact that even countries which know of a fundamental right to equality of voting still admit the simple majority system as complying with this requirement. The Federal Constitutional Court of the Federal Republic of Germany has held that both electoral systems – proportionate representation and simple majority vote – are constitutional and in line with the requirement of equality of voting. The United States Supreme Court controls election laws on the basis of the equal protection clause of the 14th Amendment to the US Constitution. It accepts the prevailing system with simple majority electoral districts, including, under specific circumstances, multimember districts although these may be very much to the disadvantage of smaller groups.[32]«

92. Fi kliem ieħor, fil-pajjiżi li adottaw is-sistema *first past the post*, kien b'"għażla ħielsa tal-poplu" kif riflessa fil-leġislazzjoni tal-pajjiż illi

[32] Partit Liberali u oħrajn *v.* Ir-Renju Unit, deċiżjoni tal-Kummissjoni, 18 ta' Diċembru 1980, rik. 8765/1979.

għandu jintuża dak is-sistema. Fil-kuntest ta' Malta, iżda, fejn tingħata importanza kbira lill-ħarsien tal-proporzjonalità, kif tixhed ir-regolamentazzjoni skrupolożament dettaljata tal-mekkaniżmi maħsuba biex jiggarantixxu riżultat proporzjonali bejn il-partiti rappreżentati fil-Parlament, l-eżitu ta' kawża bħal dik x'aktarx kien ikun differenti għax l-għażla tal-poplu kif riflessa fil-Kostituzzjoni u fil-liġijiet elettorali hija illi jkun hemm proporzjonalità bejn voti u siġġijiet.

93. Għalhekk ma hux korrett li jingħad li l-Artikolu 3 tal-Protokoll huwa biss dwar il-metodu tal-elezzjoni u mhux dwar ir-riżultat għaliex kif rajna l-Qorti Ewropea tagħti importanza wkoll lill-kuntest "storiku u politiku" tal-pajjiż b'tali mod li, jekk il-proporzjonalità bejn il-preferenzi tal-votant u l-membri eletti jkun fattur ewlieni u determinanti tas-sistema elettorali in kwistjoni, nuqqas fit-tħaddim ta' dik is-sistema li jipproduċi riżultat li ma jirrispekkjax dak il-fattur ewlieni jista' jammonta għall-ksur tal-Artikolu 3 tal-Protokoll.

94. Dan ma jfissirx li żball wieħed jew aktar jew kull irregolarità proċedurali tammonta neċessarjament għall-vjolazzjoni tal-Artikolu 3 imsemmi għaliex dan jiddependi mill-kwalità u l-entità tal-iżball u mill-konsegwenzi tal-istess u fuq jekk dawn jinċidux fuq elementi fondamentali tas-sistema elettorali in kwistjoni b'mod li r-riżultat jonqos milli jiżgura fil-konkret l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura skont il-liġijiet tal-pajjiż.

95. F'dan il-kontest huwa relevanti li tinnota li l-atturi fil-kawża tallum ma humiex qegħdin ifittxu li jimpunjaw il-liġijiet elettorali bħala inkom-

patibbli mal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll; anzi, qegħdin ifittxu dikjarazzjoni ta' ksur ta' dak l-artikolu appuntu għax l-elezzjoni ma tatx ir-riżultat li dawk il-liġijiet – prodott ta' proċess demokratiku u espressjoni ta' għażla tal-poplu – huma maħsuba li jiggarantixxu. Wara kollox il-ħsieb tal-Artikolu 3 hu li l-elezzjoni jiddeċidiha min jivvota u mhux min jgħodd il-voti.

96. If-riżultat li għalih jimmira s-sistema elettorali tal-pajjiż ma ġiex imħares fir-riżultat tat-tmien distrett (bla ħsara, għalissa, għall-kwistjoni dwar it-tlittax-il distrett, li hija l-meritu tal-appell inċidentali tal-atturi u ta' Edwin Vassallo) għax l-elettorat ta' dak id-distrett ried li l-Partit Nazzjonalista jtella' tliet siġġijiet, mhux tnejn, minn dak id-distrett. Ir-riżultat mhux mixtieq iżda ma kienx limitat għar-riżultat tat-tmien distrett għax, kif rajna, wassal għal riżultat globali fejn il-Partit Laburista kiseb maġġoranza ta' żewġ siġġijiet aktar milli kellu jikseb bir-riżultat mixtieq mill-elettorat.

97. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi kien hemm ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll għax minħabba żball aċċertat li baqa' ma ġiex korrett ir-riżultat tal-elezzjoni naqas li jikkonforma ma' fattur ewlieni u determinanti tas-sistema elettorali demokratikament magħżul għal Malta u cioé l-element ta' proporzjonalità bejn il-preferenzi espressi mill-elettorat u n-numru ta' siġġijiet allokati lill-partiti rispettivi.

Ir-rimedju

98. Ngħaddu għalhekk għall-kwistjoni dwar ir-rimedju xieraq għal dan il-ksur.

99. Il-qorti tibda biex tgħid illi taqbel mal-appellanti illi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 319 ma jegħelbux lil dawk tal-Kostituzzjoni u għalhekk f'każ ta' konflitt hija l-Kostituzzjoni li għandha tipprevali. Fil-fatt l-atturi ma humiex qegħdin ifittxu li jimpunjaw id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar tqassim ta' siġġijiet fil-Parlament iżda anzi qegħdin ifittxu riżultat li jkun aktar jaqbel ma' dawk id-disposizzjonijiet.

100. L-appellanti iżda jgħidu illi r-rimedju mogħti mill-ewwel qorti jikser il-Kostituzzjoni u għalhekk ma huwiex rimedju li jista' jingħata.

101. L-Avukat Ġenerali jgħid illi r-rimedju mogħti mill-ewwel qorti mhux biss ma kienx wieħed xieraq iżda wkoll jikser il-Kostituzzjoni. Beda biex igħid illi l-Kostituzzjoni hija ġerarkikament ogħla mill-Kap. 319 u għalhekk fejn hemm konflitt għandha tipprevali l-Kostituzzjoni:

> »L-artikolu 2 tal-Kap. 319 huwa ċar fis-sens illi:
>
> > »"'liġi ordinarja' tfisser kull dokument li għandu s-saħħa ta' liġi u kull regola ta' liġi mhux miktuba, minbarra l-Kostituzzjoni ta' Malta."
>
> »Dan ifisser illi l-Kostituzzjoni stess ma tistax tiġi sindakata mill-qrati dwar jekk hijiex konformi mal-Konvenzjoni. Dan jagħmel ukoll sens legali u loġiku peress illi l-Qrati Maltin huma qrati illi l-eżistenza u l-garanziji tagħhom huma bażati fil-Kostituzzjoni u allura jekk jiddeleġittimaw lill-istess Kostituzzjoni jkunu fil-fatt qegħdin indirettament jiddeleġittimaw lilhom infushom. Dan apparti l-fatt illi l-Kostituzzjoni hija l-liġi fondamentali tal-istat u ma jista' jkun hemm allura ebda liġi oħra applikabbli fl-istat li tkun suprema għall-Kostituzzjoni stess ħlief jekk il-Kostituzzjoni nfisha tippermetti dan, f'liema każ is-supremazija tkun ġejja mill-Kostituzzjoni u mhux minn dik il-liġi.
>
> »F'dan il-kuntest l-esponent jissottometti illi l-ewwel onorabbli qorti ma setgħetx impliċitament issib illi r-rimedju provdut mill-Kostituzzjoni (art.

56) kontra l-abbużi fl-elezzjonijiet (atti ta' korruzzjoni, reati oħra u ndħil barrani) huma karenti fir-rigward tal-ottemperanza mal-Konvenzjoni.

»Dak l-eżerċizzju, *se mai*, tista' tagħmlu biss il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li għaliha kull persuna preżenti f'Malta għandu dritt ta' aċċess iżda ma jistax isir fil-qafas kostituzzjonali u legali domestiku fejn talba biex isir tali eserċizzju bażat fuq il-Konvenzjoni biss tkun affetta minn nuqqas ta' ġurisdizzjoni.«

102. Imbagħad kompla fisser l-aggravju hekk:

» Il-qorti … … … ordnat lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tiddikjara bħala eletti biex jimlew żewġ postijiet addizzjonali żewġ kandidati tal-Partit Nazzjonalista li ġew akkreditati mill-Kummissjoni Elettorali bl-ogħola jew bin-numru ta' voti li jmiss l-aktar għoli mingħajr ma jkunu ġew eletti, irrispettivament mid-distrett minn fejn inkiseb dan l-ogħola numru ta' voti jew ta' voti li jmiss l-aktar għoli, u dan "a tenur tal-artikolu 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dana kollu fi żmien xahar mil-lum".

»… … …

»Dan it-tip ta' eżerċizzju ma jaqax fil-poteri tal-qorti li tkun qiegħda tagħti rimedju skont il-Kap. 319 għax il-Kap. 319 huwa liġi ordinarja li ma japplikax għall-Kostituzzjoni u għalhekk ċertament li ma tistax abbażi tiegħu tiġi *de iure* jew *de facto* emendata jew stultifikata l-Kostituzzjoni.

»Il-mod kif jigi elett il-Parlament huwa ukoll materja Kostituzzjonali li ma tistax tiġi mibdula mingħajr ma tinbidel il-Kostituzzjoni u biss abbażi tal-poter diskrezzjonali tal-qorti taħt il-Kap. 319. Huwa inawdit illi qorti li tkun qed tagħti rimedju taħt liġi ordinarja tbiddel proċess kostituzzjonali.

»L-esponent isostni illi anke l-Qorti Kostituzzjonali li tkun qed tagħti rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni hija wkoll tenuta illi tirrispetta s-separazzjoni tar-poteri u l-ugwaljanza tal-artikoli kostituzzjonali *multo magis* qorti li tkun qed tagħti rimedju taħt il-Kap. 319.

»Għalhekk ir-rimedju mogħti fis-sentenza appellata, apparti li hu għal kollox barra minn loku u sproporzjonat għax ir-rappreżentanza tal-partiti fil-Parlament hija diġà in proporzjon mal-voti li ġabu in relazzjoni ma' xulxin, huwa wkoll *ultra vires* il-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tal-qorti speċjalment meta qed tieħu konjizzjoni ta' rikors taħt il-Kap. 319.

»Għandu jingħad ukoll illi rimedju illi permezz tiegħu l-qorti li ma tkunx il-Qorti Kostituzzjonali li tkun qed taġixxi taħt l-artikolu 55 tal-Kostituzzjoni tħassar elezzjoni jew timbarka fuq tqassim mill-ġdid ta' siġġijiet fil-Kamra jmur kontra l-prinċipju fondamentali tal-Kostituzzjon li huwa s-separazzjoni tal-poteri.

»Il-vjolazzjoni tas-separazzjoni tal-poteri tmur espressament kontra l-istat tad-dritt illi huwa fondamentali għall-Konvenzjoni u għall-Kunsill tal-Ewropa.

»Punt ieħor li donnu ġie sorvolat fis-sentenza appellata huwa l-*punctum temporis* li fih iż-żewġ siġġijiet ġodda għandhom jitqiesu li żdiedu fil-Kamra u l-effett li dan jista' jkollu fuq il-legittimità ta' dak li

wettqet il-Kamra minn April 2013. Dan huwa punt ta’ serjetà kbira li ma jistax ma jiġix meqjus.

»Huwa konformi mal-istat tad-dritt illi leġislatura eletta b’mandat ċar titqiegħed fid-dubbju in kwantu għal-legittimità tagħha minħabba żewġ żbalji li *del resto* ġew rimedjati *tramite* l-Kostituzzjoni stess?

»Għall-esponent ir-risposta hija manifestament ‘le’ u n-nuqqas ta’ konsiderazzjoni ta’ kif “rimedju” jista’ jiddeleġittima Parlament elett demokratikament tikkostitwixxi forsi l-akbar lakuna fis-sentenza appellata liema lakuna turi l-iskorrettezza ta’ dik is-sentenza u l-periklu tal-avventuriżmu f’dawn it-tipi ta’ rimedji li kostituzzjonalment huwa verament logħob man-nar.

»Għaldaqstant l-esponenti jissottometti illi r-rimedju mogħti taħt il-ħames talba m’huwiex meqjus u għandu fi kwalunkwe każ jiġi revokat.«

103. Dwar ir-rimedju, id-Deputati Laburisti jargumentaw hekk:

»… … …il-qorti ma kellhiex tindaħal fit-tħaddim tas-sistema billi tippretendi li tassumi poteri perikolużi li tindaħal fil-komposizzjoni tal-leġislatura u t-tħaddim tal-liġijiet elettorali, meta din hija materja riservata għall-Kummissjoni Elettorali u l-Qorti Kostituzzjonali.

»Dak li għamlet l-ewwel qorti joħloq preċedent perikoluż. Il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni tużurpa l-poteri tal-Qorti Kostituzzjonali u tissindika l-proċess elettorali biex tapplika dak li hija jidhrilha kellha tkun il-proċedura korretta li trid il-Kostituzzjoni fl-artikoli 52 u 56, u li tissostitwixxi l-fehma jew id-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni Elettorali bi ksur tal-artikolu 60(9) tal-Kostituzzjoni u saħansitra tasal li tibdel il-komposizzjoni tad-deputati fil-Parlament.

»… … …

»… … … L-esponenti ma jaqblux li kien hemm lok għal xi rimedju limitat għal dikjarazzjoni ta’ leżjoni. L-esponenti kienu konsistenti fis-sottomissjoniet tagħhom li ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll u għalhekk ma hemm lok għal ebda rimedju. F’kull każ il-qorti ma kellha ebda poter li tivvinta rimedju u biex tirranġa ‘żball’ tordna lill-Kummissjoni Elettorali tagħmel dak li bir-regoli maqbula u stabbiliti bil-Kostituzzjoni u bil-liġijiet elettorali m’għandhiex dritt tagħmel. Huwa preċedent perikoluż li l-qorti tarroga fuqha nnifisha d-dritt li tibdel il-komposizzjoni tal-Parlament. Ma setgħetx u m’għandhiex poter li tordna lill-Kummissjoni Elettorali teleġġi żewġ deputati oħra. Huwa ndħil seiju fil-funzjonijiet leġislativi li l-qorti tarroga fuqha poteri leġislativi b’mod indirett billi tordna lill-kummissjoni biex tagħmel regolamenti biex tkun tista’ tiftaħ l-għadd tal-voti li diġà ngħalqu.«

104. Il-Kummissjoni Elettorali fissret hekk l-aggravju dwar ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti:

»… … … [M]a hijiex fil-mansjoni tal-qorti, u ċertament mhux tal-Prim’Awla, li tiddeċidi min għandhom ikunu r-rappreżentanti tal-poplu.

Dik hija mansjoni li tispetta esklużivament lill-poplu u meta tiġi eżercitata f'każijiet rarissimi mill-Kamra tad-Deputati tiġi eżercitata fir-rispett ta' dak l-element ta' rappreżentatività. Dak però li qiegħed jiġri bir-rimedju li qalet li tagħti l-ewwel onorabbli qorti hija li dik l-għażla għaddiet f'idejn il-qrati u f'idejn il-kummissjoni. Dan mhux ammissibili għaliex iwassal direttament għal vjolazzjoni iktar serja ta' dak prefiss mill-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea li tipprefiġġi li l-għażla tad-deputati għandha tkun permezz ta' elezzjonijiet ħielsa u mhux permezz ta' deċiżjonijiet meħuda mill-qrati.«

105. Il-Partit Laburista qal hekk dwar ir-rimedju:

»… … … [J]ekk *gratia argomenti* dina l-onorabbli qorti tħoss li r-rikorrenti għandhom ilment fondat, huwa inkonċepibbli li jiġi akkordat ir-rimedju li ngħata mill-ewwel qorti. Il-qrati ma humiex aditi minn liġijiet ordinarji bħal ma huwa l-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li jintromettu fil-komposizzjoni tal-Kamra tad-Deputati. Ikun preċedent perikoluż ħafna li qorti, li ma hix dik Kostituzzjonali u li hija ta' prim'istanza, lil hinn mill-proċedura *ad hoc* maħsuba fil-liġi tintrometti ruħha f'dan il-kamp bil-mod kif qed ikun pretiż, meta kjarament m'għandhiex il-kompetenza li tagħmel dan.

»Illi minkejja s-setgħat aktar wiesa' tal-qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, xorta għandu jipprevali l-prinċipju enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet <u>Reginald Fava *pro et noe v.* Awtorità Dwar il-Mediċini *et*</u> (ċitaz. nru 594/2007) deċiża fl-10 ta' Lulju 2012, li:

> "r-rikorrenti kellu kull dritt li jiltob li l-qorti tissindika l-operat dwar il-ħruġ ta' liċenzja fil-parametri oġġettivi elenkati mil-liġi. Il-qorti għandha l-obbligu tissindika l-għemil amministrattiv biex tevalwa jekk kienx *ultra vires* u jekk ġewx osservati r-regolamenti kollha u l-kriterji li joħorġu mil-liġi. Irid isir l-istħarriġ ġudizzjarju u l-qorti għandha ġurisdizzjoni tistħarreġ il-validità tal-għemil amministrattiv u f'xi każijiet tiddikiara għemil null, invalidu u mingħair effett (*may enquire into the validity of any administrative act*). Iżda l-qorti m'għandhiex il-mansjoni li tevalwa hi stess l-applikazzjoni u tiddeċiedi fuqha minħabba li jekk tagħmel dan tkun qed tużurpa l-funzjoniiiet amministrativi. Ċertament tali deċiżjoni trid tittieħed mal-kriterji kollha stabbiliti fil-liġi u ċertament mhux applikabbli *freezes* amministrativi f'dan l-istadju. Il-kompetenza tal-qorti hija limitata biex tordna li tittieħed deċiżjoni u biex tħassar deċiżjoni, iżda mhux biex hi stess tieħu d-deċiżjoni ftok l-awtorità kompetenti. Jibqa' f'idejn is-Supretendent tas-Saħħa d-diskrezzjoni li jieħu d-deċiżjoni."

»Illi għalhekk l-ewwel onorabbli qorti, filwaqt li kellha s-setgħa li tagħti rimedju xieraq (ġaladarba rriskontrat leżjoni tal-artikolu msemmi mir-rikorrenti), ma setgħetx tarroga għaliha s-setgħa li żżid żewġ siġġijiet ma' dawk li ottjena l-partit rikorrent, u tikkonverti lilha nnifisha f'Kummissjoni Elettorali u tagħti r-rimedju li tat.

»Illi l-ewwel qorti ġġustifikat is-setgħa tagħha li tista' żżid mas-siġġijiet ottjenuti minn partit politiku b'dan il-mod fis-sentenza appellata:

> »"Skont l-artikolu 56(5) tal-Kostituzzjoni l-Qorti Kostituzzjonali jkollha s-setgħa li tannulla l-elezzjoni, fid-distretti elettorali kollha jew f'wieħed jew aktar minnhom, għal kull waħda mir-raġunijiet

imsemmija f'dawk is-subartikoti, u li tagħti dawk id-direttivi u ordnijiet u li tagħti dawk ir-rimedji jew provvedimenti oħra li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi u b'mod partikolari biex tiżgura li elezzjoni ħielsa, minflok dik li tkun ġiet annullata, issir mill-aktar fis possibbli. Dawn is-setgħat huma 'bla ħsara għal kull setgħat oħra' li għandha l-qorti."

»B'hekk il-qorti interpretat il-parti tal-art. 56(5) tal-Kostituzzjoni li taqra "bla ħsara għal kull setgħat oħra" bħala li tirradikalha s-setgħa li żżid siġġijiet ma' dawk ottjenuti minn partit politiku. Din hi konklużjoni, bid-dovut rigward, li hi *non sequitur*. Dan għaliex is-setgħa primarja li għandha l-Qorti Kostituzzjonali skont dak l-artikolu hi li "tiżgura li elezzjoni ħielsa, minflok dik li tkun ġiet annullata, issir mill-aktar fis possibbli", u r-rimedji l-oħra li tista' tagħti huma ancillari għal dik is-setgħa prinċipali. Hu ikun mill-aktar kontro-sens, kieku wieħed kellu jabbraċċja r-raġunament li waslet għalih l-ewwel onorabbli qorti, li l-Qorti Kostituzzjonali skont dan l-artikolu tannulla elezzjoni, tagħti rimedji biex jiġi żgurat li ssir elezzjoni ħielsa minflok dik annullata, u fl-istess waqt talloka numru ta' siġġijiet lil partit politiku. X'elezzjoni ħielsa mill-ġdid tkun dik, jekk tkun kundizzjonata *a priori* minn numru ta' siġġijiet li l-qorti tagħti minn qabel issir dik l-elezzjoni ħielsa lil partit politiku, meta huwa biss l-elettorat li għandu dik is-setgħa, bis-saħħa tal-vot tiegħu? B'kull dovut rigward lejn l-ewwel qorti, din il-konklużjoni tammonta għal spropożitu enormi – u dan l-ispropożitu l-qorti daħlet fih għaliex injorat dak li kellu jkun evidenti għaliha, u *cioè* li l-art. 56(5) tal-Kostituzzjoni, b'mod analogu għall-art. 3 tal-Ewwel Protokoll, jirregola sitwazzjoni fejn elezzjoni ma tkunx *just and fair*, u għalhekk jipprovdi għat-tħassir tagħha u sabiex issir elezzjoni ħielsa mill-ġdid. U għalhekk il-frażi "bla ħsara għal kull setgħat oħra", moqrija fil-kuntest ta' dan l-artikolu, teskludi li qatt qorti tista' talloka siġġijiet lil partit politiku, għaliex dan ir-rimedju jikkozza ma' elezzjoni annullata u ma' elezzjoni ħielsa li trid issir mill-ġdid, li huma r-rimedji prinċipali li jemerġu minn dan l-artikolu meta jkun hemm *corrupt practice* involuta.«

106. Il-qorti tosserva illi rimedju għall-ksur ta' dritt fondamentali għandu jkun wieħed effettiv fis-sens illi ma jħallix illi jitkompla jseħħ il-ksur tad-dritt ukoll wara li jkun ingħata r-rimedju. Tassew illi jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn dikjarazzjoni ta' ksur titqies rimedju biżżejjed, iżda mhux f'każijiet fejn il-konsegwenzi tal-ksur ikomplu joħolqu preġudizzju għall-vittma. Huwa minnu wkoll illi rimedju jista' jkun biss wieħed pekunjarju, fejn il-ħlas ta' flus jagħmel tajjeb għall-ksur. Dak ir-rimedju jkun xieraq meta ma jkunx hemm mezzi oħra kif tagħmel tajjeb għall-ksur għax għal ċerti ħsarat ma tistax treġġa' lura l-arloġġ.

Madankollu, rimedju li jwaqqaf darba għal dejjem l-istat ta' ksur ta' dritt, b'mod li l-vittma ta' ksur jingħata *restitutio in integrum* u ma jibqax aktar ibati l-konsegwenzi, huwa, fejn possibbli, preferibbli.

107. Dak li qalet il-Qorti Ewropea dwar rimedju xieraq meta dik il-qorti ssib ksur tal-Konvenzjoni jgħodd ukoll meta tkun qorti domestika li ssib dak il-ksur:

> »193. In the context of the execution of judgments in accordance with Article 46 of the Convention, a judgment in which the Court finds a breach of the Convention imposes on the respondent State a legal obligation under that provision to put an end to the breach and to make reparation for its consequences in such a way as to restore as far as possible the situation existing before the breach. If, on the other hand, national law does not allow, or allows only partial reparation to be made for the consequences of the breach, Article 41 empowers the Court to afford the injured party such satisfaction as appears to it to be appropriate. It follows, *inter alia*, that a judgment in which the Court finds a violation of the Convention or its Protocols imposes on the respondent State a legal obligation not just to pay those concerned the sums awarded by way of just satisfaction, but also to choose, subject to supervision by the Committee of Ministers, the general and/or, if appropriate, individual measures to be adopted in its domestic legal order to put an end to the violation found by the Court and make all feasible reparation for its consequences in such a way as to restore as far as possible the situation existing before the breach.[33]«

108. Fil-każ tallum – fejn il-ksur huwa kawżat minn nuqqas ta' żewġ siġġijiet – l-aktar rimedju ovvju u effettiv huwa r-rimedju li tat l-ewwel qorti, *viz.* illi dawk is-siġġijiet jingħataw lil min jistħoqqu mingħajr iżda ma titħassar l-elezzjoni ta' min ġie elett "bi żball"; rimedju ieħor iħalli l-vjolazzjoni fis-seħħ u għalhekk ma jkunx rimedju biżżejjed.

109. Il-qorti taqbel illi rimedju li jikser il-Kostituzzjoni ma jistax jingħata, ukoll jekk dak ir-rimedju jkun wieħed xieraq u meħtieġ biex jagħmel tajjeb għal ksur ta' dritt imħares taħt il-Konvenzjoni. Madankollu, id-

---

[33] Volkov *v.* L-Ukrajna, Q.E.D.B. 9 ta' Jannar 2013, rik. 21722/2011.

disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni, safejn inkorporati fil-liġi domestika bis-saħħa tal-Kap. 319, ma għandhomx faċilment jiġu interpretati bħala inkompatibbli mal-Kostituzzjoni fejn interpretazzjoni oħra hija possibbli. Safejn possibbli, id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u dawk tal-Konvenzjoni għandhom jiġu interpretati fuq il-premessa li huma kompatibbli ma' xulxin, ukoll biex tiġi evitata l-ħtieġa, imsemmija mill-Avukat Ġenerali, ta' rikors quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jista' jwassal biex il-pajjiż jinstab ħati ta' ksur ta' drittijiet fondamentali f'*forum* internazzjonali, li ma tkunx ħaġa xierqa u li fejn jista' jkun għandha tiġi evitata.

110. Is-supremazija tal-Kostituzzjoni ma twassalx għall-konsegwenza illi, kif igħid l-Avukat Ġenerali, "l-ewwel … qorti ma setgħetx impliċita-ment issib illi r-rimedju provdut mill-Kostituzzjoni (art. 56) kontra l-abbużi fl-elezzjonijiet (atti ta' korruzzjoni, reati oħra u ndħil barrani) huma karenti fir-rigward tal-ottemperanza mal-Konvenzjoni". Il-fatt illi l-garanziji li tagħti l-Konvenzjoni, safejn inkorporata fil-Kap. 319, huma aktar minn dawk li tagħti l-Kostituzzjoni ma jfissirx illi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huma inkompatibbli ma' xulxin. Jista' leġittimament jiġri illi għemil ma jkunx bi ksur ta' dritt mogħti mill-Kostituzzjoni iżda bi ksur ta' dritt taħt il-Konvenzjoni, u *vice versa*: ma jfissirx b'hekk illi d-dritt taħt il-Konvenzjoni huwa illeċitu għax mhux garantit ukoll taħt il-Kostituzzjoni.

111. Dwar l-argument tal-Avukat Ġenerali fuq il-*punctum temporis*, huwa minnu illi, għalkemm id-differenza ta' seba' siġġijiet flok disgħa kellha

sseħħ sa mill-bidu tal-leġislatura, ir-rimedju ma jistax jingħata *ex tunc* bla ma joħloq dubji dwar il-validità ta' dak li sar mil-leġislatura bejn l-elezzjoni u llum, li, kif sewwa josserva l-Avukat Ġenerali, ma tkunx ħaġa xierqa u forsi wkoll kontra ċ-ċertezza fi żmien qasir li trid il-Kostituzzjoni. Madankollu, il-fatt illi r-rimedju sejjer jingħata b'seħħ millum flok b'seħħ *ex tunc* ikompli jiggrava *se mai* il-leżjoni li ġarrbu l-atturi u għalhekk ma għandux iwassal biex il-leżjoni titħalla tiggrava aktar billi r-rimedju ma jingħata qatt flok jingħata tard.

112. L-argument tal-Avukat Ġenerali kien forsi jkollu aktar forza li kieku l-ewwel qorti ħassret l-elezzjoni tal-kandidat li ġie elett flok il-kandidat li kellu jiġi elett mit-tmien distrett, għax dan kien jolqot iċ-ċertezza li trid il-Kostituzzjoni billi joħloq dubju dwar il-validità ta' dak li jkun sar fil-Parlament bis-saħħa tal-vot tad-deputat li l-elezzjoni tiegħu tit-ħassar. Iżda l-ewwel qorti – x'aktarx għall-istess raġunijiet illi immotivaw il-preokkupazzjoni tal-Avukat Ġenerali – ma tatx dak ir-rimedju, u din kienet għażla meqjusa u għaqlija. Ir-rimedju mogħti, iżda, li ma jolqotx il-validità ta' dak kollu li għamlet il-leġislatura sallum, huwa rimedju proporzjonat u wkoll fl-istess ħin effettiv. Lanqas ma huwa f'konflitt mal-art. 63 tal-Kostituzzjoni għax ma jagħtix deċiżjonijiet dwar materji mħollija fil-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali bħala qorti tal-ewwel grad: ma jolqotx il-validità tal-elezzjoni ta' min ġie elett bħala membru tal-Kamra tad-Deputati (para. (*a*)), ma jagħtix deċiżjoni dwar jekk membru ivvakax, jew għandux jivvaka, l-post tiegħu jew għandux ikun meħtieġ li jtemm

milli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bħala membru (para. (*b*)), u ma jagħtix deċiżjoni dwar il-validità tal-elezzjoni għal *Speaker* (para. (*ċ*)).

113. L-argument dwar is-separazzjoni tal-poteri huwa korrett fejn jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tordna lill-Kummissjoni Elettorali "sabiex tagħmel dawk ir-regolamenti meħtieġa li eċċezzjonalment jipprevedu li jerġgħu jinfetħu l-għadd ta' voti li ġà ngħalqu". L-ewwel qorti kellha tagħti rimedju għall-każ li kellha quddiemha u mhux taħseb għal każijiet ipotetiċi li jistgħu jinqalgħu 'il quddiem billi tordna li ssir leġislazzjoni; sewwa jgħidu l-appellanti li dik il-parti tad-deċiżjoni kienet *ultra vires.*

114. Għall-bqija iżda, l-argument tal-appellanti ma huwiex korrett. Bir-rimedu li tat, l-ewwel qorti ma ħaditx għaliha setgħat leġislativi jew esekutivi iżda biss – bħal ma wara kollox tagħmel qorti b'ġuris-dizzjoni kostituzzjonali kull meta ssib ksur ta' dritt fondamentali – żammet milli jitkompla l-istat ta' illegalità kawżat minn dak il-ksur. Lanqas ma hija qiegħda l-qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik ta' xi awtorità oħra jew dik tal-elettorat; qiegħda anzi tara li jingħata effett lir-riżultat li lejh jimmira is-sistema elettorali Malti; ma hijiex qiegħda tieħu deċiżjoni għal ħaddieħor: qiegħda biss tara li titħares u titwettaq id-deċiżjoni meħuda mill-votanti.

115. Lanqas ma huwa korrett l-argument tal-Partit Laburista illi s-setgħa li għandha l-qorti huwa biss li tħassar l-elezzjoni. Bla ma ngħidu wkoll li dak ir-rimedju, f'dan l-istadju, ikun wisq radikali u x'aktarx imur kontra ċ-ċertezza fi żmien qasir li trid il-Kostituzzjoni, dak huwa r-rimedju

applikabbli fiċ-ċirkostanzi li jaħseb għalihom l-art. 56 tal-Kostituzzjoni, li ma humiex neċessarjament iċ-ċirkostanzi li fihom ikun hemm ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti kien aktar proporzjonat, anqas radikali u fl-istess ħin kien xieraq u biżżejjed; fi kliem ieħor kien rimedju meqjus u għaqli fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum għax huwa rimedju tajjeb u biżżejjed u fl-istess ħin ma joħloqx dubji dwar il-validità ta' dak li sar fil-Parlament sallum.

116. L-aggravju dwar ir-rimedju – ħlief għal dak illi jingħad fil-paragrafu 113 *supra* dwar l-ordni lill-Kummissjoni elettorali biex tagħmel regolamenti – huwa għalhekk miċħud.

<u>L-appell inċidentali</u>

117. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali tal-atturi u tal-konvenut imsejjaħ fil-kawża Edwin Vassallo minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet l-ilmenti tal-atturi dwar dak li ġara fit-tlittax-il distrett. L-atturi fissru l-appell inċidentali hekk:

> » Illi fis-sentenza tagħha l-ewwel qorti iddeċidiet billi laqgħet it-tieni talba fil-konfront tal-Partit Nazzjonalista u mhux fil-konfront ta' Frederick Azzopardi, kif ukoll laqgħet it-talba numerata 5 limitatament għar-rikorrenti kollha ħlief fir-rigward ta' Azzopardi filwaqt li laqgħet il-kumplament tat-talbiet kollha.
>
> »Illi mill-provi irriżulta b'mod ampju illi l-għaxar votl tal-Partit Nazzjonalista mitlufa fuq it-Tiettax-il Distrett kienu finalment misjuba mill-Kummissioni Elettorali. Dan ġie ikkonfermat mill-Kummissarju Elettorali il-Maġġur Vanni Ganado fix-xiehda tiegħu fejn ikkonferma:
>
>> »"Biss meta ġew biex il-voti jiġu ssiljati xi ħadd ra pakkett b'għaxar (10) voti, qal 'mela hemm huma l-għaxra (10)' ...
>>
>> »"Jigifieri l-i*staff*, meta tispiċċa *election in a division* il-voti kollha jiġu ssiljati b'kandidat, kandidat bil-dik tagħhom. Mela waqt li qegħdin jissiljawhom sabu pakkett ta' għaxra, imma dak il-pakkett ma ġiex eżaminat, jiġifieri ma nistgħux ngħidu jekk hemmx tnejn

(2), wieħed (1), xejn ta' Frederick u li jaffettwa r-riżultat, ma nistgħux ngħiduh."

»Illi din il-mankanza wasslet biex tat minoranza distrettwali lill-Partit Nazzjonalista meta x-xewqa tal-eletturi kienet li kemm fil-bidu tal-għadd, sal-aħħar għadd (magħdudin dawn il-voti) il-maġġoranza distrettwali, bħal-fil-kaz tat-tmien distrett, kienet favur il-Partit Nazzjonalista.

»Illi għalhekk, mill-provi prodotti jirriżulta li x-xewqat tal-elettur u l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu Għawdxi fl-għażla ta' min jirrappreżentah fit-tlettax-il distrett ġie vjolat id-dritt tagħhom kif espress f'artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kif abbraċċjat ukoll fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Illi għar-raġunijiet suesposti l-esponenti umliment jissottomettu li mill-provi prodotti mir-rikorrenti jeżistu l-elementi kollha sabiex din il-qorti tilqa' t-tieini talba tagħhom fir-rikors promotur mhux limitatament fil-konfront tal-Partit Nazzjonalista u taqleb id-deċiżjoni tal-ewwel qorti billi tiddikjara li l-mankanzi fil-proċess elettorali fuq it-tlettax-il distrett imorru kontra l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokol għall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement titqa' t-talba kollha kontenuta fil-ħames talba tar-rikorrenti, tordna li jiġu indirizzati l-iżbalji magħmula mill-Kummissjoni Elettorali b'tali mod billi (1) r-riżultat elettorali jiġi korrett bin-numru ta' deputati eletti fil-Parlament li jirrifletti rappreżentanza proporzjonali skont l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u biex id-distakk ta' siġġijiet jinżel għal seba' siġġijiet kif tipprovdi il-Kostituzzjoni kontra d-distakk ta' disa' siġġijiet kif wassal l-istess żball; (2) li l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġistatura tiġi rispettata u dan ukoll billi … … … Frederick Azzopardi jiġi dikjarat li ġie elett skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali.«

118. Safejn f'dan l-aggravju qiegħed jintalab illi "d-distakk ta' siġġijiet jinżel għal seba' siġġijiet", ġà rajna illi s-sentenza appellata ġà tat dak ir-rimedju u f'hekk sejra tiġi konfermata, indipendentement mill-appell inċidentali. Għall-bqija, iżda, l-appell inċidentali ma jistax jintlaqa', għal bosta raġunijiet.

119. L-ewwelnett, kif qalet is-sentenza appellata u kif jidher ukoll mix-xiehda tal-Maġġur Vanni Ganado riprodotta fl-appell inċidentali, ma hemmx xiehda konkluživa illi l-għaxar voti "mitlufa" kienu tassew ta' Frederick Azzopardi. Huwa minnu illi ladarba kienu voti bl-ewwel preferenza lil kandidati tal-Partit Nazzjonalista x'aktarx illi l-biċċa l-

kbira kienet sejra tintiret minn Frederick Azzopardi bħala l-aħħar kandidat tal-Partit Nazzjonalista li baqa' "mdendel", iżda mhux bilfors ikun hekk għax jista' jkun li wħud mill-voti ma jkunux trasferibbli jew ukoll jistgħu jintirtu minn kandidat ta' partit ieħor. Ma tistax tgħid għalhekk li dawk l-għaxar (10) voti mitlufa kienu sejrin jagħmlu differenza għar-riżultat tal-aħħar għadd.

120. It-tieni raġuni hija illi l-elezzjoni tal-kandidati mid-distretti tiddependi mir-riżultat tal-aħħar għadd, mhux tal-ewwel għadd. Ir-riżultat tal-ewwel għadd għandu importanza għan-numru ta' kandidati miżjuda taħt l-art 52 tal-Kostituzzjoni, mhux għall-kandidati eletti mid-distretti, u għall-għanijiet tal-art. 52 l-għaxar (10) voti tqiesu fost il-voti tal-Partit Nazzjonalista.

121. Fl-aħħarnett, f'kull każ dawn l-għaxar (10) voti ma kinux sejrin jagħmlu differenza għar-riżultat finali għax ma jwasslux għal aktar siġġijiet addizzjonali għall-Partit Nazzjonalista. Fil-fatt, li kieku l-Partit Nazzjonalista tella' tliet (3) siġġijiet flok tnejn (2) mit-tlittax-il distrett ukoll (u mhux biss fit-tmien distrett), ir-riżultat qabel ma jingħataw is-siġġijiet żejda taħt l-art. 52 kien ikun sebgħa u tletin (37) siġġu għall-Partit Laburista u tmienja u għoxrin (28) għall-Partit Nazzjonalista. Dan ikun ifisser illi kull siġġu tal-Partit Laburista jkun jiswa erbat elef, ħames mija u tmienja u għoxrin (4,528) vot, sal-eqreb vot sħiħ[34],

34 167,533 ÷ 37 = 4,527.92.

waqt li kull siġġu tal-Partit Nazzjonalista jiswa erbat elef, seba' mija u tletin (4,730) vot sal-eqreb vot sħiħ[35].

122. Biex kull siġġu tal-Partit Nazzjonalista jiġi jiswa erbat elef, ħames mija u tmienja u għoxrin (4,528) vot, daqs kull siġġu tal-Partit Laburista, il-Partit Nazzjonalista kellu jtella' disgħa u għoxrin (29) siġġu, sal-eqreb siġġu sħiħ[36], *i.e.* siġġu wieħed (1) aktar mit-tmienja u għoxrin (28) li jkun tella' fl-ewwel għadd.

123. Iżda jekk il-Partit Nazzjonalista jkollu disgħa u għoxrin (29) siġġu u l-Partit Laburista sebgħa u tletin (37), in-numru ta' siġġijiet fil-Parlament jiġi biż-żewġ, bi ksur tal-Kostituzzjoni. Għalhekk il-Partit Nazzjonalista jkollu jingħata jew żewġ (2) siġġijiet jew xejn, mhux wieħed. Billi l-kalkolu matematiku jagħti lill-Partit Nazzjonalista disgħa u għoxrin punt deċimali tnejn ħamsa (29.25) siġġu, *i.e.* wieħed punt tnejn ħamsa (1.25) siġġijiet addizzjonali mat-tmienja u għoxrin (28) li ġà jkollu f'din l-ipotesi, u wieħed punt tnejn ħamsa (1.25) huwa eqreb ta' tnejn (2) milli ta' xejn, il-Partit Nazzjonalista jkollu jingħata żewġ (2) siġġijiet b'żjieda mat-tmienja u għoxrin (28) biex jiġi bi tletin (30) siġġu u d-differenza bejn il-partiti tiġi ta' seba' siġġijiet – daqskemm sejra tkun bis-saħħa tas-sentenza appellata. Għalhekk jonqos l-interess tal-Partit Nazzjonalista fl-appell inċidentali, u jonqos ukoll l-interess ta' Frederick Azzopardi billi f'kull każ huwa ġà elett bħala membru tal-Parlament.

---

35 132,426 ÷ 28 = 4,729.50.

36 132,426 ÷ 4,528 = 29.25.

124. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell inċidentali huwa miċħud.

125. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appelli ewlenin u mill-appell inċidentali billi tirriforma s-sentenza appellata:

i. tiddikjara li l-atturi deputati Nazzjonalisti ma għandhomx interess ġuridiku fl-azzjoni;

ii. tħassar is-sentenza fejn laqgħet it-tieni talba u iddikjarat illi "l-mankanza fil-proċess elettorali fuq it-tlettax-il distrett hija leżiva tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea" u tiddikjara, minflok, li l-proċess elettorali fit-tlittax-il distrett ma wassalx għal ksur tal-art. 3 tal-Ewwel Protokoll;

iii. tħassarha fejn laqgħet is-sitt talba billi iddikjarat "fir-rigward tal-Onorevoli Claudette Buttigieg … li l-mankanzi … fit-tmien distrett wasslu sabiex ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tiġi eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti" u billi ordnat "lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tagħmel dawk ir-regolamenti meħtieġa li eċċezzjonalment jipprevedu li jerġgħu jinfetħu l-għadd ta' voti li ġà ngħalqu"; u

iv. tikkonfermaha fil-bqija b'dan iżda illi ż-żmien mogħti mill-ewwel qorti meta laqgħet il-ħames talba jibda għaddej millum u b'dan ukoll illi ż-żjieda ta' żewġ siġġijiet fil-Parlament tkun bla ħsara għall-validità ta' dak kollu li sar mill-Parlament sallum.

126. Id-deputati Nazzjonalisti jħallsu l-ispejjeż relattivi għat-talbiet tagħhom. Għall-bqija l-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel qorti L-ispejjeż tal-appelli ewlenin jinqasmu hekk: ħames

ishma minn sitta ($^{5}/_{6}$) tal-ispejjeż ta' kull appell ewlieni tħallashom il-parti li ressqet dak l-appell u sehem wieħed minn sitta ($^{1}/_{6}$) iħallsuh l-atturi u l-konvenut imsejjaħ fil-kawża Edwin Vassallo; l-ispejjeż tal-appell inċidentali jħallsuhom l-atturi u l-konvenut imsejjaħ fil-kawża Edwin Vassallo flimkien.

Silvio Camilleri
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
df